KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.9.2006
KUMM(2006) 549 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Rapport ta' monitoraġġ dwar l-istat ta' preparazzjoni għall-adeżjoni fl-UE tal-Bulgarija u r-Rumanija

WERREJ

1. Introduzzjoni 3

2. Sommarju tar-riżultati tal-monitoraġġ 3

2.1. Il-Bulgarija 4

2.2. Ir-Rumanija 5

3. Salvagwardji u miżuri oħra 7

3.1. Għodda applikabbli lill-Istati Membri kollha 7

3.2. Għodda bbażati fuq it-Trattat ta' l-Adeżjoni 8

3.3. Miżuri ta' akkumpanjament previsti għall-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija 9

3.3.1. Il-Ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni 9

3.3.2. Il-fondi agrikoli 11

3.3.3. Sigurtà ta' l-ikel 12

3.3.4. Sigurtà ta' l-avjazzjoni 12

4. Konklużjoni 13

1. Introduzzjoni

Fl-2002, il-Kunsill Ewropew ħabbar l-għan tiegħu li jilqa' lill-Bulgarija u lir-Rumanija fi ħdan l-Unjoni Ewropea fl-2007, sakemm ikunu għamlu biżżejjed progress fit-twettiq tal-kriterji tas-sħubija. In-negozjati ta' l-adeżjoni tlestew f'Diċembru 2004. It-Trattat ta' l-Adeżjoni[1] ġie ffirmat f'April 2005. Sallum, it-Trattat ġie ratifikat mill-Bulgarija, ir-Rumanija u 21 Stat Membru. Ir-ratifika fl-erba' Stati Membri l-oħra tinsab għaddejja. It-Trattat jiddikjara li l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom isiru membri fl-1 ta' Jannar 2007 sakemm il-Kunsill, fuq parir tal-Kummissjoni, ma jiddeċidix li jipposponi l-adeżjoni ta' kwalunkwe pajjiż minnhom sal-1 ta' Jannar 2008.

Fir-rapport tagħha ta' Mejju 2006[2], il-Kummissjoni ddikjarat li ż-żewġ pajjiżi għandhom ikunu ppreparati għas-sħubija sa l-1 ta' Jannar 2007, sakemm huma jkunu indirizzaw numru ta' materji li għadhom mhux riżolti. Il-Kummissjoni indikat illi hija kellha terġa' tag ħmel rapport dwar l-istat ta' preparazzjoni taż-żewġ pajjiżi sal-bidu ta' Ottubru.

Dan ir-rapport jelenka l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-progress taż-żewġ pajjiżi minn Mejju 2006. Jikkonferma li l-Bulgarija u r-Rumanija għamlu aktar progress sabiex ilestu l-preparazzjonijiet tagħhom għas-sħubija, u wrew il-kapaċità tagħhom li japplikaw il-prin ċipji u l-leġiżlazzjoni ta' l-UE mill-1 ta' Jannar 2007. Huma laħqu livell għoli ta' allinjament. Madankollu, il-Kummissjoni tidentifika wkoll numru ta' oqsma li għadhom i ħassbuha, u kif ukoll oqsma fejn il-Kummissjoni għandha tibda tieħu miżuri xierqa sabiex tassigura l-funzjonament tajjeb ta' l-UE, sakemm il-pajjiżi ma jiħdux b'mod immedjat azzjoni korrettiva. Iż-żewġ pajjiżi huma ferm imħeġġa sabiex jagħmlu użu tajjeb mix-xhur ta' qabel l-adeżjoni, sabiex jindirizzaw il-materji pendenti.

2. Sommarju tar-riżultati tal-monitoraġġ

Din is-sezzjoni tiġbor fil-qosor il-progress ta' kull pajjiż minn Mejju 2006. Ir-rapport jiffoka prinċipalment fuq l-oqsma enfasiżżati fil-konklużjoni tar-rapport ta' Mejju 2006 li jeħtieġu azzjoni immedjata jew aktar sforzi. Għall-Bulgarija, dawn huma s-sistema ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-ħasil tal-flus, is-sistema integrata ta' kontroll u amministrazzjoni għall-agrikoltura (IACS), l-enkefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSE), u l-kontroll finanzjarju. Għar-Rumanija, dawn huma aktar sforzi fis-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-IACS, l-Aġenziji tal-Ħlas, it-TSE u l-interkonnettività tas-sistemi tat-taxxa.

B'żieda ma' dan, ir-rapport jenfasizza fil-qosor il-progress magħmul fir-rigward tal-kriterji politiċi, ekonomiċi u ta' l-*acquis*.

2.1. Il-Bulgarija

[1] It-Trattat ta' l-Adeżjoni jikkonsisti fit-Trattat bejn l-Istati Membri kollha tal-preżent u l-Bulgarija u r-Rumanija, il-Protokoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-adeżjoni taż-żewġ pajjiżi u l-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustament tat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni.

[2] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2006) 214, 16.5.Mejju 2006.

Kien hemm xi progress fir-riforma tas-**sistema ġudizzjarja**. Ġew introdotti regoli li jistabbilixxu proċeduri oġġettivi għall-ħatra u l-valutazzjoni tal-maġistrati. Il-proċeduri ta' qabel is-smigħ ġew imtejba bl-introduzzjoni ta' proċedura mgħaġġla. Aktar riforma hija meħtieġa fil-Kunsill Suprem Ġudizzjajru, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontabilità u l-kapaċità tiegħu li jamministra b'mod effettiv il-ġudikatura, sabiex jiġu assigurati t-trasparenza u l-effiċjenza tal-proċessi ġudizzjarji. Għad hemm diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-proċeduri kriminali. Il-kodiċi ta' proċedura ċivili u l-att dwar is-sistema ġudizzjarja għadhom ma ġewx adottati. Jeħtieġ li jiġu adottati l-emendi għall-Kostituzzjoni.

Il-qafas legiżlattiv għall-**ġlieda kontra l-korruzzjoni** ġie imtejjeb bl-adozzjoni ta' emendi għal-liġijiet dwar il-partiti politiċi u dwar il-pubbliċità tal-proprjetajiet ta' l-uffiċjali għolja. Il-ministri kollha ppubblikaw fuq l-internet id-dikjarazzjonijiet ta' l-attiv tagħhom. Madankollu, kien hemm biss ftit eżempji konkreti ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjoni jew akkużi ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Il-korruzzjoni għadha problema. L-amministrazzjoni pubblika, inklużi l-aġenziji li jiġbru t-taxxa fuq il-fruntiera u l-amministrazzjoni lokali għadhom partikolarment vulnerabbli.

Fil-qasam tal-**ħasil tal-flus**, il-leġiżlazzjoni Bulgara hija issa fil-parti l-kbira tagħha skond l-*acquis*. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni hija sallum limitata u s'issa ebda prosekuzzjonjiet b'suċċess ta' ħasil tal-flus ma jistgħu jiġu rraportati.

In-numru ta' każi dwar **kriminalità organizzata** li kellhom prosekuzzjoni b'suċċess g ħadu baxx. Statistiċi affidabbli dwar il-kriminalità għad iridu jiġu stabbiliti. L-infurzar tal-li ġi żdied u ġew reġistrati azzjonijiet ta' suċċess kontra netwerks kriminali, f'ċerti każi b'kooperazzjoni ma' Stati Membri ta' l-UE. Madankollu, għad m'hemmx kooperazzjoni biżżejjed bejn il-korpi involuti fil-ġlieda kontra l-kriminilità organizzata. Ma hemmx konfiska sistematika ta' l-assi tal-kriminali.

Dan l-aħħar sar progress tajjeb fir-rigward tat-twaqqif tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (**IACS**). Madankollu, jidher li ser ikun hemm skeda stretta biex titlesta s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Pakketti ta' l-Art/Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika (LPIS/GIS) u, bħala riżultat, hemm riskju li ma tintlaħaqx il-kwalità meħtieġa tax-xogħol li għandu jsir. Aktar minn hekk, hemm dewmien fit-twaqqif ta' linja ta' konnessjoni bejn ir-reġistru tal-Bdiewa u l-LPIS/GIS. Jibqa' riskju reali li l-IACS ma tkunx qed tiffunzjona sewwa fil-Bulgarija saż-żmien ta' l-adeżjoni. Sforzi sostnuti, u f' ċerti oqsma rinfurzati se jkunu meħtieġa sabiex it-tħaddim tal-IACS ikun assigurat.

Il-Bulgarija għamlet progress sostanzjali fir-rigward tal-ġbir u t-trattament ta' annimali mejta u ta' prodotti riżultanti mill-annimali fil-kuntest ta' l-enkefalopatiji sponġiformi tra żmissibbli (**TSE**). Il-miżuri meħtieġa ġew adottati. Madankollu, il-Bulgarija teħtieġ tiggarantixxi l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

Fil-qasam tal-**kontroll finanzjarju**, sar progress fir-rigward tal-proċess ta' akkreditazzjoni tas-Sistema Estiża ta' Implimentazzjoni Deċentralizzata (EDIS) għal xi w ħud mill-istrutturi kkonċernati għalkemm l-isforzi għall-bini tal-kapaċità għall-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali, b'mod partikolari, jeħtieġu li jiġu rinfurzati. Madankollu, ebda akkreditazzjoni għadha ma saret.

L-oqsma hawn fuq imsemmija ġew speċifikament imsemmija fil-konklużjoni tar-rapport ta' Mejju bħala oqsma li jeħtieġu aktar progress. Ir-riżultati tal-monitoraġġ għall-materji l-oħra li kienu għadhom pendenti f'Mejju 2006 huma kif ġej.

Fir-rigward ta' l-oqsma l-oħra ta' l-*acquis*, sar progress sinifikanti f'diversi partijiet tal-kapitoli ta' l-agrikoltura, is-sajd, il-protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa u l-politika so ċjali u x-xogħol. Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn il-preparazzjonijiet tal-Bulgarija huma issa fit-triq it-tajba fil-parti l-kbira ta' l-oqsma ta' l-*acquis*.

Madankollu, aktar progress għadu meħtieġ f'numru ta' oqsma oħra, bħall-inklużjoni so ċjali, id-djalogu soċjali, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u s-saħħa pubblika, l-assigurazzjoni tal-vetturi, l-enerġija u s-sigurtà nukleari, l-ambjent, l-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju ta' fondi strutturali futuri, kif ukoll il-mard ta' l-annimali.

Il-Bulgarija għamlet aktar progress bl-istabbilizzazzjoni makroekonomika u r-riforma ekonomika. It-triq preżenti tagħha tar-riforma għandha tagħmilha possibbli għall-Bulgarija li tlaħħaq mal-pressjoni tal-kompetizzjoni u l-forzi tas-suq fl-Unjoni.

B'mod ġenerali, kien hemm xi progress fl-oqsma li ġejjin: it-traffikar tal-bnedmin, il-protezzjoni tat-tfal, u l-protezzjoni u l-integrazzjoni tal-minoritajiet. Progress limitat sar fil-qasam tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, it-trattament ta' persuni b'diżabilità u s-sistema tas-saħħa mentali u x-xandir. Aktar azzjoni hija meħtieġa. Aktar minn hekk, il-Bulgarija te ħtieġ li tassigura s-sostenibbiltà tar-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika.

2.2. Ir-Rumanija

Kien hemm aktar progress fir-riforma tas-**sistema ġudizzjarja**. Il-Kunsill Superjuri tal-Ma ġistratura (CSM) beda jindirizza sfidi fundamentali bħall-unifikazzjoni ta' l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi, il-livelli ta' l-istaff u l-ammonti ta' xogħlijiet pendenti. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tjiebu filwaqt li apparat modern ta' l-IT ġie installat fil-qrati kollha u fl-uffiċċji tal-prosekuzzjoni. Madankollu, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi b'mod kompletament konsistenti fil-qrati kollha għadhom mhux assigurati. Xi membri eletti tas-CSM għadhom jiffaċċjaw kunflitti potenzjali ta' interess f'materji ta' l-ispezzjoni u materji etiċi individwali li jeffettwaw ir-reputazzjoni tas-CSM. Ebda passi għadhom ma ttieħdu sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet maniġerjali fil-Ministeru Pubbliku identifikati fir-rapport annwali l-aktar riċenti ta' l-istituzzjoni.

Kompla jsir progress fil-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**. Ġiet introdotta r-responsabbiltà kriminali għal persuni ġuridiċi u ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida li tagħmel aktar stretti r-regoli tal-finanzjament tal-partiti politiċi. Il-kwantità u l-kwalità ta' investigazzjonijiet mhux partiġjani mid-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (DNA) ta' allegazzjonjiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli komplew jiżdiedu. Madankollu, jeħtieġ li jkun hemm impenn politiku ċar sabiex jintwerew is-sostenibbiltà u l-irriversabbiltà tal-progress pożittiv riċenti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Fil-Parlament kien hemm xi attentati sabiex l-effettività ta' dawn l-isforzi tiġi sostanzjalment imnaqqsa. Il-korruzzjoni tibqa' oġġett ta' tħassib b'mod partikolari fi ħdan l-amministrazzjoni lokali.

Dan l-aħħar sar progress fir-rigward tat-twaqqif ta' l-**aġenziji tal-ħlas** u s-Sistema

Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll **(IACS)**.

Madankollu fir-rigward ta' l-aġenziji tal-ħlas, numru ta' materji għad iridu jiġu indirizzati fir-rigward ta' l-implimentazzjoni fil-ħin ta' sistema tajba ta' l-IT, is-suffiċjenza tal-persunal, l-apparat u l-postijiet ta' l-uffiċċji u kif ukoll in-nuqqas ta' kompletezza tal-parti l-kbira tal-proċeduri ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll.

Bl-istess mod numru ta' materji għad iridu jiġu indirizzati fir-rigward ta' l-IACS li g ħandhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni fil-ħin ta' sistema tajba ta' l-IT tal-IACS, l-iskeda stretta għat-tlestija tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Pakketti ta' l-Art/Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika (LPIS/GIS) u l-kwalità tagħha. Aktar minn hekk, għall-ispezzjonijiet fuq il-post jeħtieġ li jiġu impjegati u mħarrġa aktar persuni, jinxtara l-apparat, u jiġu mlestija l-manwali tal-proċedura.

Jibqa' riskju reali li l-aġenziji tal-ħlas u l-IACS ma jkunux qed jiffunzjonaw sewwa fir-Rumanija saż-żmien ta' l-adeżjoni. Sforzi rinfurzati sostnuti matul il-perjodu kollu disponibbli qabel l-introduzzjoni tas-sistema huma xorta waħda meħtieġa sabiex jiġi assigurat it-tħaddim tal-IACS.

Ir-Rumanija għamlet progress tajjeb fir-rigward tal-ġbir u t-trattament ta' annimali mejta u l-prodotti riżultanti mill-annimali **(TSE).** Madankollu, il-programm dettaljat sabiex tiġi mwaqqfa sistema ta' konformità għadu għaddej. Progress sostanzjali sar fir-rigward ta' l-interkonnettività tas-sistemi ta' l-IT tat-**taxxa**. Ir-Rumanija lestiet b'suċċess it-testijiet ta' prestazzjoni meħtieġa għas-sistemi maġġuri ta' l-IT u issa tinsab sewwa fit-triq it-tajba li taderixxi għall-obbligi tagħha f'dan il-qasam.

L-oqsma hawn fuq imsemmija ġew speċifikament imsemmija fil-konklużjoni tar-rapport ta' Mejju bħala oqsma li jeħtieġu aktar progress. Ir-riżultati tal-monitoraġġ għall-materji l-oħra li kienu għadhom pendenti f'Mejju 2006 huma kif ġej.

Fir-rigward ta' l-oqsma l-oħra ta' l-*acquis*, sar progress sinifikanti f'diversi oqsma, bħall-politika reġjonali, għalkemm l-isforzi għall-bini ta' kapaċità għall-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali, b'mod partikolari, jeħtieġu li jiġu rinfurzati, l-ambjent u l-ġustizzja u l-affarijiet interni, u kif ukoll fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Dan iwassal g ħal sitwazzjoni fejn il-preparazzjonijiet tar-Rumanija huma issa fit-triq it-tajba fil-parti l-kbira ta' l-oqsma ta' l-*acquis*.

Madankollu, aktar progress għadu meħtieġ f'numru ta' oqsma, bħal-linji ta' politika soċjali u x-xogħol inkluża s-saħħa pubblika, l-organiżmi ġenetikament modifikati, l-assigurazzjoni tal-vetturi, ir-rekwiżiti tal-kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment, il-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, l-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju ta' fondi strutturali futuri u l-mard ta' l-annimali.

Ir-Rumanija għamlet aktar progress bl-istabbilizzazzjoni makroekonomika u r-riforma ekonomika. It-triq preżenti tagħha tar-riforma għandha tagħmilha possibbli għar-Rumanija li tlaħħaq mal-pressjoni tal-kompetizzjoni u l-forzi tas-suq fl-Unjoni.

B'mod ġenerali, kien hemm xi progress fl-oqsma li ġejjin: it-traffikar tal-bnedmin, il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, ir-restituzzjoni tal-proprjetà u l-protezzjoni tat-tfal.

Progress limitat sar fit-trattament ta' persuni b'diżabilità, is-sistema tas-saħħa mentali u l-protezzjoni u l-integrazzjoni tal-minoritajiet. Aktar azzjoni hija meħtieġa. B'żieda ma' dan, ir-Rumanija teħtieġ tassigura s-sostenibbiltà tar-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika, u taqbel b'mod sħiħ mal-pożizzjonijiet esterni ta' l-UE, bħal dik dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali.

3. Salvagwardji u miżuri oħra

Ma' l-adeżjoni, il-Kummissjoni għandha, kif tagħmel fir-rigward ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor, tissorvelja l-implimentazzjoni ta' l-*acquis*. Bħal kif tagħmel fir-rigward ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor, hija għandha tapplika l-għodda kollha disponibbli fi ħdan il-**leġiżlazzjoni (*acquis*)** ta' l-**UE** fejn meħtieġ. B'żieda ma' dan, hemm għodda speċjali li japplikaw biss għall-Bulgarija u r-Rumanija. Dawn jinsabu fit-**Trattat ta' l-Adeżjoni**.

L-Artikolu 3.1 jagħti veduta ġenerali ta' l-għodda disponibbli taħt l-*acquis*. L-Artikolu 3.2 jippreżenta l-għodda bbażati fuq it-Trattat ta' l-Adeżjoni. L-Artikolu 3.3 jindika liema miżuri speċifiċi ta' akkumpanjament huma previsti għall-adeżjoni attwali tal-Bulgarija u r-Rumanija.

3.1. Għodda applikabbli lill-Istati Membri kollha

Dawn l-għodda jikkonsistu fl-azzjonijiet meħtieġa għall-prevenzjoni u rimedjali li l-Kummissjoni hija obbligata tuża sabiex tindirizza kwalunkwe nuqqas li jista' jtellef il-funzjonament tajjeb tal-linji ta' politika ta' l-UE. Dawn jinkludu miżuri ta' salvagwardja, korrezzjonijiet finanzjarji tal-fondi ta' l-UE, miżuri tal-politika tal-kompetizzjoni u proċeduri ta' ksur[3]. Dawn huma bbażati fuq l-***acquis***.

Aktar minn hekk, għal xi aspetti relatati mad-drittijiet umani, iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) għandu jkompli bil-monitoraġġ tiegħu wara l-adeżjoni taż-żewġ pajjiżi fir-rigward tal-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni relatata u l-appoġġ għall-integrazzjoni pożittiva tal-komunitajiet tal-minoranzi. L-ambitu ta' l-EUMC, li jkopri lill-Istati Membri kollha, ġie diġa estiż għall-Bulgarija u r-Rumanija.

Ma' l-adeżjoni, miżuri ta' salvagwardja bbażati fuq l-*acquis* jistgħu jiġu invokati, l-istess b ħal fil-każ ta' kwalunkwe Stat Membru, f'ħafna oqsma ta' politika (trasport, sigurtà ta' l-ikel, sigurtà ta' l-avjazzjoni, eċċ.). Dawn il-miżuri huma applikati sakemm jibqgħu l-problemi bażiċi. Il-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet jiddependu mil-leġiżlazzjoni rilevanti ta' l-UE u għalhekk tista' tvarja tul il-firxa ta' oqsma differenti ta' politika. Per e żempju, l-*acquis* jinkludi diverżi miżuri sabiex tiġi assigurata s-sigurtà ta' l-ikel fl-UE. G ħal kull marda ta' l-annimali jew tal-pjanti, Direttivi differenti jispeċifikaw miżuri li g ħandhom jittieħdu f'każ li marda bħal din isseħħ fi Stat Membru preżenti jew ġdid. Ħafna drabi dawn il-miżuri jikkonsistu fi projbizzjonijiet ta' l-esportazzjoni fis-suq intern ta' ċerti annimali jew prodotti minn Stat Membru sakemm il-marda tkun ġiet ikkontrollata jew

[3] B'żieda ma' dan, meta l-*acquis* ma jiġix applikat sewwa fi Stat Membru, il-partijiet privati u pubbliċi jistgħu jirrikorru għall-qrati nazzjonali sabiex jinfurzaw il-liġi tal-KE, u, fl-aħħar stadju, għall-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, u l-gvern tagħhom ikun qed jirriskja li jiġi kkundannat.

meqruda. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi dwar il-miżuri tas-sigurtà ta' l-ikel wara li tkun irċeviet l-opinjoni favorevoli tal-Kumitat Permanenti ta' l-UE dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali b'vot ta' maġġoranza kkwalifikata.

Il-Kummissjoni tista' tapplika miżuri ta' salvagwrdja fir-rigward tal-fondi ta' l-UE, inklużi korrezzjonijiet finanzjarji. Kwalunkwe nuqqasijiet fir-rigward ta' l-użu xieraq tal-fondi ta' l-UE jistgħu jdewmu il-ħlas tal-fondi jew jippermettu lill-Kummissjoni titlob korrezzjonijiet finanzjarji (i.e. tnaqqis minn pagamenti futuri) jew li tirkupra pagamenti.

Għall-**fondi agrikoli**, l-*acquis* jipprovdi tipi differenti ta' kontrolli. Fl-ewwel lok, l-Istati Membri huma obbligati li jkollhom aġenziji tal-ħlas akkreditati u effiċjenti sabiex ikunu assigurati l-amministrazzjoni u l-kontroll tajba ta' l-infiq ta' l-agrikoltura. Fit-tieni lok, l-Istati Membri huma wkoll meħtieġa li joperaw sistemi ta' kontroll li jaħdmu, b'mod partikolari sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (IACS) li taħdem, għall-pagamenti diretti lill-bdiewa u partijiet mill-infiq għall-iżvilupp rurali, sabiex partikolarment jiġu evitati prattiċi ta' frodi u pagamenti irregolari. Fit-tielet lok, jekk l-Istati Membri jonqsu milli joperaw dawn is-sistemi ta' kontroll kif xieraq, il-Kummissjoni, ibbażata fuq l-*acquis*, tiddeċiedi ex-post fuq korrezzjonijiet finanzjarji permezz tal-proċeduri ta' l-approvazzjoni tal-kontijiet. F'dak il-każ, il-Kummissjoni tirrifjuta milli tiffinanzja partijiet tan-nefqa agrikola. Finalment, jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm nuqqas ta' rispett lejn ir-regoli tal-Komunità jew użu abbużiv tal-fondi ta' l-UE, hija tista' tissospendi jew tnaqqas temporanjament il-ħlas ta' pagamenti bil-quddiem fuq il-bażi ta' każ b'każ.

Għal **fondi strutturali**, l-*acquis* jipprovdi erba' tipi ta' kontroll li jistgħu jwasslu għall-korrezzjonijiet finanzjarji. Fl-ewwel lok, kull Stat Membru għandu jissottometti pogrammi operattivi li jindikaw kif il-fondi se jiġu mħallsa f'kull settur. Dawn il-programmi għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni qabel ma jkunu jistgħu jsiru pagamenti. Ebda pagamenti bil-quddiem ma jistgħu jsiru sakemm il-Kummissjoni tadotta formalment il-programmi. Fit-tieni lok, kull Membru Stat għandu jipprova li jkun stabbilixxa awtoritajiet adegwati ta' amministrazzjoni, ċertifikazzjoni u verifika. Ebda pagamenti interim ma jsiru jekk il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li dawn l-awtoritajiet jaħdmu b'mod effiċjenti. Fit-tielet lok, il-ħlas korrispondenti ta' fondi għal dan il-programm jew programmi jista' jiġi interrot, sospiż jew kanċellat jekk, abbażi ta' riżultanzi tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tissuspetta jew issib każi ta' irregolaritajiet jew frodi inklużi prattiċi ta' korruzzjoni. Finalment, b'żieda ma' din il-firxa ta' miżuri ta' salvagwardja għall-fondi ta' l-UE, korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jsiru f'każ li jirriżultaw irregolaritajiet individwali jew sistematiċi mill-kontrolli regolari ex-post.

3.2. Għodda bbażati fuq it-Trattat ta' l-Adeżjoni

Taħt it-Trattat ta' l-Adeżjoni, hemm tliet tipi ta' miżuri ta' salvagwardja: is-salvagwardja ekonomika, tas-suq intern u tal-JHA[4], li jistgħu jittieħdu sa tliet snin wara l-adeżjoni. L-aħħar tnejn jistgħu jiġi invokati qabel l-adeżjoni. Kif appena stabbiliti, dawn il-miżuri jiġu applikati sakemm il-Kummissjoni tiddeċiedi li twaqqaf dawn il-miżuri meta l-problemi bażi ċi jiġu riżolti.

[4] L-Artikoli 36, 37 u 38 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni rispettivament.

B'żieda ma' dan, hemm ukoll żewġ tipi ta' arranġamenti tranżitorji, li huma wkoll delinejati hawn taħt.

Is-salvagwardja **ekonomika** tista' tiġi invokata sabiex tindirizza diffikultajiet ekonomiċi serji fl-Istati Membri tal-preżent jew il-ġodda wara l-adeżjoni.

Is-salvagwardja tas-**suq intern** tista' tiġi invokata meta Stat Membru jikkawża, jew ikun qed jirriskja li jikkawża, ksur serju tal-funzjonamet tas-suq intern. Il-Kummissjoni tista' tie ħu miżuri xierqa bħall-esklużjoni ta' dan l-istat mill-benefiċċji ta' ċerta leġiżlazzjoni dwar is-suq intern. Din is-salvagwardja tinkludi s-suq intern fis-sens wiesa' tiegħu, i.e. mhux biss l-erba' libertajiet, iżda wkoll il-linji ta' politika settorali (eż. il-kompetizzjoni, l-agrikoltura, it-trasport, it-telekomunikazzjonijiet, l-enerġija, il-protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa, l-ambjent eċċ.) fejn dawn ikollhom effetti li jaqsmu l-fruntieri.

Is-salvagwardja tal-**ġustizzja u l-affarijiet interni** tippermetti s-sospensjoni unilaterali ta' l-obbligi preżenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-pajjiż ikkonċernat, kemm fid-dritt ċivili u kif ukoll kriminali safejn għandhom x'jaqsmu l-istrumenti legali li jaqgħu taħt il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. Tista' tiġi invokata f'każ li jkun hemm nuqqasijiet serji jew riskju għall-istess f'dawn iż-żewġ oqsma.

B'żieda ma' dan, hemm **arranġamenti tranżitorji** fit-Trattat ta' l-Adeżjoni. L-ewwel kategorija tikkonsisti f'arranġamenti li ġew maqbula matul in-negozjati dwar diversi oqsma sabiex jiġi evitat tfixkil reġjonali jew settorali li huwa possibbli fl-Istati Membri l-ġodda jew l-antiki. Per eżempju, il-moviment ħieles tal-ħaddiema minn Stati Membri ġodda jista' jkun ristrett mill-Istati Membri sa seba' snin wara l-adeżjoni. L-aċċess għas-swieq nazzjonali tat-trasport tat-toroq (cabotage) ġie ristrett temporanjament.

Finalment, it-Trattat ta' l-Adeżjoni jipprevedi kategorija sekondarja ta' arranġamenti tran żitorji li l-Kummissjoni tista' tieħu matul perjodu ta' tliet snin wara l-adeżjoni fir-rigward tar-regoli veterinarji, fitosanitarji, u tas-sigurtà ta' l-ikel[5]. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jipprojbixxu, per eżempju, stabbilimenti ta' l-ikel mhux konformi milli jbiegħu l-prodotti tagħhom fis-suq intern matul il-perjodu tranżitorju li għandu massimu ta' tliet snin. Matul dan il-perjodu, dawn l-istabbilimenti huma permessi biss li jipproduċu oġġetti li jkollhom tabella speċifika u għas-suq nazzjonali biss. Wara l-perjodu tranżitorju, huma għandhom ji ġu konformi mar-regoli ta' l-UE jew jagħlqu.

3.3. Miżuri ta' akkumpanjament previsti għall-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija

Abbażi tar-riżultanzi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri rimedjali, fejn meħtieġ, sabiex tassigura l-funzjonament tal-linji ta' politika ta' l-UE. Din tikkonċerna każi fl-oqsma tas-sigurtà ta' l-ikel, is-sigurtà ta' l-avjazzjoni, il-fondi agrikoli ta' l-UE u l-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kif hawn taħt deskritt. Fil-każ li nuqqasijiet o ħra jiġu identifikati qabel jew wara l-adeżjoni, jittieħdu bl-istess mod miżuri xierqa sabiex jiġi assigurat il-funzjonament tajjeb tal-linji ta' politika ta' l-UE.

3.3.1. Il-Ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni

[5] L-Artikolu 42 u l-Annessi VI u VII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

Ir-rapport juri li aktar progress għadu meħtieġ fil-qasam tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex tikkoopera u tivverifika l-progress f'dawn l-oqsma wara l-adeżjoni. Dan għandu jkun bbażat fuq l-Artikoli 37 u 38 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

Kemm il-Bulgarija u kif ukoll ir-Rumanija għandhom jirraportaw regolarment dwar il-progress fl-indirizzar ta' *benchmarks* speċifiċi. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess sal-31 ta' Marzu 2007. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-ħiliet interni u esterni għal finjiet ta' kooperazzjoni u gwida fil-proċess tar-riforma u sabiex tivverifika l-progress. Il-Kummissjoni għandha imbagħad tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa Ġunju dwar il-progress magħmul fl-indirizzar tal-*benchmarks*. Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom jeżaminaw jekk il-*benchmarks* intlaħqux, jekk għandhomx bżonn jiġu aġġustati u tista' titlob aktar rapporti dwar il-progress jekk meħtieġ. Il-mekkaniżmu jibqa' għaddej sakemm jintlaħqu l-*benchmarks*.

Jekk xi pajjiż minnhom jonqos milli jindirizza sewwa l-*benchmarks*, il-Kummissjoni għandha tapplika l-miżuri ta' salvagwardja tat-Trattat ta' l-Adeżjoni. Dawn iwasslu għas-sospensjoni ta' l-obbligu ta' l-Istati Membri preżenti li jirrikonoxxu dawk is-sentenzi u li jeżegwixxu l-mandati maħruġa mill-qrati jew il-prosekuturi ta' kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi taħt il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku.

Abbażi tar-riżultanzi ta' dan ir-rapport, il-*benchmarks* li għandhom jiġu indirizzati huma kif ġej:

Il-Bulgarija

– Tadotta emendi kostituzzjonali sabiex titneħħa kwalunkwe ambigwità rigward l-indipendenza u l-kontabilità tas-sistema ġudizzjarja.

– Tassigura proċess ġudizzjarju aktar trasparenti u effiċjenti billi jiġu adottati u implimentati att ġdid dwar is-sistema ġudizzjarja u l-kodiċi ġdid dwar il-proċedura ċivili. Tirraporta dwar l-impatt ta' dawn il-liġijiet ġodda u tal-kodiċijiet tal-proċedura kriminali u amministrattiva, partikolarment fuq l-istadju ta' qabel is-smigħ.

– Tkompli r-riforma tal-ġudikatura sabiex jiġu mtejba l-professjonaliżmu, il-kontabilità u l-effiċjenza. Tivvaluta l-impatt ta' din ir-riforma u tippubblika r-riżultati kull sena.

– Tagħmel u tirraporta investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġġjani ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Tirraporta dwar l-ispezzjonjiet interni ta' l-istituzzjonijiet pubbliċi u dwar il-pubblikazzjoni ta' l-attiv ta' l-uffiċjali għolja.

– Tieħu aktar miżuri sabiex timpedixxi u tiġġieled il-korruzzjoni, b'mod partikolari fuq il-fruntieri u fi ħdan l-amministrazzjoni lokali.

– Timplimenta strateġija sabiex tiġi missielta l-kriminalità organizzata, b'enfażi fuq il-kriminalità serja, il-ħasil tal-flus u kif ukoll il-konfiska sistematika ta' l-assi tal-kriminali. Tirraporta dwar l-investigazzjonijiet, l-akkużi u l-kundanni ġodda u pendenti f'dawn l-oqsma.

Ir-Rumanija

– Tassigura proċess ġudizzjarju aktar trasparenti u effiċjenti partikolarment billi jiġu mtejba l-kapaċità u l-kontabilità tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Tirraporta u timmonitorja l-impatt tal-kodiċijiet ġodda tal-proċeduri ċivili u kriminali.

– Tistabbilixxi, kif previst, aġenzija ta' integrità b'responsabbiltajiet ta' verifikar ta' assi, inkompatibbiltajiet u kunflitti potenzjali ta' interess, u sabiex tagħti deċiżjonijiet mandatorji abbażi ta' liema jistgħu jingħataw sanzjonijiet ta' deterrent.

– Tibni fuq il-progress li diġa sar, tkompli tagħmel investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġjani ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli.

– Tieħu aktar miżuri sabiex timpedixxi u tiġġieled il-korruzzjoni, b'mod partikolari fi ħdan l-amministrazzjoni lokali.

Il-Kummissjoni għandha tadotta Deċiżjoni sabiex timplimenta u tiddefinixxi l-modalitajiet ta' dan il-mekkaniżmu wara li tikkonsulta ma' l-Istati Membri. Għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007. Il-lista ta' *benchmarks* għandha tiġi emendata f'każ li kwankwe wieħed mill-pajjiżi jikkonforma ruħu ma' xi *benchmark* wieħed jew aktar qabel l-adeżjoni.

3.3.2. Il-fondi agrikoli

Fil-Bulgarija u r-Rumanija hemm riskju reali li l-IACS ma tkunx qed tiffunzjona sewwa sa ż-żmien ta' l-adeżjoni. Fiż-żewġ pajjiżi, l-iskeda sabiex din l-IACS li tiffunzjona sewwa tkun kompluta hija stretta ħafna minħabba l-bidu tard tal-preparazzjonijiet. Bħala riżultat ta' dan, hemm riskju li ma tintlaħaqx il-kwalità meħtieġa tax-xogħol li għandu jsir.

Il-fondi agrikoli koperti mill-IACS jikkostitwixxu sewwa l-parti l-kbira (madwar 80%) ta' l-ispiża agrikola tal-Bulgarija u r-Rumanija u, għalhekk, huwa importanti ħafna li l-IACS tiffunzjona kif xieraq.

Sabiex jiġu indirizzati dawn ir-riskji, huwa meħtieġ mekkaniżmu li jipprovdi għall-possibbiltà ta' deċiżjoni fil-futur dwar il-miżuri relatati ma' l-użu xieraq tal-fondi agrikoli koperti mill-IACS. dawn il-miżuri huwa meħtieġa sabiex jiġu evitati pagamenti mhux dovuti matul l-ewwel snin wara l-adeżjoni u sabiex jiġi indirizzat ir-riskju imminenti ta' ksur serju tal-funzjonament tas-suq intern fil-prodotti agrikoli. Ir-riskju huwa dovut għan-natura speċifika tan-nefqa agrikola, li tinsab taħt qafas ta' żmien strett. B'żieda ma' dan, il-fondi koperti mill-IACS huma karatterizzati b'volum kbir ta' tranżazzjonijiet kmieni wara l-adeżjoni. Għandhom jiġu mmaniġġjati, ikkontrollati u mħallsa malajr wara l-adeżjoni. Aktar minn hekk, kontrolli effiċjenti jistgħu jsiru biss matul perjodu limitat fis-sena kkon ċernata.

Il-mekkaniżmu, ibbażat fuq it-Trattat ta' l-Adeżjoni, jinsab f'Regolament adottat simultanjament ma' din il-komunikazzjoni. Fil-prattika l-mekkaniżmu jagħti liż-żewġ pajji żi żmien sabiex ilestu x-xogħol meħtieġ fuq sistema tal-IACS li taħdem tajjeb. Il-miżuri ma jiġux introdotti jekk jirnexxilhom jagħmlu dan f'dak il-qafas ta' żmien. Jeħtieġu sforzi mi żjuda kontinwi sabiex ix-xogħol jiltesta fil-ħin.

3.3.3. Sigurtà ta' l-ikel

Il-Bulgarija u r-Rumanija huma fil-preżent projbiti milli jesportaw ħnieżer ħajjin, majjal, u ċerti prodotti tal-majjal lejn l-UE minħabba l-eżistenza tad-*deni klassiku tal-ħnieżer* fiż-żewġ pajjiżi. Is-sitwazzjoni fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer tirrekjedi l-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonjiet mill-Kummissjoni sad-data ta' l-adeżjoni.

Il-Bulgarija ssottomettiet għall-approvazzjoni formali pjan li jiffinalizza t-tneħħija tad-deni klassiku fil-ħnieżer slavaġ. L-approvazzjoni ta' dan il-pjan iwassal għall-integrazzjoni tal-Bulgarija fir-reġim tal-Komunità li huwa diġa mwaqqaf għal dawk l-Istati Membri li huma effettwati mid-deni klassiku tal-ħnieżer. Ir-Rumanija ssottomettiet għall-approvazzjoni formali pjan għat-tneħħija tad-deni klassiku fil-ħnieżer slavaġ u domestiċi. Madankollu, is-sitwazzjoni preżenti fiż-żewġ pajjiżi għadha tirrikjedi l-projbizzjoni li jsir kummerċ ta' ħnie żer ħajjin, laħam tal-ħanżir, u ċerti prodotti tal-laħam tal-ħanżir fl-UE wara l-adeżjoni. Il-miżuri korrispondenti jidħlu fis-seħħ ma' l-adeżjoni.

Iż-żewġ pajjiżi m'humiex kompletament konformi ma' l-*acquis* dwar it-*TSE*. Jekk il-Bulgarija u r-Rumanija ma jkunux f'pożizzjoni qabel l-adeżjoni li jwaqqfu f'pajjiżhom b'mod adegwat sistema ta' ġbir u trattament ta' annimali mejta u prodotti riżultanti minn annimali u li jilħqu l-livell meħtieġ fl-istabbilimenti ta' l-ipproċessar, għandhom jiġu deċiżi restrizzjonijiet ta' l-użu ta' ċerti prodotti riżultanti mill-annimali (per eżempju għall-ikel ta' l-annimali). Dawn il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq l-Att ta' Adeżjoni jew l-*acquis*. Jidħlu fis-seħħ ma' l-adeżjoni.

Il-lista ta' l-istabbilimenti Bulgari u Rumeni ta' l-ikel agrikolu li ma tħallewx ibiegħu il-prodotti tagħhom fl-Istati Membri l-oħra matul perjodu ta' tliet snin minħabba li għadhom mhux konformi mar-regoli ta' l-UE għandha tiġi aġġornata sad-data ta' l-adeżjoni. Il-listi aġġornati għandhom jinkludi, jekk meħtieġ, stabbilimenti oħra li ma jkunux konformi. Din il-proċedura hija bbażata fuq miżuri tranżitorji provduti fl-Att ta' l-Adeżjoni.

Aktar minn hekk, miżuri tranżitorji speċifiċi bbażati fuq l-Artikolu 42 ta' l-Att ta' l-Ade żjoni jistgħu jeħtieġu li jiġu adottati fis-settur tal-ħalib minħabba d-diskrepanza bejn il-kapaċità tat-trattament ta' l-istabbilimenti konformi u d-disponibbiltà ta' ħalib mhux ippro ċessat li jkun konformi. Dawn il-miżuri għandhom jimpedixxu l-bejgħ ta' xi prodotti mag ħmula minn dan il-ħalib mhux proċessat u mhux konformi fl-Istati Membri l-oħra.

3.3.4. Sigurtà ta' l-avjazzjoni

Minħabba n-nuqqasijiet serji identifikati mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (EASA) u l-Awtoritajiet Konġunti ta' l-Avjazzjoni (JAA) fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, il-JAA rrifjutat ir-rikonoxximent reċiproku tal-Bulgarija fi ħdan is-sistema tal-JAA fl-oqsma relattivi tas-sigurtà, jiġifieri l-*airworthiness*, il-manutenzjoni, l-operazzjonijiet u l-liċenzjar ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajru. Sabiex tikkonforma ruħha mal-liġi ta' l-UE, il-Bulgarija teħtieġ tissottometti pjan korrettiv ta' azzjoni sabiex jiġu mneħħija n-nuqqasijiet kollha u timplimentah skond skeda stretta, b'kooperazzjoni mill-qrib u taħt il-gwida ta' l-EASA. Imbagħad għandha issir spezzjoni mill-EASA malajr kemm jista' jkun qabel l-adeżjoni sabiex tiġi vverifikata l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan.

Sakemm il-Bulgarija tieħu l-azzjoni meħtieġa ta' korrezzjoni, hija qed tirriskja li l-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' xi Stat Membru, tirrestringi l-aċċess għas-suq intern ta' l-avjazzjoni. Barra minn hekk, inġenji ta' l-ajru rreġistrati l-Bulgarija li ma jkunux konformi mar-regoli tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ta' l-UE jistgħu jkunu soġġetti għall-miżuri ta' salvagwardja xierqa, abbażi ta' l-*acquis*. Aktar minn hekk, linji ta' l-ajru Bulgari li ma jkunux konformi jistgħu jiġu miżjuda fil-lista ta' l-UE tal-linji ta' l-ajru li huma pprojbiti milli jtiru fl-ispazju ta' l-arja ta' l-UE, fuq l-istess spazju jew 'il barra minnu. Dawn il-miżuri huma lkoll ibbażati fuq l-*acquis*.

4. Konklużjoni

Il-Bulgarija u r-Rumanija applikaw għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea fl-1995 u n-negozjati ta' l-adeżjoni maż-żewġ pajjiżi ġew miftuħa fi Frar ta' l-2000. Fl-2002, il-Kunsill Ewropew ħabbar l-għan tiegħu li jilqa' lill-Bulgarija u lir-Rumanija fi ħdan l-Unjoni Ewropea fl-2007, sakemm ikunu għamlu biżżejjed progress fit-twettiq tal-kriterji tas-sħubija. In-negozjati ta' l-adeżjoni tlestew f'Diċembru ta' l-2004 u t-Trattat ta' l-Adeżjoni ġie ffirmat f'April 2005.

Il-Bulgarija u r-Rumanija għamlu sforzi kbar sabiex ilestu l-preparazzjonijiet tagħhom għas-sħubija fl-UE sa minn meta l-Kummissjoni ħarġet l-aħħar rapport tagħha f'Mejju. Il-Bulgarija u r-Rumanija huma biżżejjed ippreparati sabiex jissodisfaw il-kriterji politiċi, ekonomiċi u ta' l-*acquis* sa l-1 ta' Jannar 2007.

Ħafna mill-isfidi stipulati fir-rapporti ta' Mejju ġew issa indirizzati. Numru ta' materji settorjali ġew riżolti. Kien hemm xi progress fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-kriminalità organizzata, iżda aktar riżultati konkreti huma meħtieġa.

Dan ir-rapport jidentifika dawk il-materji li jeħtieġu aktar xogħol. Jiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet fl-*acquis* u fit-Trattat ta' l-Adeżjoni li huma maħsuba sabiex jipproteġu l-funzjonament tajjeb tal-linji ta' politika ta' l-UE u ta' l-Istituzzjonijiet wara l-adeżjoni. B'konformità mar-riżultanzi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta ruħha ma' l-Istati Membri, għandha twaqqaf mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-Korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-Kriminalità organizzata. Għal dan l-iskop, ġew stabbiliti *benchmarks* li jirreferu għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull pajjiż.

Il-Kummissjoni adottat id-dispożizzjonijiet legali meħtieġa sabiex tiġi assigurata l-amministrazzjoni xierqa tal-fondi agrikoli ta' l-UE. Ir-rapport jenfasizza li r-regoli eżistenti għandhom il-garanziji meħtieġa għall-amministrazzjoni xierqa tal-fondi strutturali ta' l-UE, u programmi oħra.

Fil-qasam tas-sigurtà ta' l-ikel, xi miżuri speċifiċi huma applikati. Fil-preżent, ċerti annimali u prodotti ta' l-annimali ma jistgħux jiġu esportati mill-Bulgarija u r-Rumanija fl-UE minħabba l-preżenza ta' mard ta' l-annimali. Dawn ir-restrizzjonijiet għandhom jin żammu wara l-adeżjoni, jekk meħtieġ.

Fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, miżuri partikolari għandhom ikunu meħtieġa għall-inġenji u t-trasportaturi ta' l-ajru Bulgari.

B'mod ġenerali, il-Bulgarija u r-Rumanija għamlu sforzi kbar sabiex jadattaw il-leġi żlazzjoni u l-amministrazzjoni tagħhom għal-liġijiet u r-regoli ta' l-Unjoni Ewropea. Dan wassalhom fil-parti l-kbira għall-konformità ma' l-istandards u l-prattiċi prevalenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Appoġġ sostnut mill-Unjoni Ewropea għandu jkun disponibbli sabiex ji ġu indirizzati l-materji pendenti. Hemm biżżejjed garanziji fl-*acquis* u fit-Trattat ta' l-Ade żjoni sabiex jiġi assigurat il-funzjonament tajjeb tal-linji tal-politika ta' l-UE u ta' l-istituzzjonjiet. Bħala riżultat tal-progress li sar, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom ikunu f'pożizzjoni li jassumu d-drittijiet u l-obbligi tas-sħubija fl-UE fl-1 ta' Jannar 2007. Il-Kummissjoni tistenna b'ħeġġa li tilqa' lill-Bulgarija u r-Rumanija bħala membri sħaħ ta' l-Unjoni Ewropea f'din id-data.

L-ANNESS TAL-PAJJIŻ IL-BULGARIJA

1. Il-materji enfasizzati fil-konklużjoni tar-rapport ta' Mejju 2006 li jeħtieġu aktar azzjoni

1.1. Kriterji politiċi

Is-sistema ġudizzjarja

Il-Bulgarija kompliet tagħmel progress fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja. L-Assemblea Nazzjonali ppreżentat emendi għall-Kostituzzjoni sabiex jitneħħew ambigwitajiet rigward l-indipendenza tal-ġudikatura u l-kontabilità tas-sistema ġudizzjarja.

F'Ġunju 2006, il-Kunsill Suprem Ġudizzjarju adotta regolament dwar l-eżami kompetittiv u l-evalwazzjoni tal-maġistrati skond l-Att tas-Sistema Ġudizzjarja. Dan l-att jirregola l-kriterji u l-proċedura għall-evalwazzjoni tal-kwalitajiet professjonali u etiċi tal-maġistrati. Tistipula li għal kull post jinżammu kompetizzjonijiet. Is-sistema ta' l-IT għall-allokazzjoni mingħajr għażla tal-kawżi lill-imħallfin hija issa disponsibbli fil-parti l-kbira tal-qrati. Komplew l-isforzi sabiex jiġu aktar imsaħħa s-sistemi ta' l-IT fil-ġudikatura. It-taħriġ organizzat mill-Istitut Nazzjonali tal-Ġustizzja kompla mingħajr diffikultajiet.

Dan l-aħħar ġew introdotti numru ta' tibdil fil-proċeduri kriminali. It-trasferiment tar-responsabbiltà mill-maġistrati inkwerenti (Sledovateli) għall-pulizija ta' l-investigazzjoni (Dosnateli) saret mingħajr diffikultajiet. Il-prosekuturi bdew jassumu t-tmexxija ta' l-investigazzjonijiet fil-fażi ta' qabel is-smigħ tal-kawża. Grupp ġdid ta' ħidma qed jimmonitorja l-funzjonament tal-kodiċi l-ġdid tal-proċedura kriminali. Għandu l-għan li ji ġbor l-informazzjoni rigward l-implimentazzjoni prattika tal-kodiċi l-ġdid u li jidentifika problemi li jista' jkun hemm. Il-proċedura mgħaġġla ħeffet il-proċeduri kriminali f'numru ta' każi. L-istrutturi ta' l-amministrazzjoni fl-uffiċċju tal-prosekuzzjoni tjiebu u saru sforzi sabiex jissaħħu l-kontabilità u r-responsabbiltà tal-prosekuturi individwali. Id-Dipartiment speċjalizzat 'Countering Organised Crime and Corruption' ġie msaħħaħ aktar u illum jg ħodd qrib 80 prosekuturi mħarrġa. Dan tejjeb l-effettività tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni fi ħdan is-sistema ġudizzjarja.

Il-Prosekutur Ġenerali estenda l-iskadenzi li kienu waslu biex jagħlqu sabiex jiġi indirizzat ħafna xogħol b'lura ta' investigazzjonijiet. Ġie msaħħaħ l-Ispettorat intern fl-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni tal-Kassazzjoni Suprema li jiġġieled l-imġieba ħażina tal-maġistrati. F'Mejju 2006, il-bord ta' l-amministrazzjoni ta' l-Assoċjazzjoni tal-Prosekuturi fil-Bulgarija talab lill-membri kollha ta' l-assoċjazzjoni jippubblikaw id-dikjarazzjoni annwali tad-dħul u l-proprjeta' tagħhom sabiex din tiġi ppreżentata fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika skond il-Liġi dwar id-Dikjarazzjoni ta' l-Attiv Personali ta' Uffiċjali Għolja. L-uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Ġenerali ppubblika r-riżultati ta' l-ewwel stadju ta' verifika fis-Servizz tal-Prosekuzzjoni. Inkludew każi serji ta' mġieba mhux professjonali ta' prosekuturi li għalqu każijiet mingħajr ġustifikazzjoni konkreta. Ittieħdu passi ta' dixxiplina kontra l-persuni responsabbli.

Bdew preparazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva. Qed jiġu żviluppati miżuri ta' taħriġ u bdew il-preparazzjonijiet għall-eżami tad-dħul għal

315 imħallef amministrattiv. L-esperjenza inizjali bis-sistema l-ġdida ta' l-għajnuna legali hija pożittiva. Saru disponibbli numru suffiċjenti ta' avukati akkreditati u baġit adegwat. Kompliet l-implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Aġenti Privati ta' l-Infurzar u ġew maħtura l-ewwel marixxalli privati.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Jeħtieġ li jiġu adottati l-emendi meħtieġa għall-Kostituzzjoni sabiex jitneħħew ambigwitajiet rigward l-indipendenza tal-ġudikatura u l-kontabilità tas-sistema ġudizzjarja.

Il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-Kunsill Suprem Ġudizzjarju għadu jagħti lok għal t ħassib. Membri tal-Kunsill Suprem Ġudizzjarju għadhom għaddejjin bl-attivitajiet professjonali tagħhom (fl-aktar każi bħala presidenti tal-qrati jew kapijiet ta' l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni) u għalhekk ma jistgħux jagħmlu l-isforzi tagħhom il-ħin kollu. Ħafna drabi kien hemm dewmin fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar miżuri ta' dixxiplina mill-Kunsill Suprem Ġudizzjarju. Ma hemm ebda dispożizzjonijiet legali sabiex maġistrati taħt investigazzjoni interna ta' dixxiplina jiġu sospiżi. Maġistrat li huwa membru tal-Kunsill Suprem Ġudizzjarju u li jiġi misjub li kkommetta ksur tar-regoli tad-dixxiplina ma jistax jitwarrab mill-Kunsill. Għalhekk, jibqa' t-tħassib dwar kemm il-Kunsill Suprem Ġudizzjarju jista' jaġixxi bħala korp kredibbli u ewlieni sabiex jippromwovi l-istandards eti ċi l-aktar għolja fis-sistema ġudizzjarja Bulgara kollha. Wara l-adozzjoni tar-regolament dwar l-eżami kompetittiv u l-evalwazzjoni tal-maġistrati, jeħtieġ li jitkomplu l-isforzi sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni rigoruża tiegħu.

Sa issa, il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-proċedura kriminali ġdida hija pjuttost ineffettiva. Jeħtieġ li l-mekkaniżmu jkun magħruf u użat aħjar mill-maġistrati, speċjalment f'qrati lokali. L-aktar mid-diffikultajiet ta' implimentazzjoni tal-kodiċi ġdid tal-proċedura kriminali jirrigwardaw il-proċeduri wisq ikkomplikati tagħha, termini mhux realistiċi għall-investigazzjoni ta' reati serji u għat-tqassim tas-smigħ ta' każi u, finalment, restrizzjonijiet legali fuq it-tressiq tal-provi fil-qorti mill-uffiċjali tal-pulizija. Aktar minn hekk, għad hemm ammont ta' każijiet b'lura li kienu nbdew taħt il-kodiċi ta' qabel tal-proċedura kriminali.

Fir-rigward tal-fażi ta' qabel is-smigħ tal-każ, jeħtieġ li jingħata aktar taħriġ lill-pulizija ta' l-investigazzjoni. Il-verifika interna fl-Uffiċċju Pubbliku tal-Prosekuzzjoni wriet numru ta' ksur rigward il-legalità tad-deċiżjonijiet u r-rispett għat-termini taż-żmien. Kien hemm xi każi fejn instab li l-prosekuturi waqqfu każi mngħajr ġustifikazzjoni. Jeħtieġ issa li n-nuqqasijiet serji fil-verifika tal-funzjonament ta' l-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni jiġu indirizzati sewwa mill-awtoritajiet responsabbli b'miżuri ta' sostenn sabiex tiġi assigurata fil-każi kollha l-imġieba kontabbli u professjonali tal-prosekuturi. *Software* għall-allokazzjoni mingħajr għażla minn qabel tal-każijiet lill-prosekuturi, simili għal dik diġa preżenti għall-imħallfin, jeħtieġ li tiġi żviluppata sabiex tiġi assigurata l-imparzjalità. Jeħtieġ li jiġi ngaġ ġat il-persunal sabiex dawn il-qrati jkunu funzjonabbli kif previst mill-1 ta' Marzu 2007.

Hemm dewmien maġġuri fl-adozzjoni tal-Kodiċi ġdid tal-Proċedura Ċivili. Il-Liġi l-ġdida dwar l-Aġenti Privati ta' l-Infurzar għadha ma tejbitx b'mod sostanzjali l-eżekuzzjoni tas-sentenzi. Il-proċess sabiex jiġu reklutati marixxalli privati għadu mhux lest u t-taħriġ jinsab fi stadju bikri. Id-dipartimenti ta' kontra l-korruzzjoni fi ħdan il-Kunsill Suprem

Ġudizzjarju u fi ħdan is-servizzi tal-Prosekuzzjoni jeħtieġu li jkunu rinfurzati u protetti minn influwenza mhux xierqa.

B'mod ġenerali, sa minn Mejju sar xi progress. Madankollu, kif indikat, numru ta' materji importanti għadhom jeħtieġu aktar titjib.

Miżuri kontra l-korruzzjoni

Il-Bulgarija kompliet tagħmel progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Bħala parti mill-programm għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija għall-amministrazzjoni trasparenti u sabiex il-korruzzjoni tiġi impeduta u opposta, emendi għall-'liġi dwar il-pubblikazzjoni ta' l-attiv ta' persuni li jokkupaw pożizzjonijiet pubbliċi għolja', ġew adottati f'Awissu 2006. Għandhom jidħlu fis-seħħ f'Jannar 2007. Il-liġi issa tawtorizza l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sabiex bl-appoġġ ta' korpi pubbliċi oħra jagħmel spezzjonijiet sabiex tiġi kkonfermata l-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet ippreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika minn persuni li jokkupaw pożizzjonijiet pubbliċi għolja. Aktar minn hekk, l-emendi riċenti wessgħu l-ambitu tal-persuni obbligati li jiddikjaraw l-attiv tagħhom. Il-ministri kollha ppubblikaw fuq l-internet id-dikjarazzjonijiet ta' l-attiv tagħhom.

F'Awissu 2006 ġew adottati emendi għal-Liġi dwar il-Partiti Politiċi. Dawn l-emendi jistipulaw li l-membri tal-korpi li għandhom funzjoni amministrattiva u ta' kontroll fi ħdan il-partiti politiċi għandhom jiddikjaraw l-attiv kollu tagħhom domestiku u barrani, id-dħul u l-infiq lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Il-partiti politiċi għandhom jidentifikaw lid-donaturi tagħhom u kif ukoll it-tip u l-valur tad-donazzjonijiet. Aktar minn hekk, il-partiti politiċi għandhom issa wkoll jippreżentaw fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika lista tal-korpi (li jaħdmu minghajr profitt) li fihom il-membri għolja jipparteċipaw. F'Settembru 2006, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ppubblika r-riżultati ta' verifika dettaljata ta' l-attivitajiet finanzjarji u l-amministrazzjoni tal-proprjetà tal-partiti politiċi.

Skond il-Liġi dwar l-Amministrazzjoni, l-ispettorati li jaqgħu direttament taħt il-Ministru ġew stabbiliti fil-ministeri kollha u fil-parti l-kbira ta' l-aġenziji statali. Dawn l-ispettorati jistgħu jipproponu miżuri ta' dixxiplina jew legali kontra l-istaff f'każ ta' mġieba ħażina. 'Spettorat Ewlieni' ġie stabbilit fil-Kunsill tal-Ministri li jirraporta lill-Prim Ministru. G ħandu l-funzjoni li jikkoordina u jassisti l-attivitajiet ta' l-ispettorati ministerjali. L-Ispettorat Ewlieni huwa s-segretarjat tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni. L-istaff tal-Kummissjoni ġie issa miżjud. Punti ta' kuntatt sabiex jintlaqgħu rapporti ta' korruzzjoni ġew stabbiliti f'ħafna korpi ta' l-istat. Ġie mħejji pjan għal taħriġ kontra l-korruzzjoni għal madwar 50,000 uffiċjal fil-livelli kollha ta' l-amministrazzjoni. Ġew mittieħda diversi miżuri oħra ta' prevenzjoni. Dawn jinkludu *hotlines* u kaxxi ta' l-ilmenti u kif ukoll proċeduri simplifikati għaċ-ċittadin sabiex jindirizza lill-awtoritajiet lokali. Fi ħdan il-korp tal-pulizija tal-fruntiera, saru arranġamenti sabiex jiġi mnaqqas ir-riskju tal-korruzzjoni billi jkun hemm bdil mhux previst tas-sigħat u l-postijiet tax-xogħol. L-eżaminazzjoni ta' l-istaff u kif ukoll it-taħriġ u l-introduzzjoni ta' miżuri preventivi u prattika tajba jinsabu għaddejjin fi ħdan il-Ministeru ta' l-Intern. Qed tkompli l-attitudni aktar pro-attiva tal-Prosekutur Ġenerali fir-rigward ta' talbiet sabiex titneħħa l-immunità ta' membri tal-Parlament. Sa minn Mejju 2006, ġew imneħħija l-immunitajiet ta' żewġ Membri Parlamentari.

Il-Bulgarija rratifikat il-konvenzjoni tan-NU kontra l-korruzzjoni. F'Awissu 2006 ġew

adottati emendi għal-Liġi dwar l-Organizzazzjonijiet Professjonali tat-Tobba u d-Dentisti bl-għan li jkun hemm sanzjonijiet aktar ħarxa għall-ksur ta' l-etika professjonali.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Is-segretarjat għall-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni għadu m'huwiex kompletament funzjonabbli. Il-koordinazzjoni ta' l-istrateġija kontra l-korruzzjoni baqgħet mhux kompluta u l-korpi involuti huma wisq imferrxa.

L-arranġamenti sabiex jiġi inkoraġġit l-irrapurtar għadhom mhux adegwati. L-ispettorati fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika għadhom m'humiex indipendneti biżżejjed u l-kompetenzi istituzzjonali tagħhom jeħtieġu jiġu msaħħa. Aktar minn hekk, l-anonimità tal-messaġġi ma tistax tiġi dejjem assigurata minħabba li n-numri tat-telefon jistgħu jiġu rre ġistrati. Fir-rigward ta' sanzjonijiet dixxiplinari minħabba allegazzjonijiet ta' attività ta' korruzzjoni, ebda statistika kompleta u affidabbli ma ġiet ipprovduta dwar in-natura tar-reati u l-pieni. L-aġenziji li jiġbru t-taxxa, id-dwana u l-Aġenzija Eżekuttiva tat-Toroq u kif ukoll is-servizzi ta' spezzjonijiet veterinarji u l-amministrazzjoni lokali huma partikolarment suxxettibbli għall-prattiċi ta' korruzzjoni. Passi addizzjonali huma meħtieġa sabiex ma titħalliex issir korruzzjoni fil-punti tal-qsim tal-fruntiera, inklużi kampanji ta' g ħarfien għas-sewwieqa tat-trakkijiet u utenti frekwenti. Arranġamenti dwar il-punti ta' qsim il-fruntiera jeħtieġu aktar reviżjoni sabiex titjieb l-effiċjenza u jiġu mgħaġġla l-pro ċeduri.

Sa issa, kien hemm ftit riżultati konkreti li ħarġu mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każi ta' korruzzjoni. Fir-rigward tal-korruzzjoni ta' livell għoli, għad hemm verament ftit akkużi u kundanni relatati ma' persuni għolja u ftit informazzjoni dwar il-livell tas-sanzjonijiet. Verament ftit investigazzjonijiet ta' mġieba allegatament kontra l-etika ta' ma ġistrati wasslu għall-prosekuzzjonijiet u kundanni. B'mod ġenerali, sa mir-Rapport ta' Mejju sar ċertu ammont ta' progress. Mandankollu, kif hawn fuq indikat għad irid jiġu indirizzati numru ta' materji importanti.

1.2. Kriterji ta' l-*acquis*

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-frodi u l-korruzzjoni

Il-Bulgarija għamlet progress fil-kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Il-Kodiċi l-Ġdid tal-Proċedura Kriminali ġie implimentat. Tinkludi teknika ta' investigazzjoni ġdida għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u r-reklutaġġ u t-taħriġ ta' l-uffiċjali tal-pulizija b'poteri investigattivi. Id-Direttorat Ewlieni għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata (CDCOC) għandu issa l-istaff b'impjegati bi kwalifiki għolja. F'Lulju 2006, il-Liġi dwar il-promulgazzjoni, l-adozzjoni u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet dwar is-sekwestrar ta' proprjetà jew provi ġiet adottata, bħala implimentazzjoni tad-deċi żjoni tal-Kunsill dwar l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet għas-sekwestrar ta' proprjetà jew provi fl-UE.

Kompliet il-kooperazzjoni ma' pajjiżi girien u Stati Membri ta' l-UE għat-tneħħija tan-netwerks internazzjonali kriminali. Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata attirat aktar attenzjoni politika u xi aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi kienu aktar attivi f'dan il-qasam. Kienu reġistrati xi azzjonijiet ta' suċċess kontra n-netwerks kriminali tat-traffikar tal-bnedmin,

tad-drogi u tal-falsifikazzjoni tal-muniti, f'xi każi b'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri ta' l-UE. Ittieħdu diversi miżuri sabiex jiġu mikxufa konnessjonijiet bejn il-korpi ta' l-infurzar tal-liġi u l-gruppi organizzati tal-kriminalità. Skemi ta' protezzjoni tax-xhieda huma parzjalment funzjonabbli. Ftehimiet għall-kooperazzjoni dwar il-protezzjoni tax-xhieda ġew konklużi ma' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Istati Uniti.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, hemm nuqqasijiet, kif delinejati fis-sezzjoni dwar ir-riforma ġudizzjarja. Aktar minn hekk, in-numru ta' l-istaff speċjalizzat li jagħmel l-investigazzjonijiet tal-pulizija jeħtieġ li jkun akbar u huwa meħtieġ aktar taħriġ lill-investigaturi tal-pulizija. Il-protezzjoni tad-*data* u t-trattament ta' l-informazzjoni konfidenzjali m'humiex dejjem adegwati, u dan ifixkel il-kooperazzjoni internazzjonali. Je ħtieġ li tiġi stabbilita sistema moderna u konsistenti ta' l-istatistika tal-kriminalità, li tippermetti lill-Bulgarija timmonitorja u tanalizza s-sitwazzjoni u x-xejriet preżenti.

Rari jkun hemm investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' suċċess tal-qtil kuntrattwali ta' persuni. Il-pussess illegali ta' armi tan-nar għadu problema. Għadu baxx in-numru ta' każi ta' prosekuzzjoni b'suċċess li jirrelataw mat-traffikar tal-bnedmin, il-kuntrabandu tad-droga, il-ħasil tal-flus, il-falsifikazzjoni ta' l-oġġetti, il-muniti u d-dokumenti.

Il-kriminalità organizzata għadha problema. Jeħtieġ li titjieb il-kooperazzjoni bejn is-CDCOC u l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-Europol u s-servizzi rilevanti f'pajjiżi oħra. Il-liġi Bulgara tipprovdi l-għodda legali meħtieġa għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità organizzata. Madankollu, dan għad irid ikollu riżultati sinifikanti.

B'mod ġenerali, ġew stabbiliti ċerti mekkaniżmi li għandhom jiffaċilitaw il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Madankollu, għad m'hemmx biżżejjed riżultati konkreti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-każi tal-kriminalità organizzata.

Il-ħasil tal-flus

Il-Bulgarija għamlet xi progress fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Il-Leġiżlazzjoni dwar il-ħasil tal-flus hija issa fil-parti l-kbira tagħha skond l-*acquis*. F'Ġunju 2006, il-Liġi dwar il-Miżuri kontra l-Ħasil tal-Flus ġiet emendata sabiex tirrifletti r-rekwiżiti tat-tieni Direttiva ta' l-UE kontra l-Ħasil tal-Flus. Ittieħed kont ukoll tar-rakkomandazzjonijiet riveduti tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja biex ma jitħalliex isir Ħasil tal-Flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Aktar minn hekk, ittieħdu diversi inizjattivi bl-għan li jitjiebu l-infurzar u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi: taħriġ ta' l-investigaturi u l-prosekuturi, strutturi ġodda ta' l-organizzazzjoni fi ħdan il-pulizija u l-uffiċċju tal-prosekuzzjoni u titjib tal-koordinazzjoni fi ħdan l-aġenziji ta' l-infurzar.

Żviluppi pożittivi jistgħu wkoll jiġu rraportati fir-rigward tar-reazzjonijiet għal talbiet internazzjonali għal kooperazzjoni u l-operazzjonijiet kontra l-attivitajiet tal-ħasil tal-flus minn persuni ta' nazzjonalità barranija. L-Aġenzija dwar it-Tagħrif Finanzjarju għadha korp amministrattiv adegwat li janalizza rapporti dwar transazzjonijiet suspettużi.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

L-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tibqa' pjuttost limitata, b'nuqqas ta' riżultati konkreti f'dak li jirrigwarda l-infurzar u l-prosekuzzjoni. Jeħtieġ li jsiru kampanji ta' g ħarfien għall-entitajiet kollha suxxettibbli għar-riskju tal-ħasil tal-flus u jeħtieġ li tiżdied l-kapaċità tagħhom (ta' superviżjoni). L-effikaċja tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus għadha ti ġi mfixkla serjament mill-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

B'mod ġenerali il-Bulgarija għamlet xi progress f'dan il-qasam. Għad jeħtieġ li l-Bulgarija turi l-abbiltà tagħha li tagħti riżultati konkreti fir-rigward ta' l-infurzar u l-prosekuzzjoni tal-każi ta' ħasil tal-flus.

Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS)

Dan l-aħħar sar progress tajjeb fir-rigward tat-twaqqif tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS). Sistema ta' IT *software* tal-IACS ġiet żviluppata u qed tiġi fil-preżent ittestjata u ġie installat l-IT *hardware*. Ġie stabbilit pjan dettaljat dwar l-ispezzjonijiet fuq il-post; ġie reklutat u mħarreġ il-persunal, inxtara l-apparat u ġew stabbiliti l-manwali tal-proċedura. Ġew provduti ħafna riżorsi addizzjonali għax-xogħol li jirrigwarda l-istabbiliment tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Pakketti ta' l-Art/Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika (LPIS/GIS), li ħaffet ferm ix-xogħol.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Bħala riżultat ta' l-iskeda stretta sabiex titlesta s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Pakketti ta' l-Art/Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika (LPIS/GIS) il-kwalità tax-xogħol imwettaq tista' tkun soġġetta għal riskju. Aktar minn hekk, hemm dewmien fit-twaqqif ta' linja ta' konnessjoni bejn ir-reġistru tal-Bdiewa u l-LPIS/GIS. B'mod ġenerali, għad hemm riskju li l-IACS ma tkunx qed tiffunzjona sewwa saż-żmien ta' l-adeżjoni. Sforzi sostnuti, u f'ċerti oqsma rinfurzati se jkunu meħtieġa sabiex it-tħaddim tal-IACS ikun assigurat.

TSE u l-prodotti riżultanti mill-annimali

Ġie osservat progress konsiderevoli wkoll fir-rigward tal-ġbir u t-trattament ta' annimali mejta u l-prodotti riżultanti mill-annimali (riskju kategorija 1,2 u 3). Il-Bulgarija stabbilit kapaċitajiet tekniċi konformi ma' l-UE għall-ipproċessar. Għamlet ukoll previżjoni tas-sistema meħtieġa ta' ġbir ta' dan il-materjal mill-irziezet jew impjanti u l-mezzi għas-superviżjoni effiċjenti tal-proċedura tat-tneħħija. It-tneħħija tal-prodott riżultanti tal-meat and *bone meal* huwa maħsub li jsir bil-ko-inċinerazzjoni. Il-prodott l-ieħor riżultanti tax-xa ħam huwa użat fl-impjanti ta' l-ipproċessar minflok fjuwil.

Iż-żewġ impjanti ta' l-ipproċessar preżenti jinsabu viċin ħafna ta' xulxin fin-naħa tal-grigal tal-Bulgarija. Minkejja li l-kapaċità ta' l-ipproċessar disponibbli fil-preżent hija biżżejjed, il-Bulgarija għadha qed tippjana t-tielet impjant sabiex tassigura distribuzzjoni aktar bilan ċjata tal-kapaċità ta' l-ipproċessar fil-pajjiż u sabiex tuża apparat modern. Fir-rigward ta' materjal b'riskju baxx (kategorija 3) l-impjanti materjali għandhom l-għażla li jibagħtu dawk il-prodotti lill-impjanti ta' l-ipproċessar jew lill-impjanti rreġistrati jew approvati sabiex jipproċessaw materjal bħal dan skond ir-rekwiżiti u l-proċeduri ta' l-UE. Il-Bulgarija għamlet inventarju ta' l-impjanti kollha eżistenti involuti fin-negozju u fi-ippro ċessar ulterjuri tal-materjal tat-3 kategorija. Dawk l-impjanti kollha eżistenti ġew

spezzjonati u reġistrati jew approvati rispettivament.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Il-Bulgarija għadha teħtieġ ittejjeb l-aspetti kollha ta' l-infurzar u tkompli tagħmel spezzjonijiet (multipliċi) sistematiċi fil-livelli kollha inkluż l-introduzzjoni tas-sistema tal-Punt Kritiku tal-Kontroll tal-Perikli għas-Saħħas (HACCP). B'mod ġenerali, hemm riskju li s-sistema ta' l-ipproċessar ma tkunx kompletament funzjonabbli ma' l-adeżjoni.

Kontroll finanzjarju fuq l-infiq ta' l-azzjoni strutturali

Sar progress tajjeb fir-rigward tal-proċess ta' akkreditazzjoni tas-sistema Estiża ta' Implimentazzjoni Deċentraliżżata (EDIS) għall-istrumenti finanzjarji ta' qabel l-adeżjoni Phare u ISPA. Il-Bulgarija ħadet miżuri speċifiċi bħall-adozzjoni ta' deċiżjoni governattiva għall-ħatra ta' aktar sorveljaturi fl-istituzzjonijiet rilevanti; kompliet il-proċess tagħha ta' reklutaġġ u żammet programmi intensivi ta' taħriġ għall-istaff f'oqsma ewlenin rilevanti. Ġie ffirmat mill-Ministru tal-Finanzi u l-ministeri tal-linja rilevanti memorandum ta' ftehim li għandu jtejjeb il-kooperazzjoni u jagħmel possibbli akkreditazzjoni aktar mgħaġġla tal-Phare u l-ISPA EDIS.

Il-Bulgarija issa teħtieġ tkompli b'mod intensiv l-isforzi tagħha billi tlesti r-reklutaġġ u l-proċess ta' taħriġ pendenti u billi twettaq programm ta' taħriġ komprensiv addizzjonali g ħall-esperti mill-aġenziji ta' l-implimentazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri ta' l-akkwisti nazzjonali u billi jiġu ppreparati manwali rilevanti addizzjonali.

Ir-ritmu preżenti tal-preparazzjonjiet għandu jirrendi possibbli l-konklużjoni ta' l-akkreditazzjoni ta' l-ISPA EDIS sa l-aħħar tas-sena għal xi wħud mill-korpi ta' l-implimentazzjoni kkonċernati iżda ta' l-inqas f'każ wieħed, l-akkreditazzjoni m'għandhiex tiġi rrakkomandata. Fir-rigward tal-proċess ta' akkreditazzjoni tal-Phare EDIS, aktar sforzi huma meħtieġa sabiex l-għan jiġi milħuq.

2. Materji oħra li kienu jeħtieġu aktar progress f'mejju 2006

2.1. Kriterji politiċi

Traffikar tal-bnedmin

F'dan il-qasam sar progress. Il-kooperazzjoni kontinwa ma' Stati Membri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin wasslet għat-tneħħija ta' netwerk wieħed. F'Awissu 2006, il-Kodiċi Kriminali ġie emendat u issa jagħti wkoll definizzjoni ta' reat speċifiku fir-rigward ta' nisa tqal traffikanti li jkollhom il-ħsieb li jinnegozjaw it-trabi.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Kontra t-Traffikar ma ngħatat ebda uffiċċju funzjonabbli. Is-segretarju tiegħu rriżenja f'Lulju 2006. Il-Bulgarija tibqa' pajjiż ta' tranżitu u oriġini għat-traffikar tal-bnedmin. Ma ġiex imwaqqaf it-traffikar ta' trabi li jkunu għadhom kif twieldu li jinvolvu nisa tqal li jwelldu barra mill-pajjiż. In-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' reġistrazzjoni affidabbli jwassal għal nuqqas ta' informazzjoni ċara dwar persuni traffikati u n-numru ta'

persuni neqsin. L-implimentazzjoni tal-Liġi dwar id-Dokumenti ta' Identifikazzjoni Bulgari tibqa' mhux kompleta. Ġiet limitata l-implimentazzjoni tal-programm tal-protezzjoni tax-xhieda. Il-Bulgarija għadha ma ffirmatx il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin. B'mod ġenerali, sar progress limitat fir-rigward tat-traffikar tal-bnedmin.

Trattament ħażin fil-kundizzjonijiet tal-postijiet ta' kustodja u tal-ħabs

Il-materji delineati fir-Rapport ta' Mejju fl-oqsma tal-kundizzjonijiet tal-ħabs, it-trattament u r-rispett ta' l-obbligi taħt il-konvenzjonijiet internazzjonali fiċ-ċentri ta' detenzjoni jew ħabsijiet, għad iridu jiġu indirizzati.

Il-protezzjoni tat-tfal

Kien hemm progress fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal. F'Mejju 2006, ġie stabbilit fl-Ispettorat fl-Aġenzija ta' l-Assistenza Soċjali unit speċjalizzat sabiex jissorvelja u jimmonitorja l-istituzzjonijiet ta' l-anzjani u tat-tfal. F'Ġunju 2006, beda l-monitoraġġ tal-programm 'Assistenti tal-persuni b'diżabilità'. F'dan il-qafas, qed isir ukoll taħriġ għall-ġenituri tat-tfal b'diżabilità. Ir-regoli għall-implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Assistenza Soċjali ġew emendati sabiex jitjieb l-iżvilupp ta' servizzi alternattivi għat-tfal. Tkompla l-monitoraġġ tad-djar tat-tfal b'diżabilità.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

F'ħafna istituzzjonijiet, il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u dawk sanitarji għadhom f'livell baxx ħafna. Il-unit speċjalizzat stabbilit fl-Ispettorat fl-Aġenzija ta' l-Assistenza Soċjali je ħtieġ li jiġi aktar żviluppat sabiex iwettaq livell sodisfaċenti ta' monitoraġġ. Jeħtieġ li jittie ħdu miżuri sabiex jiġu indirizzati sewwa r-riżultati ta' dak il-monitoraġġ.

Id-diżabilità u s-saħħa mentali

Il-progress kien wieħed limitat. Ittieħdu ċerti passi, b'mod partikolari bl-iskop li tiġi mtejba t-trasparenza fit-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn il-Ministeri tas-Saħħa u x-Xog ħol u l-Affarijiet Soċjali.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Hemm ħtieġa li tiġi mtejba l-Aġenzija għall-Persuni b'Diżabilità bħala l-istituzzjoni responsabbli għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali dwar id-diżabilità. Sforzi sostanzjali għadhom meħtieġa sabiex jiġi assigurat it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' l-g ħajxien fl-istituzzjonijiet. Aktar minn hekk, huma meħtieġa sforzi sabiex tiġi assigurata l-prevenzjoni ta' aktar istituzzjonalizzazzjoni u r-realizzazzjoni ta' l-azzjonijiet stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Politika tas-Saħħa Mentali tal-Bulgarija 2004-2012. Il-proġetti u l-prioritajiet eżistenti ma jilħqux biżżejjed il-bżonnijiet tan-nies fl-istituzzjonijiet.

Il-protezzjoni u l-integrazzjoni tal-minoritajiet

Sar xi progress fir-rigward ta' l-integrazzjoni tar-Roma. Programm tal-litteriżmu Roma u

taħriġ għax-xogħol 'Mill-Ġħajnuna Soċjali għax-Xogħol' ġie mniedi f'Mejju 2006. G ħandu l-għan li jipprovdi taħriġ għax-xogħol lir-Roma mingħajr xogħol. Aktar minn hekk, il-membri tal-komunità tar-Roma ġew impjegati taħt dan il-programm, prinċipalment f'xog ħol ta' titjib ta' l-infrastruttura.

F'Mejju 2006, ġie assenjat koordinatur tad-Deċennju ta' l-Inklużjoni tar-Roma 2005-2015. Il-Bulgarija assumiet il-presidenza tad-Deċennju ta' l-Inklużjoni tar-Roma għal sena. Laqgħat regolari ta' monitoraġġ huma organizzati sabiex tiġi riveduta l-implimentazzjoni ta' dan il-programm. Il-Kapaċità amministrattiva tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni ġiet imsaħħa bir-reklutaġġ ta' aktar staff. Tkompliet l-implimentazzjoni ta' miżuri vokazzjonali u ta' taħriġ ieħor għall-gruppi vulnerabbli. Aktar taħriġ ingħata lill-uffiċjali tad-Direttorat ta' Materji Etniċi u Demografi ċi.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Il-profili tax-xogħol u l-baġit għall-assistenti għalliema għadhom m'humiex definiti b'mod konklussiv. Il-miżuri għall-integrazzjoni tat-tfal tar-Roma fl-iskejjel għandhom jiġu mtejba aktar sabiex ikopru edukazzjoni aktar għolja. L-istatus tas-saħħa tal-populazzjoni tar-Roma huwa baxx u t-tifqigħat ta' mard ikkawżat mill-faqar jew min-nuqqas ta' iġjene huma frekwenti. Ħafna mir-Roma għad għandhom aċċess limitat għas-servizzi tas-saħħa. Jeħtieġ li jiġu mtejba l-sforzi sabiex gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari r-Roma, jiġu inklużi fis-suq tax-xogħol.

Il-kapaċità amministrattiva tal-Kunsill Nazzjonali għall-Kooperazzjoni f'Materji Etniċi u Demografiċi għadha dgħajfa, b'mod partikolari fil-livell reġjonali. L-attitudni tal-gvern g ħal nies li ssetiljaw fil-pajjiż u ma jkunux reġistrati, prinċipalment il-komunità tar-Roma, wasslet għal tensjonijiet. L-iżgumbramenti sfurzati żiedu aktar it-tensjonijiet. Aktar sforzi huma meħtieġa sabiex jiġu missielta l-forom kollha ta' l-intolleranza, b'mod partikolari billi tiġi applikata bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar ix-xandir u attivitajiet oħra li g ħandhom l-għan li jiġġieldu kull forma ta' razziżmu, diskriminazzjoni jew ksenofobija.

2.2. Kriterji Ekonomiċi

L-istabbiltà makroekonomika u d-defiċit tal-kont kurrenti

Ir-Rapport ta' Mejju 2006 ikkonferma mill-ġdid li hija ekonomija tas-suq li taħdem sew u kkonkluda li huwa meħtieġ li jitkomplew il-linji prudenti ta' politika fiskali u tal-pagi min ħabba d-defiċit tal-kont kurrenti li qiegħed jiżdied. Kien hemm progress fl-oqsma li ġejjin: Il-politika fiskali baqgħet stretta u l-bilanċ pożittiv ġenerali tal-gvern laħaq it-3.6% tal-GDP previst fl-ewwel seba' xhur ta' l-2006. Il-pagi reali żdiedu b'1.5%, sena fuq sena, fl-ewwel nofs tas-sena 2006, u għalhekk inqas mill-produttività. It-tkabbir ta' l-esportazzjoni tal-merkanzija żdied għal madwar 30% fl-ewwel nofs tas-sena 2006 u kien ogħla mit-tkabbir ta' l-importazzjoni. Bħala riżultat, id-defiċit tal-kummerċ beda' jonqos ftit f'Mejju u laħaq il-21.0% tal-GDP sa l-aħħar ta' Ġunju. B'konformità mad-defiċit aktar baxx tal-kummerċ, id-defiċit tal-kont kurrenti naqas ukoll f'Ġunju għall-ewwel darba f'aktar minn sena. Id-dħul nett mill-FDI kompla jkopri madwar 75% tad-defiċit tal-kont kurrenti.

Madankollu, ċerti materji pendenti għad iridu jiġu indirizzati. Id-defiċit tal-kont kurrenti

baqa' għoli u twessa' aktar minn 11.8% fl-aħħar ta' l-2005 għal 14.3% fit-tnax-il xahar sa Ġunju 2006. Dan ġara l-aktar minħabba anqas dħul mit-turiżmu, trasferimenti kurrenti sostanzjalment aktar baxxi u bilanċ pożittiv aktar baxx fil-bilanċ tad-dħul. Jeħtieġ g ħalhekk li jinżammu linji stretti ta' politika makroekonomika sabiex jiġi kkontrollat id-defi ċit estern għoli.

Privatizzazzjoni u ristrutturar industrijali

Ir-Rapport ta' Mejju 2006 ikkonkluda li l-proċess ta' privatizzazzjoni u l-liberalizzazzjoni u r-ristrutturar ta' l-utilitajiet kienu fi stadju avvanzat sew. Kien hemm aktar progress fl-oqsma li ġejjin: Il-proċess ta' privatizzazzjoni reġa qabad rittmu tajjeb. Ġie konkluż il-bejg ħ tal-kumpannija ta' l-inġenji tax-xmara u kif ukoll ta' l-impjant ta' l-enerġija termali f'Varna. Inbdew proċeduri ta' bejgħ għall-privatizzazzjoni ta' xi kumpanniji distrettwali tat-tisħin. Il-proċedura tat-tender għall-bejgħ tal-Bulgaria Air ġiet imnedija f'Ġunju. Tkompliet il-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija billi tbaxxew il-limiti għal kuntratti diretti bejn klijenti aktar kbar u l-fornituri.

Madankollu, ċerti materji pendenti għad iridu jiġu indirizzati. Jeħtieġ li l-proċess ta' privatizzazzjoni previst mill-gvern jiġi komplut. L-istrateġija ta' privatizzazzjoni tal-kumpannija ta' l-inġenji marittimi għadha qed tiġi riveduta mill-Kunsill tal-Ministri. Ix-xoljiment tal-Kumpannija Nazzjonali ta' l-Elettriku u tal-Bulgargas u l-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-gas u ta' l-elettriku għad iridu jiġu mitmuma sa l-adeżjoni. Jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi sabiex tiġi mtejba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanniji ferrovjarji.

L-ambjent kummerċjali

Ir-Rapport ta' Mejju 2006 ikkonkluda li kien meħtieġ aktar titjieb fit-tħaddim tas-sistema ġudizzjarja u fit-tnaqqis aktar tal-piż regolatorju fuq in-negozji. Kien hemm progress limitat fl-oqsma li ġejjin: L-abbozz tal-kodiċi ta' proċedura ċivili ġie sottomess fil-Parlament f'Mejju. Emendi għal-leġiżlazzjoni tal-falliment ġew adotatti f'Mejju. F'Ġunju, il-Kunsill għat-Tkabbir Ekonomiku adotta Pjan ta' Azzjoni dwar regolamentazzjoni aħjar, inkluż stħarriġ tar-regolamenti preżenti l-aktar problematiċi.

Madankollu, ċerti materji pendenti għad iridu jiġu indirizzati. Jeħtieġ li l-Liġi dwar ir-Re ġistru Kummerċjali tiġi implimentata kollha u r-reġistru elettroniku tal-kummerċ jiġi kompletament funzjonabbli. Jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi sabiex jitnaqqas il-piż regolatorju u li jiġu indirizzati b'mod partikolari dawk ir-regolamenti li joħolqu l-akbar ostakli fil-kummerċ. Jeħtieġ li jiġu implimentati b'mod aktar sistematiku l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt regolatorju. Jeħtieġ li l-funzjonament tas-sistemi amministrattivi u ġudizzjarji ji ġu mtejba aktar.

Flessibilità fis-suq tax-xogħol

Ir-Rapport ta' Mejju 2006 ikkonkluda li l-qafas regolatorju għas-suq tax-xogħol kien je ħtieġ li jsir aktar flessibbli. Kien hemm xi progress fl-oqsma li ġejjin: L-emendi ta' Mejju g ħall-Kodiċi tax-Xogħol għamlu l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol ftit aktar flessibbli. Għall-impjegati li jkunu qed jaħdmu taħt kuntratt speċjali sabiex jagħmlu xogħol addizzjonali, il-massimu tal-ħin tax-xogħol ta' ġimgħa ġie miżjud għal 48 sigħat. Jekk jagħtu l-kunsens tagħhom bil-miktub, dawn l-impjegati jistgħu wkoll jaħdmu sigħat itwal. Aktar minn hekk,

f'ċerti każi l-perjodu massimu ta' referenza għall-kalkolazzjoni tal-medja tas-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa ġie miżjud għal sitt xhur.

Madankollu, ċerti materji pendenti għad iridu jiġu indirizzati. Dispożizzjonijiet fil-Kodiċi tax-Xogħol dwar il-ħin tax-xogħol u x-xogħol b'terminu fiss għadhom pjuttost restrittivi. Bħala prinċipju, ix-xogħol ta' sahra normali għadu projbit ħlief għal ċerti każi speċifiċi. Il-*bonuses* ta' l-anzjanità għadhom ma ġewx integrati fl-iskala tal-paga regolari. Riforma komprensiva tas-sistema ta' l-edukazzjoni tibqa' kruċjali sabiex jiġu evitati żbilanċi fis-suq tax-xogħol.

2.3. Kriterji ta' l-*acquis*

Din is-sezzjoni teżamina l-iżviluppi fl-oqsma ta' l-*acquis* li kienu jeħtieġ aktar sforzi f'Mejju 2006 skond żewġ kategoriji.

– Fl-ewwel lok, l-oqsma fejn sar progress sinifikanti u fejn, kemm il-darba jinżamm ir-rittmu preżenti, il-preparazzjonijiet tal-Bulgarija huma issa fit-triq it-tajba.

– Fit-tieni lok, l-oqsma fejn aktar progress għadu meħtieġ u fejn il-Bulgarija għandha tkompli bil-preparazzjonijiet tagħha.

2.3.1. L-oqsma fejn il-preparazzjonijiet huma issa fit-triq it-tajba.

Kapitolu 2 Moviment liberu tal-persuni.

Fil-qasam tar-**rikonoxximent reċiproku tal-kwalifikazzjonijiet professjonali**, il-Liġi dwar is-Saħħa ġiet emendata f'Lulju 2006 u qed jitkompla t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, kemm fir-rigward ta' taħriġ u kif ukoll fir-rigward ta' aktar żvilupp ta' l-istrutturi amministrattivi xierqa. Jista' jiġi nnotat wkoll progress fir-rigward tal-professjonijiet tas-saħħa (tobba, infermiera ta' kura ġenerali, dentisti, spiżjara u qwiebel), il-koordinazzjoni tat-taħriġ u r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifikazzjonijiet, fir-rigward ta' liema ġew adottati ordinanzi f'Awissu 2006. Jeħtieġ li l-Bulgarija tassigura li l-leġiżlazzjoni hawn fuq imsemmija tiġi implimentata sewwa.

Kapitolu 3 Libertà li jiġu pprovduti servizzi

Fil-qasam tas-**servizzi bankarji**, il-Liġi dwar is-Superviżjoni Supplimentari tal-Konglomerati Finanzjarji u l-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Kreditu ġew adottati f'Lulju 2006. Il-Liġi dwar il-Garanzija tad-Depożitu Bankarju ġiet ukoll emendata f'Lulju 2006. Il-Bulgarija għad trid tlesti t-traspożizzjoni tar-regoli ġodda ta' l-UE dwar il-kapital meħtieġ għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u d-ditti ta' l-investiment.

Fil-qasam tas-**servizzi ta' l-investiment** u s-**swieq tat-titoli ta' kreditu**, l-Emendi għal-Liġi dwar l-Offerti Pubbliċi tat-titoli ta' kreditu u l-Liġi dwar l-*Insider Dealing* u l-Manipulazzjoni tas-Swieq tat-Titoli tal-Kreditu ġew approvati mill-Kunsill f'Lulju 2006 u sottomessi lill-Parlament għall-adozzjoni. Fil-qasam tas-**soċjetà ta' l-informazzjoni**, ġiet adottata l-Liġi dwar il-kummerċ elettroniku. Il-Bulgarija għamlet progress tajjeb fl-oqsma tas-servizzi bankarji, is-servizzi ta' l-investiment u s-swieq tat-titoli ta' kreditu, u kif ukoll is-soċjetà ta' l-informazzjoni.

Kapitolu 7 Agrikoltura

Il-Bulgarija għamlet progress f'xi oqsma ta' l-agrikoltura. Sar progress fl-istabbiliment ta' l-**Aġenzija tal-Ħlas**, l-għarfien u l-ħila dwar il-**mekkaniżmi tal-kummerċ** u l-istabbiliment ta' **l-organizzazzjonijiet tas-suq komuni dwar l-inbid u l-alkoħol, il-laħam u l-ħalib.** Bl-istess mod, ġie osservat progress sostanzjali fis-settur veterinarju, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-aspetti tal-**kummerċ ta' l-annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-annimali,** il-**miżuri komuni** inklużi z-*zoonoses* u l-**benessri ta' l-annimali.** Għal din ta' l-aħħar, saru analiżijiet dettaljati fir-rigward ta' l-infurzar ta' l-istandards ta' l-UE. Ġew elaborati proġetti li jikkorrispondu għall-għajnuna tal-Komunità Il-Bulgarija għamlet progress tajjeb fl-oqsma ta' hawn fuq.

Kapitolu 8 Sajd

Fir-rigward ta' **l-ispezzjoni u l-kontroll**, ir-rekwiżiti legali ta' l-UE għar-reġistrazzjoni tal-qabda u għaż-żamma ta' *logbooks* ġew trasposti u huma infurzati. Fil-kuntest ta' **l-amministrazzjoni tar-riżorsi u tal-flotta** sar progress sostanzjali fis-sistema ta' monitora ġġ bis-satellita tal-bastimenti tas-sajd li hija mistennija li tkun funzjonabbli għall-bastimenti kollha kkonċernati sa l-adeżjoni. Fir-rigward tal-preparazzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Bulgarija fil-fond ta' l-**UE ta' l-azzjoni strutturali** tas-sajd u **l-politika tas-suq**, il-Bulgarija ħadet ħafna passi sabiex ittejjeb il-kapaċità amministrattiva u r-relazzjonijiet ma' l-industrija tas-sajd. Aktar minn hekk, abbozz ta' pjan strateġiku nazzjonali ġie ppreżentat lill-Kummissjoni.

Kapitolu 9 Trasport

Fil-qasam tat-**trasport marittimu,** jista' jiġi nnotat xi progress. L-istrateġija aġġornata g ħall-privatizzazzjoni ta' Navybulgar ġiet sottomessa lill-Parlament f'Awissu. Sakemm l-indipendenza ta' l-ispezzjonijiet tkun ggarantita bil-finalizzazzjoni tal-proċess ta' privatizzazzjoni, l-ispezzjonijiet kollha minbarra dawk li jaqgħu taħt il-Kodiċi tas-Sigurtà tal-Bastimenti Internazzjonali u l-Faċilitajiet tal-Port u l-Kodiċi ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà Internazzjonali u kif ukoll il-ħruġ ta' dokumenti għall-provvista sigura ta' l-ekwipa ġġ tal-bastimenti jsiru mis-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni. Ma' l-adeżjoni, dawn l-ispezzjonjiet jistgħu jsiru biss minn soċjetajiet ta' klassifikazzjoni rikonoxxuti mill-UE.

Kapitolu 10 Tassazzjoni

Il-Bulgarija għamlet progress sostanzjali fl-oqsma tat-Taxxa tal-Valur Miżjud (VAT). Fil-qasam tal-VAT, il-Liġi l-ġdida dwar il-VAT ġiet adottata f'Lulju 2006. B'mod partikolari tinkludi dispożizzjonijiet għat-traspożizzjoni tar-reġim intra-Komunitarju. Fil-qasam ta' l-interkonnettività ta' l-IT, il-Bulgarija għadha fit-triq it-tajba u għandhom jibqgħu jsiru l-isforzi sabiex titlesta fil-ħin is-sistema tal-VAT fuq is-servizzi elettroniċi.

Kapitolu 13 Ix-xogħol u l-politika soċjali

Il-Bulgarija għamlet progress tajjeb fil-qasam tal-**Liġi tax-Xogħol**. Il-Kodiċi tax-Xogħol ġie emendat f'Mejju 2006 fid-dawl ta' l-*acquis*, b'mod partikolari fir-rigward tad-direttivi dwar ir-*redundancies* kollettivi, it-trasferiment ta' l-intrapriżi, ix-xogħol *part-time*, ix-xog

ħol għal terminu fiss, il-falliment ta' min iħaddem, il-ħin tax-xogħol, l-informazzjoni bil-miktub dwar kundizzjonijiet individwali ta' l-impjieg u l-protezzjoni ta' persuni żgħar fuq il-post tax-xogħol. Ġew adottati aktar atti bl-għan li ssir it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Għoti ta' Postijiet tax-Xogħol lil Ħaddiema u d-direttivi li jissupplimentaw l-Istatuti tal-Kumpannija Ewropea u tal-Kooperattiva Ewropea, id-Direttiva dwar l-Informazzjoni u l-Konsultazzjoni u d-Direttiva dwar il-Kunsilli tax-xogħol Ewropej. Għalhekk, ħafna minnuqqasijiet ġew rimedjati. Mandankollu, il-kapaċità amministrattiva u l-mekkaniżmi tal-kontroll intern ta' l-Ispettorat tax-Xogħol jeħtieġ li jiġi mtejjeb aktar sabiex tiġi garantita l-applikazzjoni effettiva u ekwa ta' l-*acquis* f'dan il-qasam.

Sar progress sinifikanti fil-preparazzjonijiet għall-amministrazzjoni tal-**Fond Soċjali Ewropew (ESF)**, b'mod partikolari fir-rigward tat-taħriġ tal-ħaddiema taċ-ċivil u fir-reklutaġġ ta' aktar persunal.

Kapitolu 21 Politika reġjonali

Fir-rigward ta' l-**istrutturi istituzzjonali** (kapaċità amministrattiva), il-Bulgarija għamlet progress tajjeb bit-tkomplija ta' l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' reklutaġġ fil-korpi differenti kkonċernati. Il-pagi miżjuda għall-ħaddiema taċ-ċivil involuti fl-amministrazzjoni tal-fondi ta' l-UE iffaċilitaw ir-reklutaġġ ta' persunal ikkwalifikat. Ingħata taħriġ sostanzjali sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Fondi Strutturali.

Fil-qasam tal-**monitoraġġ u l-evalwazzjoni**, sar progress tajjeb billi tlestiet is-sistema pilota bażika għas-Sistema ta' Amministrazzjoni u Informazzjoni. Inbeda taħriġ inizjali u ġie elaborat programm ta' taħriġ komprensiv għal kulħadd. Ġew stabbiliti *units* ta' evalwazzjoni f'numru ta' awtoritajiet amministrattivi. Madankollu, ser ikun meħtieġ li jiġi rinfurzat il-bini tal-kapaċità fil-livelli kollha sabiex jiġi assigurat l-assorbiment sħiħ tal-fondi ta' l-UE waqt li jkun rispettat l-*acquis*. Aktar minn hekk, il-proċeduri tas-selezzjoni ta' proġetti u l-implimentazzjoni ser jeħtieġu attenzjoni mill-qrib.

Kapitolu 22 L-ambjent

Il-Bulgarija għamlet progress tajjeb fil-qasam tas-**sigurtà nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni.** Żdiedu n-numri tal-persunal fl-Aġenzija Regolattriċi Nukleari, hemm issa inklużi esperti responsabbli minn aspetti relatati ma' l-espożizzjoni medika.

Kapitolu 23 Il-protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa

F'dan il-kapitolu sar ħafna progress. Sar progress sostanzjali fil-konformità legali tal-leġi żlazzjoni Bulgara ma' l-*acquis* kemm fl-**oqsma relatati mas-sigurtà** u kif ukoll fl-**oqsma li m'humiex relatati mas-sigurtà** u dan permezz ta' l-adozzjoni tal-Liġi dwar il-Kreditu tal-Konsumatur u permezz ta' emendi għal-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur. Leġi żlazzjoni sekondarja ġdida tinkludi l-mekkaniżmu ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u regoli statutorji għall-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur. Ġie elaborat abbozz ta' liġi dwar il-*marketing* mill-bogħod ta' servizzi finanzjarji tal-konsumatur iżda għad jeħtieġ l-approvazzjoni tal-gvern Bulgaru u l-adozzjoni mill-Parlament.

Żdied l-istaff u t-taħriġ kemm tal-korp li jistabbilixxi l-politika u kif ukoll il-korpi li

jinfurzaw. Dan tejjeb is-**sorveljanza tas-suq** billi ġiet stabbilita l-Kummissjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur (CCP) u l-Kunsill dwar il-Koordinazzjoni u l-Iskambju ta' Informazzjoni. Dan ta' l-aħħar huwa responsabbli li jġib flimkien is-CCP mat-tliet awtoritajiet ewlenin tas-sorveljanza tas-suq. Il-parteċipazzjoni attiva tas-Sistema tat-Twissija Rapida ta' l-UE għall-Prodotti li M'humiex ta' l-Ikel u l-ispezzjonijiet intensifikati segwiti bl-azzjoni amministrattiva ta' tkomplija, tindika suq adegwat ta' sorveljanza. 12% ta' l-ispezzjonijiet magħmula wasslu għall-ħruġ ta' atti amministrattivi jew l-irtirar ta' prodotti mis-suq fi tmien każi.

Tkompliet il-formazzjoni ta' moviment effettiv tal-konsumaturi bil-provvediment ta' riżorsi finanzjarji lil ħdax-il **organizzazzjoni tal-konsumatur** Bulgara u taħriġ sostanzjali ta' l-istaff tagħhom. Dawn l-NGOs kienu formalment involuti fis-sorveljanza tas-suq sa mill-iffirmar ta' Memorandum ta' Attività Konġunta mas-CCP. Inbdiet kampanja sabiex il-pubbliku jkun informat dwar l-għanijiet u l-mekkaniżmi tal-protezzjoni tal-konsumatur.

Kapitolu 24 Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni

Fil-qasam ta' l-**ażil**, ġiet imsaħħa adegwatament il-kapaċità amministrattiva ta' l-Aġenzija tar-Refuġjati.

Fil-qasam tal-**kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali**, ġew ratifikati l-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu. Fir-rigward tal-kwalità tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali, il-Liġi dwar il-Ħruġ, l-Adozzjoni u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet għas-sekwestrar ta' Proprjetà jew Evidenza, maħruġa mill-Istati Membri ta' l-UE ġiet adottata f'Lulju 2006. Bulgaria has made good progress in these areas.

2.3.2. Oqsma fejn għad jeħtieġ aktar progress

Kapitolu 3 Libertà li jiġu pprovduti servizzi

Fil-qasam ta' l-**assigurazzjoni**, ġew adottati emendi għall-Kodiċi dwar l-Assigurazzjoni f' Ġunju 2006, li jipprovdu għar-riassigurazzjoni obbligatorja tal-polza li l-Fond ta' Garanzija għandu jissottoskrivi.

Madankollu, ħafna vetturi bi pjanċi mhux validi għadhom jiċċirkulaw fil-Bulgarija. Il-programm tal-Fond ta' Garanzija dwar ir-riassigurazzjoni għadu ma twettaqx. L-isfida ewlenija tibqa' l-iffirmar tal-Ftehim Multilaterali taħt il-patroċinju tal-Kunsill tal-*Bureaux* u kif ukoll il-Ftehim bejn il-korpi tal-ħlas ta' kumpens u l-fondi ta' garanzija sabiex il-vetturi Bulgari jitħallew jiċċirkulaw fl-UE mingħajr spezzjonijiet fuq il-fruntiera ta' poloz ta' vetturi li jkopru r-responsabbiltà lejn terzi (MTPL) u sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni sħiħa tar-4 Direttiva dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi. Għalhekk hemm ir-riskju li wara l-adeżjoni jibqgħu meħtieġa l-ispezzjonijiet fuq il-fruntiera fuq poloz MTPL ta' vetturi Bulgari u li l-kumpens lejn vittmi ta' inċidenti tat-traffiku mill-korpi tal-ħlas ta' kumpens ma jingħatax jew jingħata biss parzjalment kif previst fl-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva.

B'żieda mal-progress magħmul minn Mejju 2006 'l hawn, il-Bulgarija għandha tkompli bil-

preparazzjonijiet tagħha fil-qasam ta' l-assigurazzjoni fix-xhur li baqa'.

Fir-rigward tal-**protezzjoni tad-*data* personali**, il-leġiżlazzjoni tal-Bulgarija għadha m'hijiex konformi ma' l-*acquis*. L-emendi għal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* Personali għadhom qed jiġu ppreparati u r-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali għall-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni tad-Data għadu mhux komplut. In-nuqqas ta' indipendenza baġitarja u t-tħaddim ta' l-iskema ta' reġistrazzjoni u notifikazzjoni jeħtieġ li jiġu indirizzati. Jeħtieġ li tiġi mtejba l-attività dwar l-infurzar u t-trattament ta' l-ilmenti u azzjoni effettiva mill-awtorità ta' superviżjoni meta tiġi biex tiddetermina l-użu tar-riżorsi u s-setgħat diġa disponibbli għaliha.

Kapitolu 4 Moviment liberu tal-persuni.

Fil-qasam tal-**ħasil tal-flus** sar progress bl-emenda tal-Liġi dwar il-Miżuri kontra il-ħasil tal-flus li fil-parti l-kbira tagħha tirrifletti r-rekwiżiti tat-tieni Direttiva ta' l-UE kontra l-*ħasil tal-flus* u tqiegħed il-liġi Bulgara f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet riveduti tat-*Task Force* dwar Azzjoni Finanzjarja fuq il-prevenzjoni tal-*ħasil tal-flus* u l-iffinanzjar tat-terrożimu. Għad jeħtieġ li l-Bulgarija turi l-abbiltà tagħha li tagħti riżultati konkreti fir-rigward ta' l-infurzar u l-prosekuzzjoni tal-każi ta' *ħasil tal-flus*. *(ara wkoll Kapitolu 1.2)*

Kapitolu 5 Il-Liġi dwar il-kumpanniji

Il-Bulgarija għamlet progress fil-qasam tal-**protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u industrijali (IPR)**. L-emendi għal-Liġi dwar il-privattivi industrijali ġew adottati f'Lulju 2006 u l-emendi għal-Liġi dwar it-*Trade Marks* u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u għal-Liġi dwar id-Disinn Industrijali ġew adottati f'Awissu 2006. F'Mejju ġiet organizzata f'Rousse konferenza kbira għat-tkattir ta' l-għarfien bl-assistenza ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali u l-Kummissjoni Ewropea. F'Awissu 2006 inbdiet kampanja nazzjonali għall-għarfien tal-pubbliku dwar il-midja elettronika. Il-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' l-IPR iltaqa' darbtejn. Saru wkoll laqgħat ma' asso ċjazzjonijiet industrijali relatati ma' l-IP. Is-sessjonijiet ta' taħriġ involvew il-ministeri rilevanti, l-uffiċċju tal-privattivi industijali, il-prosekuturi, u kif ukoll l-uffiċjali tad-dwana. Il-kriminalità relatata ma' l-IP għadha theddida kontinwa u toħloq sfida reali lill-Bulgarija. Il-pajjiż għandu jassigura l-konformità ta' l-utenti tas-suġġett protett, bħall-operaturi tal-*cable*, bl-obligazzjonijiet tagħhom li jħallsu d-drittijiet.

Fir-rigward tal-liġi Bulgara dwar il-privattivi industrijali, li ġiet emendata dan l-aħħar, qam tħassib dwar xi emendi li jwasslu għal tnaqqis tal-perjodu ta' l-iskemi temporanjii ta' protezzjoni għall-prodotti farmaċewtiċi. F'xi każi din naqqset id-drittijiet miksuba.

Kapitolu 7 Agrikoltura

Fir-rigward tas-**sistemi ta' kontroll veterinarju fis-suq intern**, il-Bulgarija għad trid tiffinalizza l-infrastruttura (postijiet ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera) u l-proċeduri għall-ispezzjonijiet fuq annimali ħajjin u prodotti riżultanti mill-annimali li jidħlu minn pajjiżi terzi, sabiex tistabbilixxi sistema effettiva ta' kontroll għall-parteċipazzjoni fis-suq intern u sabiex turi l-operazzjoni *multi-user real time – on line* tad-*databases* għall-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-kontroll tal-moviment għall-ispeċi ta' l-annimali rilevanti (traċċabilità). Hemm ħtieġa ta' miżuri dwar il-kontroll tal-**mard ta' l-annimali**

sabiex jiġi assigurat li l-pajjiż ikun liberu mid-deni klassiku tal-ħnieżer. Fl-aħħar, fir-rigward tas-**saħħa pubblika**, il-Bulgarija għad trid torganizza t-tqassim tal-ħalib mhux ipproċessat li jkun konformi bejn l-istabbilimenti tal-ħalib fis-settur tal-prodotti tal-ħalib.

Kapitolu 9 Trasport

Fil-qasam tat-**trasport bl-ajru**, spezzjonijiet konġunti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (EASA) u l-Awtoritajiet Konġunti ta' l-Avjazzjoni (JAA) urew nuqqasijiet sinifikanti u persistenti fil-kapaċità amministrattiva ta' l-Awtorità Bulgara ta' l-Avjazzjoni Ċivili li tassigura t-tħaris meħtieġ tas-sigurtà, li timplimenta r-rekwiżiti tal-Komunità dwar iċ-ċertifikazzjoni, l-*airworthiness* u l-manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru, u li tassigura li l-flotta l-kbira ddiżinjata fil-Commonwealth ta' l-Istati Indipendenti tista' tikkonforma ma' dawn ir-rekwiżiti.

Sabiex tikkonforma ruħha mal-liġi rilevanti ta' l-UE dwar ir-regoli tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, il-Bulgarija teħtieġ b'mod urġenti tissottometti pjan korrettiv ta' azzjoni u timplimentah skond skeda stretta, b'kooperazzjoni mill-qrib u taħt il-gwida ta' l-EASA sabiex jiġu mneħħija n-nuqqasijiet kollha. Imbagħad l-EASA jkollha tivverifika l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan permezz ta' spezzjoni oħra qabel l-adeżjoni tal-Bulgarija.

Kapitolu 10 Tassazzjoni

Fl-oqsma tat-**tassazzjoni diretta** u l-**assistenza reċiproka**, ma jista' jiġi rraportat ebda progress, peress li l-atti leġiżlattivi rilevanti għadhom ma ġewx adottati mill-Parlament. Il-Bulgarija għad trid tneħħi l-ħwienet ta' bejgħ ħieles mit-taxxa lill-vjaġġaturi li jidħlu fil-pajjiż.

Kapitolu 13 Politika soċjali u x-xogħol

Fir-rigward tas-**saħħa pubblika**, aktar konformità legali qed tiġi ppreparata fil-qasam tad-demm u l-prodotti tad-demm u kif ukoll għat-tessuti u ċ-ċelloli sabiex titlesta l-konformità ma' l-*acquis*. Ġew trasposti r-rekwiżiti ta' l-UE dwar it-traċċabilità u n-notifikazzjoni ta' reazzjonijiet u avvenimenti avversi serji. Il-kapaċità amministrattiva ta' aġenziji eżekuttivi rilevanti ġiet imsaħħa xi ftit. L-ispezzjonijiet tan-netwerk preżenti ta' l-istituti speċjalizzati qed isiru regolarment, segwiti b'atti amministrattivi jew sanzjonijiet fejn meħtieġ.

Fir-rigward ta' l-aċċess għall-kura tas-saħħa, il-benessri tat-tfal u t-trattament ta' l-anzjani, il-persuni b'diżabilità, għadhom meħtieġa sforzi sostanzjali sabiex jiġi assigurat li l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien fl-istituzzjonijiet jiġu mtejba, li titnaqqas l-istituzzjonalizzazzjoni u li l-azzjonijiet stipulati fil-"Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-politika tas-saħħa mentali tal-Bulgarija 2004-2012" jiġu realizzati. Minkejja li minn Mejju 'l hawn sar xi progress fil-qasam tad-**djalogu soċjali**, id-djalogu bejn iż-żewġ partijiet soċjali għadu ma ġiex imsaħħaħ biżżejjed u l-ħtieġa għall-aktar bini tal-kapaċità għadha materja pendenti. Jeħtieġ li l-kriterji tar-rappreżentanza jiġu applikati b'mod imparzjali fir-rigward ta' l-organizzazzjonijiet kollha ta' l-imsieħba soċjali. Il-parti ċipazzjoni fil-djalogu bejn it-tliet partijiet għandha tiġi ristretta għall-organizzazzjonijiet ta' l-imsieħba soċjali b'mandat soċjali. Il-Bulgarija teħtieġ iżżid il-preparazzjonijiet tagħha f'dan il-qasam.

Fil-qasam ta' l-**inklużjoni soċjali**, għad iridu jiġu indirizzati diversi materji. Jeħtieġ li l-Bulgarija tkompli bix-xogħol analitiku tagħha u l-iżvilupp ta' l-istatistika soċjali dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali skond l-indikaturi ta' l-UE dwar l-inklużjoni soċjali. Jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi sabiex tiġi mtejba s-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari r-Roma, u tiġi promossa l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà.

Il-Bulgarija għamlet xi progress fil-qasam ta' **kontra d-diskriminazzjoni**. Madankollu, je ħtieġ li l-kapaċità amministrattiva tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni tiġi mtejba. Ma kinux biżżejjed l-isforzi sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Programm Qafas għall-Integrazzjoni Ugwali tar-Roma fis-so ċjetà Bulgara.

Kapitolu 14 L-enerġija

Sar progress limitat fir-rigward tal-**kompetittività u s-suq intern ta' l-enerġija**. Il-ftuħ ġenerali tas-suq ta' l-elettriku u l-gas sejjer tajjeb, madankollu, sforzi kontinwi huma me ħtieġa sabiex jitlesta r-ristrutturar tal-kumpanniji ta' l-elettriku u tal-gas NEK u Bulgargas. Jeħtieġ ukoll li sa l-adeżjoni l-Bulgarija tneħħi l-monopolji eżistenti ta' l-importazzjoni/esportazzjoni, skond kif previst fil-Liġi tagħha dwar l-Enerġija.

Sar xi progress fil-qasam ta' l-**enerġija nukleari u s-sigurtà nukleari**. L-Awtoritajiet Bulgari waqqfu strateġija viabbli ta' żmantellar sabiex jaderixxu għall-obbligi tagħhom rigward l-għeluq kmieni u l-iżmantellar sussegwenti ta' Units 1-4 ta' l-Impjant ta' l-Ener ġija Nukleari Kozloduy.

Mandankollu, jeħtieġ li jitkomplu l-isforzi fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet proposti. G ħad iridu jiġu ffinalizzati l-azzjonijiet operazzjonali u amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija, b'mod speċjali l-approvazzjoni mir-Regolatur Nukleari tal-bdil tal-liċenzja għall-units 1 u 2 li tippermetti attivitajiet preparatorji għat-tne ħħija u l-iżmantellar, u kif ukoll il-ħruġ ta' liċenzja *"zero power"* għall-units 3 u 4. Dawn huma meħtieġa sabiex imbagħad tiġi implimentata l-istrateġija riveduta li tiggarantixxi l-g ħeluq ta' l-erba' units kollha ta' l-impjant ta' l-enerġija.

Kapitolu 15 Politika Industijali

Sar progress fil-qasam tal-**privatizzazzjoni u r-ristrutturar**. *(Ara wkoll is-sezzjoni ekonomika.)* Madankollu, sar ftit progress fir-rigward tar-ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar. Il-Bulgarija applikat għall-estensjoni tal-perjodu tar-ristrutturar sa l-2008. Aċċettat li tiġi estiża sa l-2008 il-possibbiltà li tiġi mitluba lura l-għajnuna mill-istat jekk il-kundizzjonijiet ma jiġux milħuqa.

Kapitolu 19 Il-komunikazzjonijiet elettroniċi u t-teknoloġiji ta' l-informazzjoni

Ċerti materji ewlenin tal-**komunikazzjonijiet elettroniċi u t-teknoloġiji ta' l-informazzjoni** għad iridu jiġu indirizzati. L-adozzjoni tal-liġi primarja ġdida li tittrasposta l-*acquis* ta' l-2002 u l-leġiżlazzjoni sekondarja sussegwenti għadha fil-proċess li ssir. L-impożizzjoni ta' miżuri regolatorji xierqa fuq il-prezzijiet mobbli ta' merkanzija mibjugħa bl-ingrossa u l-applikazzjoni ta' sistemi ta' kontabilità bbażata fuq l-infiq effettiv għadhom

ma sarux. Dawn il-miżuri jassiguraw il-preċiżjoni u l-ġustizzja ta' l-obbligi fir-rigward tal-prezzijiet fis-servizzi ta' l-interkonnessjoni, l-*unbundling*, l-aċċess u l-bejgħ bl-imnut tal-*voice services*. B'żieda ma' dan, l-Awtorità Regolatorja Nazzjonali għandha tingħata kapaċità aħjar u indipendenza sħiħa sabiex twettaq l-impenji regolatorji tagħha. Il-preparazzjonijiet tal-Bulgarija għadhom mhux biżżejjed sabiex ikun hemm konformità mal-qafas regolatorju ta' l-UE sa l-adeżjoni.

Kapitolu 21 Il-politika reġjonali u l-koordinazzjoni ta' l-istrumenti strutturali

Il-**programmar** qed isir skond l-iskeda. Madankollu, huwa meħtieġ aktar progress fir-rigward ta' l-istabbiliment ta' sensiela ta' proġetti ppreparati sewwa. Il-Bulgarija qed tirriskja li ma tkunx ippreparat biżżejjed proġetti ma' l-adeżjoni u għalhekk tista' tkun f'pożizzjoni li ma tkunx tista' tassorbi bis-sħiħ l-allokazzjoni finanzjarja tagħha taħt il-Fondi Strutturali.

Ir-riżultati fir-rigward ta' l-istabbiliment u l-funzjonament ta' sistema tajba u effiċjenti ta' **amministrazzjoni finanzjarja u kontroll** għad trid tiġi ppruvata b'mod partikolari fir-rigward tal-*units* tal-verifika interna li għamlu xogħol limitat u ma laħqux standard adegwat. Sar progress bit-tħaddim u tħarriġ ta' persuni iżda għad jonqos li jiġu ffinalizzati pjanijiet kumplessi ta' reklutaġġ u taħriġ. Manwali ta' proċedura huma disponibbli f'format ta' abbozz. Jeħtieġ li dawn il-manwali jiġu ffinalizzati malajr u jsir it-taħriġ fuqhom. Jeħtieġ li jiġu ttestjati l-proċeduri u li tiġi stabbilita r-rutina. Waqt li timijiet ta' kontroll ex-ante ġew stabbiliti fl-awtoritajiet amministrattivi kollha, jeħtieġ li tintwera l-implimentazzjoni xierqa tal-proċeduri tal-ħruġ pubbliku għall-offerti f'dan il-kuntest.

Kapitolu 22 L-ambjent

Ebda azzjonijiet speċifiċi ma ttieħdu fir-rigward ta' l-għarfien u l-involviment tal-pubbliku fl-oqsma tal-Prevenzjoni u Kontroll Integrati tat-Tniġġis (IPPC) u NATURA 2000 fil-qasam tal-**leġiżlazzjoni orizzontali**. Ġew imwarrba riżorsi finanzjarji għall-istabbiliment ta' reġistru aċċessibbli għall-pubbliku dwar l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali. Madankollu, ir-reġistru għadu ma ġiex stabbilit.

Għall-**immaniġġjar ta' l-iskart**, ir-reklutaġġ tal-persunal għal-livell reġjonali għamel ftit progress. L-iżvilupp ta' netwerk integrat ta' impjanti għar-rimi ta' l-iskart mhux qed jing ħata attenzjoni.

Fir-rigward tal-**kwalità ta' l-ilma**, jeħtieġ li tiġi adottata l-emenda għal-Liġi dwar l-Ilma sabiex tiġi f'konformità sħiħa mad-Direttiva Qafas ta' l-UE dwar l-Ilma.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Għad irid isir aktar tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fir-rigward tar-riżorsi umani, il-laboratorji u l-apparat, b'mod partikolari fil-livell reġjonali.

Sar progress fir-rigward ta' l-**IPPC u l-amministrazzjoni tar-riskju**. In-numru totali ta' permessi integrati żdied sa issa għal 108 minn total ta' 230 li għandhom jinħarġu sa l-aħħar ta' Ottubru 2007. Għall-installazzjonijiet l-oħra, inbdew il-proċeduri. Madankollu, jeħtieġ li l-proċess tal-ħruġ tal-permessi li fadal u ta' l-infurzar tal-permessi kollha jitkompla

sabiex dan il-proċess jiġi konkluż fil-ħin.

Fir-rigward tal-**kwalità ta' l-arja** t-traspożizzjoni għadha lura. Sforz akbar għadu meħtieġ sabiex jiġu trasposti b'mod sħiħ id-Direttivi li baqa' dwar l-arja (dwar l-arja ambjentali, il-limitu nazzjonali ta' l-emissjonijiet, l-iskambju ta' l-emissjonijiet, il-kontenut ta' kubrit fil-karburanti likwidi).

Substantial efforts are needed as regards progress - as scheduled - in terms of implementation of measures in these areas.

Kapitolu 24 Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni

Ġie reġistrat progress fir-rigward tal-preparazzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-***acquis* ta' Schengen u l-amministrazzjoni tal-fruntiera esterna futura ta' l-UE**. Wara l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni dwar l-Amministrazzjoni Integrata tal-Fruntiera, f'Mejju 2006 tqiegħdu fiż-żona tal-fruntiera timijiet ta' investigazzjoni konġunta u f'Ġunju 2006 inbdew jinżammu fiż-żona tal-fruntiera timijiet mobbli konġunti ta' l-uffiċjali tad-dwana u tal-pulizija tal-fruntiera. Bħalissa hemm 13 minn dawn it-timijiet li qed jiffunzjonaw. F'Ġunju 2006, il-Bulgarija adottat Pjan ta' Azzjoni sabiex tipprepara għas-sħubija fl-SIS II fi stadju aktar tard wara l-adeżjoni. Il-preparazzjonijiet sabiex tissieħeb f'Schengen wara l-adeżjoni huma ġeneralment fit-triq it-tajba, iżda l-Bulgarija ser jeħtieġilha turi wkoll fil-prattika li x-xogħol ta' preparazzjoni tagħha huwa ffokat fuq l-SIS II u mhux fuq l-SIS I+. Kompla r-reklutaġġ ta' staff addizzjonali. Ġew irreklutati 137 mill-200 uffiċjal tal-pulizija tal-fruntiera addizzjonali previsti għall-2006. F'Lulju 2006, il-prinċipju tal-"ħlas f'uffiċċju wieħed" ġie introdott bħala proġett pilota fil-Lesovo BCP fuq il-fruntiera bejn il-Bulgarija u t-Turkija, iżda issa jeħtieġ li din tiġi estiża fil-fruntieri kollha tal-Bulgarija sabiex jiġi mnaqqas ir-riskju ta' prattiċi ta' korruzzjonu fil-fruntiera. F'Awissu 2006, ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-pulizija tal-fruntiera Bulgara u l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea FRONTEX. F'Awissu wkoll, ġie iffirmat mar-Rumanija ftehim dwar ir-reġim tal-fruntiera ta' l-istat, il-kooperazzjoni u l-għajnuna reċiproka fuq materji tal-fruntiera. Fil-perjodu Mejju-Settembru 2006, inqabdu 220 persuna fil-fruntiera statali tal-Bulgarija filwaqt li 499 ma tħallewx jidħlu mill-punti ta' qsim tal-fruntiera.

Il-fruntieri tal-Bulgarija għadhom vulnerabbli ħafna fir-rigward tat-traffikar tal-bnedmin u l-oġġetti u sabiex jiġi assigurat livell għoli ta' kontroll għandhom jibqgħu jsiru l-investimenti f'apparat modern u staff imħarreġ sewwa.

Fil-ġlieda kontra d-**drogi**, ma ġietx imsaħħa l-kapaċità amministrattiva tal-Punt Fokali Nazzjonali fi ħdan iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u għall-Vizzji tad-Drogi. Il-Bulgarija għadha pajjiż ta' tranżitu maġġuri għall-kuntrabandu tad-drogi. L-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri kontra d-drogi għadha sfida. Sa minn Mejju 2006 ġew issekwestrati fuq il-fruntieri tal-Bulgarija 180 kg eroina, 30 kg ħaxixa u aktar minn 200 kg amfetamini u kif ukoll kwantitajiet żgħar ta' mariwana, ekstaži u kokaina.

Għall-informazzjoni dwar il-**protezzjoni tad-data**, ara Kapitolu 3.

Kapitolu 28 Kontroll Finanzjarju

Fir-rigward tal-**protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE,** ġie osservat xi titjib fil-ġlieda kontra l-frodi. Ġew imtejba l-istrateġija ta' kontra l-frodi u l-pjan ta' azzjoni tagħha u sallum l-attivitajiet ġew implimentati fil-prattika. F'Lulju ġie imwaqqaf unit ċentrali ġdid fi ħdan l-AFCOS sabiex titjieb il-kapaċità tal-koordinazzjoni tal-korpi nazzjonali rilevanti u l-kooperazzjoni ma' l-OLAF fil-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE. Il-funzjonament tajjeb tal-unit ċentrali u l-kooperazzjoni sħiħa tal-korpi nazzjonali rilevanti fi ħdan l-istruttura ser ikollhom issa jassiguraw il-protezzjoni effi ċjenti ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE.

3. Traduzzjoni ta' l-*acquis* għall-bulgaru

Il-Bulgarija għad trid tittraduċi madwar 1.4% ta' l-*acquis* (madwar 1 360 paġna) u tirrevedi madwar 16% (madwar 15 000 paġna). Meħuda flimkien mas-sitwazzjoni fi stadji oħra ta' produzzjoni (*proofreading*, korrezzjoni, finalizzazzjoni mir-riveżuri legali ta' l-istituzzjonijiet) dan ifisser li madwar 51% mit-total ta' paġni (jiġifieri, madwar 48 000 pa ġna) għadhom ma ġewx ippreparati għall-Edizzjoni Speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali li għandu jiġi ppubblikat mid-data tat-tkabbir.

Huwa ta' importanza kbira li l-*acquis* jiġi kollu tradott u rivedut qabel l-adeżjoni sabiex ti ġi assigurata ċ-ċertezza legali tal-leġiżlazzjoni sekondarja. Il-Bulgarija hija mistiedna żżid l-isforzi tagħha sabiex twettaq dan l-għan.

L-ANNESS TAL-PAJJIŻ IR-RUMANIJA

1. Il-materji enfasizzati fil-konklużjoni tar-rapport ta' Mejju 2006 li jeħtieġu aktar azzjoni

1.1. Kriterji politiċi

Is-sistema ġudizzjarja

Kien hemm aktar progress fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja. Kompliet l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija nazzjonali u l-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-riforma ġudizzjarja. F'Mejju 2006 ġiet adottata Liġi dwar il-Medjazzjoni li tipprovdi għal sistema ta' riżolviment alternattiv ta' tilwimiet. Kunsill ta' medjazzjoni għandu jiġi mwaqqaf sabiex jissorvelja l-implimentazzjoni tal-liġi. Il-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, l-imħallfin u l-prosekuturi prattikanti, l-avukati u l-esperti barranin bdew reviżjoni fundamentali tal-Kodiċi Ċivili u l-Kodiċi Kriminali u kif ukoll taż-żewġ kodiċijiet pro ċedurali assoċjati. Din għandha tkun lesta sat-tielet kwart tas-sena 2007. In-numru ta' kaw żi quddiem is-sezzjoni ċivili tal-Qorti Għolja naqas minn 6 126 fl-aħħar ta' Frar 2006 għal 5 160 f'Settembru.

F'Lulju 2006 il-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija, flimkien mal-kapijiet tas-Servizz ta' Intelliġenza Rumena, is-Servizz ta' Intelliġenza Barranija u d-Direttorat Ġenerali għall-Intelliġenza u l-Protezzjoni Interna rreżinjaw wara l-għajbien u l-ħarba sussegwenti mill-pajjiż ta' akkużat fi proċedura dwar it-terroriżmu. L-Ispetturi Ġudizzjarji bdew investigazzjoni preliminari ta' l-azzjonijiet tal-prosekuturi u l-imħallfin involuti.

Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (CSM) beda jikklassifika l-kumplessità tad-diversi tipi ta' kawżi ttrattati mill-qrati u jikkalkula l-ħin medju li dawn jieħdu sabiex jgħin b'mod aktar effiċjenti lill-qrati fl-amministrazzjoni tar-riżorsi umani tas-sistema ġudizzjarja. Inbeda proġett pilota fi 17-il qorti fejn l-iskrivana huma mħollija jagħmlu ħidmiet amministrattivi addizzjonali li bħalissa jagħmluhom l-imħallfin sabiex jitnaqqas il-volum ta' xogħolhom. F'Ġunju is-CSM ipproponiet titjib għal-leġiżlazzjoni dwar sanzjonijiet dixxiplinarji għall-imħallfin. Dan għandu l-għan li jassigura li min ikun qed jiġi investigat ma jkunx jista' jirtira kmieni sabiex jevita s-sanzjoni u sabiex ma jkunux jistgħu jkomplu jagħtu ġudizzju f'kawżi wara li s-CSM tkun ħadet deċiżjoni inizjali li tneħħihom mill-uffiċ ċju.

Il-Pjan ta' Azzjoni tas-CSM qed jiġi implimentat skond l-iskeda u ttieħdu l-miżuri li ġejjin: l-ewwel, ġew adottati regoli interni li jipprojbixxu l-membri tal-kunsill milli jivvutaw f'materji ta' dixxiplina li jeffettwaw il-kariga tagħhom fi ħdan il-qorti jew il-prosekuzzjoni. it-tieni, ittieħdu passi sabiex tiġi assigurata interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi aktar konsistenti, it-tielet, ġew ipprovduti kriterji aktar oġġettivi għal promozzjoni ta' mħallfin u prosekuturi; u ir-raba', ġew stabbiliti kriterji oġġettivi ġodda għar-reklutaġġ ta' staff għad-Dipartiment ta' l-Ispezzjoni u applikati fl-għażla ta' tliet spetturi ġudizzjarji ġodda.

F'Mejju 2006 il-Parlament irratifika l-kuntratt sabiex isir ix-xogħol meħtieġ biex jitlestew 25 qorti. F'Awissu reġa nfetaħ il-Palazz tal-Ġustizzja f'Bucharest u issa jinkorpora fih il-Qorti ta' l-Appell u qorti lokali. Kompliet l-istallazzjoni ta' teknoloġija ta' l-informazzjoni

u apparat ta'-kommunikazzjoni moderni fis-sistema ġudizzjarja u sa Lulju 2006 il-qrati kollha ġew interkonnessi permezz ta' netwerk protett. L-estensjoni ta' dan in-netwerk g ħall-uffiċċji kollha tal-prosekuzzjoni tinsab għaddejja. Is-*software* tas-Sistema ta' Dokumentazzjoni u Amministrazzjoni tal-kawżi qed taħdem f'152 mill-237 qorti fir-Rumanija u f'40 uffiċċju tal-prosekuzzjoni mill-235 uffiċċji tal-prosekuzzjoni. Ġew stabbiliti Netwerks għaż-Żona Lokali fi 82% tal-qrati u 90% ta' l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni. Sa minn Lulju 2006 il-qrati u l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni lkoll kellhom aċ ċess *online* għal-leġiżlazzjoni u l-każistika.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Interpretazzjoni u applikazzjoni konsistenti tal-liġi fil-livelli kollha tal-qrati fil-pajjiż g ħadha ma ġietx kompletament assigurata. Ħamsa mill-erbatax-il membru elett tas-CSM g ħadhom jiffaċċjaw kunflitt ta' interess potenzjali f'materji ta' spezzjoni minħabba li dawn g ħandhom pożizzjonijiet ta' tmexxija fil-qrati jew fl-uffiċċji tal-prosekuzzjoni. L-oġġettività tal-maġġoranza kbira ta' l-ispetturi preżenti m'hijiex garantita biżżejjed. Għandu jsir reklutaġġ ta' spetturi ġodda, skond il-proċedura l-ġdida, sabiex jiġi mnaqqas in-numru ta' postijiet battala u sabiex tiżdied ir-rappreżentanza reġjonali ta' l-ispetturi. Is-CSM għadha ma ndirizzatx il-materja li mġieba kontra l-etika minn membri individwali tas-CSM teffettwa ħażin ir-reputazzjoni tal-Kunsill bħala korp kollettiv. Għadha ma ġiet adottata ebda leġiżlazzjoni ġdida għall-qafas ta' għajnuna legali. Għadu ma ġiex maħtur Prosekutur Ġenerali ġdid. Għadhom ma ttieħdu ebda passi sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet serji ta' l-amministrazzjoni tal-Ministeru Pubbliku bħad-distribuzzjoni ferm mhux ugwali tax-xog ħol, in-nuqqas ta' taħriġ kontinwu rilevanti u l-inabbiltà fil-ġbir ta' l-istatistika. Din il-materja għandha tiġi indirizzata bħala prijorità.

B'mod ġenerali, qed ikompli l-progress fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja, b'mod speċjali fit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva. Huma meħtieġa aktar sforzi sabiex jiġu assigurati interpretazzjoni u applikazzjoni aktar konsistenti tal-liġi sabiex tinħoloq ċertezza legali. Filwaqt li l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura beda jindirizza xi wħud mill-materji ewlenin li s-sistema ġudizzjarja qed tiffaċċja permezz tal-Pjan ta' Azzjoni ġdid adottat, għad hemm tħassib dwar kunflitti ta' interess potenzjali fir-rigward ta' xi membri tal-Kunsill. Għandhom jittieħdu passi wkoll sabiex jiġu indirizzati d-dgħjufijiett fl-amministrazzjoni fil-Ministeru Pubbliku.

Miżuri kontra l-korruzzjoni

Ir-Rumanija kompliet tagħmel progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Kompliet l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija nazzjonali u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. F'Ġunju 2006 ġew adottati emendi fil-Kodiċi Kriminali li introduċew ir-responsabbiltà kriminali ta' persuni ġuridiċi. F'Lulju ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida li tag ħmel aktar stretti r-regoli ta' l-iffinanzjar tal-partiti politiċi.

Il-kwantità u l-kwalità ta' investigazzjonijiet mhux partiġjani f'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli komplew jizdiedu. Id-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni (DNA) beda investigazzjonijiet fi tliet każi ġodda ta' korruzzjoni ta' livell g ħoli li fihom hemm involuti persuna li qabel kienet membru Parlamentari, personalità ewlenija mill-amministrazzjoni lokali u impjegat anzjan taċ-ċivil. Id-DNA xliet seba'

persuni b'każi ta' korruzzjoni ta' livell għoli, erba' minnhom kienu politikanti mill-koalizzjoni tat-tmexxija, tnejn mill-oppożizzjoni u persuna fin-negozju li għandha profil għoli. Id-DNA xliet ukoll ħames imħallfin u qed tinvestiga żewġ imħallfin oħra. Sa minn Marzu 2006, id-DNA xliet total ta' 199 suspettat u l-qrati taw kundanni inizjali kontra 87 akkużat u 82 kundanni finali f'każi mibdija mid-DNA. Kompla t-titjib kwalitattiv ta' l-investigazzjonijiet tad-DNA kif jidher mill-ftuħ mill-ġdid ta' każi li kienu ġew magħluqa ta ħt it-tim ta' amministrazzjoni ta' qabel u billi nbdew investigazzjonijiet ġodda fi skandli ta' ksib pubbliku li ilhom żmien twil li saru. Il-qafas ta' kontra l-korruzzjoni sar aktar effettiv peress li aktar investigazzjonijiet tad-DNA qed jinbdew abbażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-korpi ta' kontroll pubbliċi. F'Mejju d-DNA ġiet allokata 56 post addizzjonali.

Id-Direttorat Ġenerali ta' Kontra l-Korruzzjoni (DGA) fi ħdan il-Ministeru ta' l-Amministrazzjoni u l-Intern għandu issa 298 membri ta' l-istaff li qed jaħdmu f'livelli nazzjonali u lokali. Sa minn Mejju id-DGA għamlet investigazzjonijiet preliminari ta' 615-il persuna u għaddiet dawn il-fajls kollha lis-servizz kompetenti tal-prosekuzzjoni, li wasslu għal 157 kundanna. Id-DGA għamlet ukoll testijiet ta' integrità li kixfu korruzzjoni fi ħdan il-Ministeru. F'Mejju u Ġunju l-Awtorità Nazzjonali tad-Dwana għamlet 42 kontrolli ta' l-istaff tagħha, inklużi dawk ibbażati fuq ilmenti pubbliċi, u bħala riżultat ta' dan iddixxiplinat 41 membru tal-persunal u bagħtet fajl lid-DNA għall-investigazzjoni kriminali ulterjuri. F'Settembru, diversi azzjonijiet konġunti bejn id-DGA u d-DNA wasslu għal aktar arresti ta' fost oħrajn 30 uffiċjal tad-dwana u kif ukoll diversi uffiċjali pubbliċi oħra, indikazzjoni ċara tal-kooperazzjoni stabbilita bejn iż-żewġ korpi ta' kontra l-korruzzjoni.

Inbdew żewġ kampanji nazzjonali sabiex jiżdied l-għarfien fost il-pubbliku u l-impjegati ta ċ-ċivil inkluż il-ġudikatura tal-konsegwenzi negattivi tal-korruzzjoni.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Jeħtieġ li jkun hemm rieda politika ċara ta' l-atturi politiċi kollha sabiex tintwera s-sostenibbiltà u l-irriversabbiltà tal-progress pożittiv riċenti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Fil-Parlament waqt li kien qed jiġi ttrattat l-abbozz tal-liġi, kien hemm xi attentati sabiex ti ġi mnaqqsa l-effettività ta' l-Aġenzija għall-Integrità Nazzjonali proposta, li r-Rumanija kkommettiet ruħha li tadotta fl-Istrateġija nazzjonali u l-Pjan ta' Azzjoni kontra l-korruzzjoni.

Fil-Parlament kien hemm ukoll attentat sabiex tinbidel il-proċedura tan-nominazzjoni kemm għall-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija u kif ukoll għall-Kap tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, liema bdil iġib aktar inċertezza legali u istituzzjonali fil-qafas ta' kontra l-korruzzjoni. Jeħtieġ li r-riformi mmexxija mill-Ministeru tal-Ġustizzja u d-DNA jiġu kkumplimentati bi sforzi sostnuti mill-aġenziji eżekuttivi l-oħra kollha, il-leġi żlatur u l-ġudikatura. Jeħtieġ li l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ servizzi speċjalizzati tal-prosekuzzjoni jiġu mtejba aktar f'każi ta' korruzzjoni ta' livell għoli u kriminalità organizzata. Għadu mhux assigurat li l-imħallfin kollha għandhom biżżejjed għarfien speċjalizzat sabiex jisimgħu u jiġġudikaw każi kumplessi ta' reati finanzjarji u ekonomiċi. Sa issa, għad m'hemm ebda kundanna finali f'każi ta' korruzzjoni ta' livell għoli riżultanti minn investigazzjonijiet mibdija mid-DNA f'Settembru 2005. Il-korruzzjoni għadha

materja ta' tħassib ġenerali. Ċerti setturi bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-amministrazzjoni lokali huma partikolarment vulnerabbli.

B'mod ġenerali, qed ikompli jsir progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari billi qed isiru l-investigazzjonijiet kriminali u qed jiġu konklużi l-proċeduri kriminali. Aktar akkużi, proċessi, kundanni finali tal-ħatja u sentenzi ta' deterrent f'każi ta' livell għoli huma meħtieġa sabiex jiġu assigurati s-sostenibbiltà u l-irriversabbiltà tal-progress riċenti. Huwa meħtieġ li l-atturi politiċi kollha juru l-impenn tagħhom għall-ġlieda serja u effettiva kontra l-korruzzjoni u jassiguraw li ħadd ma jkun interpretat li huwa ogħla mil-liġi. Kif tiġi stabbilita l-Aġenzija ta' Integrità effettiva u kif titjieb il-kooperazzjoni bejn il-prosekuturi li jaħdmu fuq il-korruzzjoni u l-każi ta' kriminalità organizzata, hemm ħtieġa li tiġi assigurata l-istabbiltà fil-qafas legali u istituzzjonali ta' kontra l-korruzzjoni.

1.2. Kriterji ta' l-*acquis*

Akkreditazzjoni ta' l-aġenziji tal-ħlas

Dan l-aħħar sar progress fir-rigward tat-twaqqif ta' l-aġenziji tal-ħlas. Il-kuntratt mal-kumpannija ta' l-IT sabiex jiġu żviluppati l-applikazzjonijiet ta' *software* ta' l-IT ġie ffirmat fil-15 ta' Lulju u x-xogħol inbeda fl-aħħar ta' Lulju. Ġie stabbilit pjan dettaljat tax-xogħol. Ġie installat aktar apparat ta' *hardware* ta' l-IT. Ġie rreklutat staff addizzjonali u nbeda t-taħriġ.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Numru ta' materji għad iridu jiġu indirizzati fir-rigward ta' l-implimentazzjoni fil-ħin ta' sistema tajba ta' l-IT, is-suffiċjenza ta' l-istaff, l-apparat u l-postijiet ta' l-uffiċċji u kif ukoll in-nuqqas ta' kompletezza tal-parti l-kbira tal-proċeduri ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll.

B'mod ġenerali, jibqa' riskju reali li l-aġenziji tal-ħlas ma jkunux qed jiffunzjonaw sewwa saż-żmien ta' l-adeżjoni.

Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS)

Dan l-aħħar sar progress fir-rigward tat-twaqqif tal-IACS. Il-kuntratt mal-kumpannija ta' l-IT sabiex jiġu żviluppati l-applikazzjonijiet ta' *software* ta' l-IT tal-IACS ġie ffirmat fil-15 ta' Lulju u x-xogħol inbeda fl-aħħar ta' Lulju. Pjan dettaljat għax-xogħol ġie stabbilit u ġie żviluppat ir-reġistru modulari ta' l-Irziezet. Ir-reġistru tal-Bdiewa għandu informazzjoni tal-parti l-kbira tal-bdiewa u sar aktar progress fir-rigward ta' l-istabbiliment ta' linja ta' konnessjoni bejn ir-Reġistru tal-Bdiewa u s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Pakketti ta' l-Art/Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika (LPIS/GIS). Riżorsi addizzjonali ġew ipprovduti għax-xogħol relatat mat-twaqqif ta' l-LPIS/GIS, li ħaffew x-xogħol.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Numru ta' materji għad iridu jiġu indirizzati fir-rigward ta' l-implimentazzjoni fil-ħin ta' sistema tajba ta' l-IT tal-IACS, ta' l-iskeda stretta għat-tlestija tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Pakketti ta' l-Art/Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika (LPIS/GIS) u l-

kwalità tagħha. Aktar minn hekk, għall-ispezzjonijiet fuq il-post jeħtieġ li jiġu impjegati u mħarrġa aktar persuni, jinxtara l-apparat, u jiġu mlestija il-manwali tal-proċedura.

B'mod ġenerali, għad hemm riskju li l-IACS ma tkunx qed tiffunzjona sewwa saż-żmien ta' l-adeżjoni. Sforzi rinfurzati sostnuti matul il-perjodu kollu disponibbli qabel l-introduzzjoni tas-sistema huma xorta waħda meħtieġa sabiex jiġi assigurat it-tħaddim tal-IACS.

TSE u l-prodotti riżultanti mill-annimali

Ir-Rumanija għamlet progress tajjeb fir-rigward tal-ġbir u t-trattament ta' annimali mejta u l-prodotti ta' l-annimali (TSE). Kuntratti offruti għall-ġbir, rimi u trattament ta' prodotti ri żultanti mill-annimali ġew iffirmati ma' konsorzju Ungeriż-Rumen. Ġiet definita l-organizzazzjoni futura tas-sistema ta' l-ipproċessar, applikabbli minn Jannar 2007. L-impjanti ta' l-ipproċessar eżistenti f'Popesti, Coldea u Dej għandhom jiġu mtejba sabiex jipproċessaw il-prodotti riżultanti mill-annimali f'konformità man-normi ta' l-UE. Ġie miftiehem programm dettaljat għall-istrutturazzjoni mill-ġdid u l-modernizzar ta' kull stabbiliment bejn l-awtoritajiet veterinarji u l-konsortju. Skart li ġej mill-annimali b'riskju ta' kategorija 1 u 2 (materjal ta' riskju għoli) għandu jiġi ttrattat biss f'Coldea filwaqt li l-impjanti f'Popesti u Dej għandhom jipproċessaw skart li ġej mill-annimali b'riskju ta' kategorija 3 (materjal ta' riskju baxx). Żewġ units ta' l-inċinerazzjoni għandhom jippro ċessaw l-iskart maħruġ mill-impjant ta' Coldea. It-twaqqif ta' 21 impjant ta' ġbir intermedjarju u mezzi tat-trasport huwa previst fil-programm tal-konsorzju. Il-konsorzju impenja ruħu li jaħraq bl-inċineratur il-parti l-kbira tal-ħażna tal-*meat and bone meal*.

Barra minn dan, il-konsorzju għandu l-ħsieb li jibni erba' impjanti ta' l-ipproċessar ġodda sabiex jibdel b'mod progressiv l-impjanti preżenti. F'Ġunju ta' l-2006 ġiet imwaqqfa Kummissjoni għall-koordinazzjoni tat-twaqqif ta' sistema ta' pproċessar konformi ma' l-UE. Kull awtorità provinċjali nnominat li xi persuna sabiex tissorvelja l-iżvilupp tas-sistema ta' l-ipproċessar.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

It-termini taż-żmien għall-immodernizzar u l-kostruzzjoni ta' l-impjanti ta' l-ipproċessar previsti sa l-aħħar ta' Novembru 2006 huma stretti ħafna sabiex tiġi assigurata l-approvazzjoni mill-awtoritajiet veterinarji Rumeni u n-notifika tagħha lill-Kummissjoni. Aktar minn hekk, l-istess tħassib japplika fir-rigward tal-kalkolu taż-żmien tal-kostruzzjoni u/jew it-titjib ta' l-impjanti tal-ġbir intermedjarju u kif ukoll il-kalkolu taż-żmien għall-akkwist tal-mezzi tat-trasport.

L-amministrazzjoni tat-taxxa – interkonnettività mas-sistemi ta' l-IT

Ir-Rumanija għamlet progress sinifikanti fil-preparazzjoni tas-Sistema ta' l-Iskambju ta' l-Informazzjoni dwar il-VAT (VIES), il-VAT fuq is-servizzi elettroniċi (VoES) u s-Sistema tal-Kontroll tal-Moviment tas-Sisa (EMCS). Il-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi Rumen assuma l-proprjetà ta' l-implimentazzjoni tas-sistema b'tim ta' proġetti. Ir-Rumanija g ħaddiet b'suċċess it-testijiet ta' konformità ta' l-applikazzjonijiet tal-VIES u l-EMCS, u g ħalhekk wettqet l-obbligi tagħha f'dan il-qasam. L-iżvilupp tal-VoES jinsab fit-triq it-tajba li jkun qed jiffunzjona bis-sħiħ ma' l-adeżjoni, u dan sakemm ir-Rumanija żżomm ir-ritmu

preżenti tal-progress.

2. Materji oħra li kienu jeħtieġu aktar progress f'mejju 2006

Din is-sezzjoni teżamina il-progress tar-Rumanija fir-rigward tal-materji tal-kriterji politiċi, ekonomiċi u l-oqsma ta' l-*acquis* li kienu għadhom pendenti fir-rapport ta' Mejju.

2.1. Kriterji politiċi

Ir-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika

Sar progress fil-qasam tar-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika. F'Lulju ġew adottati mill-parlament żewġ liġijiet essenzjali. L-ewwl waħda hija l-liġi dwar il-finanzjament pubbliku lokali, it-tieni waħda hija l-liġi dwar l-Impjegati taċ-Ċivil, li temenda l-Istatut tas-Servizz Ċivili. L-ewwel waħda tlesti l-qafas legali għad-deċentralizzazzjoni. Għadu għaddej ix-xogħol sabiex jiġi assigurat it-trasferiment tal-kompetenzi mill-gvern ċentrali għall-aħjar livell sub-nazzjonali. Qed jiġu mfassla skedi u proċeduri sabiex jiġu deċentralizzati r-responsabbiltajiet u l-amministrazzjoni tar-riżorsi, inklużi l-finanzi. Il-proċess ta' deċentralizzazzjoni issa qabad ritmu tajjeb.

Il-liġi emendata dwar l-impjegati taċ-ċivil għandha bħala għan id-deċentralizzazzjoni amministrattiva. Hija ttejjeb ukoll il-proċedura tar-reklutaġġ u tagħti definizzjoni tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' l-impjegati taċ-ċivil. B'żieda ma' dan, hemm l-intenzjoni li tagħti definizzjoni ta' l-istrutturi tal-karrieri u l-proċeduri ta' reklutaġġ ta' l-impjegati taċ-ċivil ta' livell għoli, u li titneħħa l-politika mis-servizz.

Sar xi progress fit-titjib tal-formulazzjoni tal-politika. Ġiet mfissra l-funzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern. Il-gvern ħejja ktejjeb dwar il-metodoloġija ta' l-evalwazzjoni ta' l-impatt, u kif ukoll metodoloġija komprensiva għall-ippjanar strateġiku fil-livell ta' ministeri u Segretarjat Ġenerali tal-Gvern. Dan ta' l-aħħar jinkludi miżuri sabiex l-awtoritajiet ikollhom qafas ċar u komprensiv għall-elaborazzjoni u l-koordinazzjoni tal-linji ta' politika pubblika, b'sehem attiv mis-soċjetà ċivili.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

X'aktarx l-abbozzar ta' liġi ġdida dwar il-Ħlas Waħdieni għall-impjegati taċ-ċivil bl-għan li tikkomplimenta l-Istatut il-ġdid tas-Servizz Ċivili, ser jiġi mdewwem aktar. Il-Gvern għadu jistrieħ fuq l-Ordinanzi ta' l-Emerġenza sabiex jadotta liġijiet (bejn Frar u Lulju 2006 ġew approvati 105). Din taqbeż il-funzjoni leġiżlattiva u ta' sorveljanza tal-Parlament u għandha tkun limitata għal ċirkostanzi eċċezzjonali.

Traffikar tal-bnedmin

L-Istrateġija 2006-2010 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin ġew adottati f'Awissu 2006. Sar progress fil-mili ta' postijiet vojta fl-Aġenzija Nazzjonali Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin u fil-monitoraġġ ta' l-għajnuna offruta lill-vittmi. Għandhom jiġu stabbiliti tmien uffiċċji reġjonali u sistema ta' l-IT għar-reġistrazzjoni ta' vittmi li jiġu lura sabiex ikunu jistgħu jiġu assistiti. Hemm ippjanat programm, parzjalment iffinanzjat mill-istat, sabiex il-vittmi jiġu pprovduti bl-għajnuna medika, psikoloġika u legali li jkunu jeħtieġu. Sa issa fl-2006, ġew assistiti total ta' 130 vittma f'ċentri mmexxija mill-istat jew ta' l-NGO jew id-dar. F'Mejju 2006, inqabdu 45 każ ta' traffikar li kienu

jinvolvu 91 traffikant, 15 minnhom ġew arrestati.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Jeħtieġ aktar sforzi sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni mill-ġdid tal-vittmi fis-soċjetà. G ħad hemm 16-il post vojt fl-Aġenzija minn total ta' l-istaff ta' 34. Għadu ma ġiex adottat baġit aħjar li jirrifletti r-responsabbiltajiet mogħtija lill-Aġenzija. Is-sistema ta' l-IT meħtie ġa għar-reġistrazzjoni tal-vittmi li jiġu lura għadha m'hijiex funzjonabbli u hemm ftit mi żuri sabiex tiġi assistita l-integrazzjoni mill-ġdid tal-vittmi fis-soċjetà.

Trattament ħażin fil-kundizzjonijiet tal-postijiet ta' kustodja u tal-ħabs

Sar progress fit-titjib tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni. Il-Pulizija Rumena wettqet titjib strutturali f'sitt faċilitajiet ta' detenzjoni u għalqet waħda. Matul Mejju u Ġunju l-Pulizija għamlet spezzjonijiet tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni ta' qabel is-smigħ tal-kawżi f'disa' provinċji u f'ħames għases tal-pulizija f'Bucharest. Ma kien hemm ebda vjolazzjoni tad-drittijiet umani jew ksur ta' normi proċedurali bħaż-żamma ta' persuni li jkunu f'detenzjoni qabel is-smigħ tal-kawża ma' priġunieri kkundannati fl-istess ċella. Id-Direttorat Ċentrali għall-Prosekuzzjoni Kriminali rċieva tliet ilmenti ta' trattament ħażin minn uffiċjali tal-pulizija. Investigazzjonijiet sussegwenti wasslu għall-konklużjoni li dawn ma kinux fondati. F'Ġunju 2006 ġiet adottata Liġi dwar l-infurzar ta' pieni kriminali li tipprovdi għal reġim ta' detenzjoni divrenzjata fil-ħabsijiet (sigurtà massima, magħluq, nofs-miftuħ u miftuħ). Il-Liġi wkoll tiffaċilita titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħabs u ssaħħaħ is-sorveljanza ta' l-imħallfin fuq is-sentenzi skontati.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Għadhom isiru xi rapporti dwar trattament ħażin mill-istaff ta' l-infurzar tal-liġi u tas-servizz tal-ħabs, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza. L-istħarriġ ġudizzjarju ta' dawn l-ilmenti g ħadu rari u sa minn Mejju ma kien hemm ebda sanzjonijiet. Jeħtieġ li jibqgħu jsiru sforzi sabiex persuni f'kustodja preventiva ma jibqgħux jinżammu fil-kantini taħt l-għases tal-pulizija iżda jiġu rilokati f'postijiet aktar xierqa.

Il-protezzjoni tat-tfal

Sar aktar progress fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal. L-awtoritajiet komplew jimplimentaw il-leġiżlazzjoni ta' l-2005 dwar id-drittijiet tat-tfal u l-adozzjoni. Dan wassal għall-konformità tal-leġiżlazzjoni Rumena mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u għall-konformità ma' l-Istati Membri. Kompla jonqos in-numru ta' tfal f'istituzzjonijiet. Il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien fl-istituzzjonijiet li baqa' tjiebu sostanzjalment u b'mod ġenerali għandhom issa standard tajjeb. Ħafna tfal ġew magħquda mill-ġdid mal-familji tagħhom jew qed jittrabbew taħt kura *foster* ma' persuni mħarrġa. Aktar minn hekk, jeħtieġ li jiġi implimentat b'attenzjoni l-pjan ta' azzjoni bl-għan li jassisti lill-ommijiet sabiex ma jitħallewx jabbandunaw it-trabi tagħhom li jkunu għadhom kif twieldu. Fir-rigward ta' tfal b'diżabilità, l-awtoritajiet Rumeni waqqfu grupp ta' ħidma li g ħandu jeżamina mill-qrib il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien ta' dawn it-tfal fiċ-ċentri fejn jin żammu, l-isptarijiet u l-iskejjel *boarding,* bl-iskop li dawn il-kundizzjonijiet jiġu mtejba.

Id-diżabilità u s-saħħa mentali

Il-progress kien wieħed limitat. Il-pjan ta' azzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija tar-riforma tas-saħħa mentali 2006-2009 ġie adottat f'Mejju 2006. F'Awissu 2006 ġie stabbilit Ċentru Nazzjonali għas-Saħħa Mentali sabiex jikkordina r-riforma tas-saħħa mentali. Kompla r-reklutaġġ tal-ħaddiema soċjali sabiex jiġi sorveljat ir-rispett tad-drittijiet umani f'istituzzjonijiet psikjatriċi u dan għandu jitlesta b'urġenza. Fil-qasam tad-diżabilità, kompla l-proċess tat-tneħħija ta' l-istituzzjonalizzazzjoni. Dan l-aħħar l-Awtorità Nazzjonali għal Persuni b'diżabilità allokat fondi lil NGOs għat-twaqqif ta' servizzi għal persuni b'diżabilità. Qed jiġu ppreparati 18-il servizz soċjali, bħal dak għat-taħriġ u l-integrazzjoni professjonali, iċ-ċentri ta' kura temporanja u d-djar protetti.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Fir-rigward tad-diżabilità, il-promozzjoni ta' servizzi ta' kwalità għall-persuni b'diżabilità, i.e. it-twaqqif ta' servizzi alternattivi bbażati fuq il-komunità u kif ukoll l-aċċess miżjud għax-xogħol u l-edukazzjoni, jeħtieġ issa li jsir priorità ċara. Fil-qasam tas-saħħa mentali, minkejja li ttieħdu xi passi sabiex jiġu ttrattati l-aktar sfidi urġenti, aktar xogħol huwa meħtieġ sabiex titneħħa l-okkupazzjoni żejda f'xi istituzzjonijiet psikjatriċi, u sabiex jiġi assigurat biżżejjed staff u trattament. Sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni meħtieġa tar-riforma fis-saħħa mentali, jeħtieġ li dan ix-xogħol ikun parti minn strateġija ġenerali u sforz kontinwu ta' sorveljanza.

Restituzzjoni ta' proprjetà

Sar xi progress fir-rigward tar-restituzzjoni tal-proprjetà. Il-leġiżlazzjoni ġiet modifikata sabiex ir-reġim ta' l-istabbiliment u l-ħlas ta' kumpens isir aktar effiċjenti. Madankollu, il-proċessar tat-talbiet għadu qed isir bil-mod.

Il-protezzjoni u l-integrazzjoni tal-minoritajiet

Fil-qasam tal-protezzjoni tal-minoritajiet, jista' biss jiġi rraportat progress limitat. L-abbozz ta' liġi dwar l-istatut tal-minoritajiet nazzjonali u t-twaqqif tal-prinċipji ta' l-ugwaljanza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-multi-kulturaliżmu, għadu qed jiġi diskuss fil-parlament. Jeħtieġ li l-proċess leġiżlattiv ikun segwit mill-qrib. Il-Pjan Nazzjonali ġdid dwar ix-Xogħol li ġie approvat f'Awissu 2006 jipprovdi azzjoni mmirata għall-minoritajiet, inkluż ir-Roma. Il-liġi dwar il-prevenzjoni u l-penalizzazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni ġiet emendata sabiex tilħaq l-istandards ta' l-UE relatati ma' l-indipendneza tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni. Tjiebet il-kapaċità amminsitrattiva ta' l-Aġenzija Nazzjonali għar-Roma peress li qed jiġu żviluppati uffiċċji reġjonali. L-Aġenzija bdiet ukoll timplimenta proġetti ta' żvilupp komunitarju li jistgħu jagħtu kontribuzzjoni sinifikanti u li ttul ħafna żmien lit-titjib tas-sitwazzjoni tar-Roma. Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

L-implimentazzjoni qed issir bil-mod. L-inklużjoni tal-minorità tar-Roma tibqa' problema strutturali. Il-kundizzjonijiet ġenerali ta' l-għajxien għadhom mhux adegwati. Miżuri tax-xogħol għandhom jiġu żviluppati aktar u implimentati. Riżorsi adegwati għall-istrateġiji u l-linji ta' politika tar-Roma m'humiex dejjem assigurat, b'mod speċjali fil-livell lokali. L-awtoritajiet Rumeni għadhom m'humiex juru, fil-livelli kollha, li qed tiġi applikata politika ta' tolleranza żero fir-rigward tar-razziżmu kontra r-Roma.

Għad hemm każi ta' vjolenza istituzzjonali u aggressjonijiet kontra r-Roma, bħal rejds tal-pulizija u żgumbramenti f'komunitajiet tar-Roma, mingħajr ma jiġu pprovduti b'akkomodazzjoni alternattiva. B'mod ġenerali, il-livell ta' għarfien dwar is-sitwazzjoni tar-Roma u l-istrateġija tal-gvern għar-Roma, b'mod speċjali fil-komunitajiet lokali li huma responsabbli għall-iżgumbramenti, huwa baxx. L-awtoritajiet lokali għandhom jiġu appoġġati sabiex jiżviluppaw proġetti ta' żvilupp tal-komunità u jsibu soluzzjonijiet għall-problemi ta' legalità dwar nies li jissetiljaw fil-pajjiż bħar-Roma jew oħrajn. Il-qafas istituzzjonali għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija nazzjonali għar-Roma għadha m'hijiex biżżejjed effettiva u għandha t-tendenza li tnaqqas il-kapaċità tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija Nazzjonali għar-Roma u l-kapaċità tar-rappreżentanti tal-populazzjoni tar-Roma li jipparteċipaw b'mod effettiv fit-teħid ta' deċiżjonijiet f'oqsma rilevanti. Il-preparazzjonijiet tar-Rumanija f'dan il-qasam għandhom jiġu mħeffa immedjatament u g ħandhom jitkomplew wara l-adeżjoni.

2.2. Kriterji Ekonomiċi

L-istabbiltà makroekonomika u t-taħlita ta' politika

Ir-Rapport ta' Mejju 2006 ikkonferma mill-ġdid li hija ekonomija tas-suq li taħdem u kkonkluda li ġew adottati aktar linji xierqa ta' politika fiskali, monetarja u tal-pagi. Sa minn dak ir-rapport, kien hemm progress fl-oqsma li ġejjin: Il-baġit ġenerali tal-gvern wera bilanċ pożittiv ta' 1.5% tal-GDP għall-ewwel sitt xhur ta' l-2006. Kompla l-proċess tad-diżinflazzjoni. Il-bank ċentrali għamel aktar stretti r-rekwiżiti minimi ta' riżerva u żied b'mod moderat ir-rata politika ta' l-interessi minħabba pressjonijiet u riskji ta' l-inflazzjoni. Iż-żieda reali tal-pagi kienet f'parti kbira koperta miż-żieda fil-produttività.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Il-politika fiskali kienet laxka ħafna minħabba li l-mira tad-defiċit għall-2006 li qabel kienet 0.5% tal-GDP ġiet riveduta u ttellgħet għal 0.9% f'April u għal 2.5% f'Ġunju. L-infiq ibba ġitjat żdied bi kważi 3.5% tal-GDP, li minnu 0.4% tal-GDP huwa għall-pagi pubbliċi aktar għolja. Il-politika pro-ċiklika tiddevja mill-politika fiskali ta' perjodu medju ppreżentata qabel mir-Rumanija. Hija toħloq riskju akbar li jinqabeż il-valur ta' referenza ta' 3% tal-GDP għad-defiċit tal-baġit fil-futur. L-iżviluppi fl-inflazzjoni jagħtu ftit assigurazzjoni li tintlaħaq il-mira għall-2006. Il-politika fiskali aktar laxka u t-tkabbir f'daqqa tal-kreditu jnaqqsu l-prospetti li tintlaħaq il-mira ta' l-inflazzjoni tas-sena id-dieħla.

Riforma tan-nefqa u konformità fiskali

Ir-Rapport ta' Mejju 2006 ikkonkluda li r-riforma tan-nefqa pubblika u l-konformità fiskali kellhom jiġu avanzati u d-dħul mit-taxxa kellu jiġi msaħħaħ. Sa minn dak ir-rapport, kien hemm progress fl-oqsma li ġejjin: il-ġbir tat-taxxa fuq id-dħul u kif ukoll id-dħul mill-VAT; l-emendi għall-kodiċi fiskali wessa' l-bażi tat-tassazzjoni u tejjeb l-istruttura tar-rati tat-taxxa.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Ir-rilassament tal-politika ta' l-infiq ma kienx akkumpanjat b'passi sabiex tiġi mtejba l-

prioritizzazzjoni ta' l-infiq tal-gvern u l-kapaċità ta' l-implimentazzjoni ta' proġetti kbar ta' investiment pubbliku. Huwa biss madwar in-nofs tan-nefqa addizzjonali li kellu jmur g ħall-investiment. Il-pagi u s-sussidji fis-settur pubbliku u x-xiri mill-gvern ta' oġġetti u servizzi żdied b'1.1% tal-GDP. Ir-riforma fil-pensjoni għad trid tiġi adottata b'mod komplet mill-Parlament. Jibqa' meħtieġ aktar titjib fil-ġbir tat-taxxa u fil-konformità fiskali sabiex tiġi mtejba s-sostenibbiltà fiskali.

Privatizzazzjoni u ristrutturar industrijali

Ir-Rapport ta' Mejju 2006 ikkonferma mill-ġdid li hija ekonomija tas-suq li taħdem u kkonkluda li t-tkabbir aktar fil-fond tar-riformi strutturali jeħtieġ b'mod partikolari r-ristrutturar kontinwu tas-setturi ta' l-enerġija, il-minjieri u t-trasport u progress fl-implimentazzjoni tal-programm ta' privatizzazzjoni. Sa minn dak ir-rapport, kien hemm xi progress. In-numru totali ta' kumpanniji b'sehem ta' l-istat naqas xi ftit. Erba' kumpanniji, li fihom l-istat għandu l-maġġoranza ta' l-ishma, fil-portafoll ta' l-aġenizija għall-privatizzazzjoni (AVAS) ġew ipprivatizzati jew bdew il-proċedura ta' l-istralċ. Kompla l-a ġġustament tal-prezzijiet ta' l-enerġija f'konformità ma' l-iżviluppi ta' l-infiq. Taħt il-programm tar-ristrutturar tal-minjieri komplew bil-proċess ta' l-għeluq tal-manjieri u l-aġ ġustament ta' l-impjieg.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Is-suċċessi fil-privatizzazzjoni baqgħu jaqgħu lura mill-miri tal-gvern u l-proċess kien ġeneralment bil-mod fir-rigward tas-setturi tal-banek, l-enerġija u d-difiża. Għad hemm e żempji ta' kumpanniji ta' l-Istat (Tractorul Brasov huwa eżempju tipiku) fejn l-assistenza kontinwa mill-Istat hija ppreferuta mill-istralċ. Il-mira tax-xoljiment ta' ħames kumpanniji industrijali kbar qabel l-aħħar ta' Marzu 2006 għadha ma ġietx milħuqa. Sabiex il-kompetizzjoni fis-suq intern tiġi msaħħa, għandha titnaqqas id-differenza bejn il-prezzijiet tal-produtturi tal-gas internazzjonali u dawk tal-produtturi tal-gas domestiċi.

L-ambjent kummerċjali

Ir-rapport ta' Mejju 2006 ikkonkluda li l-arretrati ġodda tal-ħlas kienu għadhom jakkumulaw u li l-qafas tal-falliment kien għadu jbati minn nuqqasijiet. Sa minn dak ir-rapport, kien hemm xi progress. L-ammont totali ta' arretrati ta' taxxa naqas u arretrati ġodda akkumulaw aktar bil-mod. Debituri kbar ta' taxxa ġew aktar iffaċċjati bi proċeduri ta' falliment jew ta' eżekuzzjoni sfurzata. Ir-rati ta' ġbir tal-kontijiet fis-settur ta' l-ener ġija tjiebu xi ftit. Ġew reġistrati numru kbir ta' każi ġodda ta' falliment, in-numru ta' każi solvuti żdied u aktar każi ġew solvuti malajr. Debituri kbar ta' taxxa ġew aktar iffaċċjati bi proċeduri ta' falliment jew ta' eżekuzzjoni sfurzata. Ir-rati ta' ġbir tal-kontijiet fis-settur ta' l-enerġija tjiebu xi ftit.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

It-total ta' l-arretrati ta' taxxa u l-arretrati ġodda, dovuti b'mod partikolari minn kumpanniji proprjetà ta' l-istat, baqgħu sostanzjali. Il-gvern reġa beda bil-prattika tiegħu li jikkanċella dejn kbir billi ddeċieda li jħassar djun ta' aktar minn 1% tal-GDP ta' fornitur ewlieni ta' l-enerġija mingħajr ma ppreżenta miżuri konvinċenti ta' ristrutturar. Kontijiet mhux imħallsa jibqgħu endemiċi fis-settur ta' l-enerġija. Sabiex jiġi stabbilit ambjent ġust g

ħan-negozju, id-dixxiplina finanzjarja għandha tiġi msaħħa u huwa meħtieġ aktar progress fil-funzjonament tal-ġudikatura.

2.3. Kriterji ta' l-*acquis*

Din is-sezzjoni teżamina l-iżviluppi fl-oqsma ta' l-*acquis* li kienu jeħtieġ aktar sforzi f'Mejju 2006 skond żewġ kategoriji.

– Fl-ewwel lok, l-oqsma fejn sar progress sinifikanti u fejn, kemm il-darba jinżamm ir-rittmu preżenti, ir-Rumanija tinsab issa fit-triq it-tajba.

– Fit-tieni lok, l-oqsma fejn aktar progress huwa meħtieġ u fejn ir-Rumanija għandha tkompli bil-preparazzjonijiet tagħha.

2.3.1. L-oqsma fejn il-preparazzjonijiet huma issa fit-triq it-tajba.

Kapitolu 1 Moviment liberu ta' l-oġġetti

Sar progress fil-qasam tal-**miżuri orizzontali u proċedurali**, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità amministrattiva fis-settur ta' l-akkreditazzjoni. Ġie mtejjeb l-istatut tal-korp ta' l-akkreditazzjoni Rumen, sar ir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' l-istaff u ġiet ippreparata jew finalizzata d-dokumentazzjoni sabiex jassumi mill-ġdid l-istatus ta' firmatarju tal-Ftehim Multilaterali dwar il-Kooperazzjoni għall-Akkreditazzjoni għal sistemi ta' amministrazzjoni ta' kwalità u korpi ta' ċertifikazzjoni ta' prodotti. B'mod ġenerali, ir-Rumanija għamlet progress sodisfaċenti fil-qasam hawn fuq imsemmi tal-moviment liberu ta' l-oġġetti.

Kapitolu 2 Moviment liberu tal-persuni.

Ir-Rumanija għamlet progress tajjeb permezz ta' l-adozzjoni mill-Parlament ta' leġi żlazzjoni bl-għan li tiġi trasposta l-*acquis* dwar id-**drittijiet taċ-ċittadini** ta' l-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom ta' moviment liberu u residenza libera fit-territorju ta' l-Istati Membri u permezz ta' l-emendar tal-leġiżlazzjoni sabiex jiġi assigurat li ċittadini ta' l-UE li m'humiex Rumeni jkollhom l-istess trattament bħaċ-ċittadini Rumeni fir-rigward ta' l-aċ ċess għall-edukazzjoni u l-ħlas għall-edukazzjoni. L-*acquis* dwar id-**drittijiet elettorali** g ħadha ma ġietx trasposta. Il-preparazzjonijiet tar-Rumanija f'dan il-qasam għandhom ikomplu fix-xhur li baqa'.

Kapitolu 3 Libertà li jiġu pprovduti servizzi

Sar progress tajjeb bl-identifikazzjoni ta' l-ostakli għad-**dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi** u t-tneħħija ta' l-inkompatibbiltajiet mat-trattat tal-KE. Ir-Rumanija għandha issa mwaqqaf qafas legali li jħalli l-forniment ta' servizzi b'mod temporanju minn persuni tal-Komunità Ewropea u ż-Żona Ekonomika Ewropea mingħajr il-ħtieġa li jiġu miksuba aktar liċenzji.

Kapitolu 6 Il-politika tal-kompetizzjoni

Ir-Rumanija kompliet tagħmel progress tajjeb fil-qasam ta' l-infurzar ta' l-**għajnuna mill-istat.** Il-kwalità u l-indipendenza ta' l-evalwazzjoni tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni tal-mi żuri ta' l-għajnuna mill-istat u l-analiżi tagħhom jibqgħu sodisfaċenti. Ir-Rumanija tant g ħamlet progress fl-istabbiliment ta' dixxiplina fl-għajnuna mill-istat li l-awtoritajiet pubbliċi

u l-industrija huma issa konxji mid-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom, anke jekk il-komportament ta' min jagħti l-għajnuna statali (b'mod partikolari il-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi) jeħtieġ li jiġi mtejjeb. Għajnuniet mill-istat fil-forma ta' eżenzjonijiet mit-taxxa lil-Lotterija Nazzjonali jikkostitwixxu eżempju tipiku. Jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi sabiex l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' l-għajnuna tiġi konkluża affavur ta' kumpanniji importanti fi ħtieġa ta' ristrutturar.

Fir-rigward ta' l-għajnuna mill-istat lill-industrija ta' l-azzar, l-awtoritajiet Rumeni kkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm Nazzjonali dwar ir-ristrutturar ta' l-azzar. Ir-Rumanija kompliet tosserva l-obbligi tagħha li ma tawtorizzax għajnuna lill-impjanti ta' l-azzar fil-programm Nazzjonali tar-ristrutturar.

Madankollu, huma meħtieġa sforzi msaħħa sabiex jiġi assigurat li l-kumpanniji ta' l-azzar jerġgħu jiksbu vijabilità ta' żmien twil fl-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar. Ġiet irkuprata l-għajnuna għar-ristrutturar mogħtija lill-kumpanniji ta' l-azzar barra mill-Programm Nazzjonali tar-Ristrutturar.

Kapitolu 7 Agrikoltura

Sar progress fil-parti l-kbira ta' l-oqsma. Ġiet rinfurzata l-kapaċità amministrattiva (staff u taħriġ sussegwenti) tal-parti l-kbira ta' l-**organizzazzjonijiet tas-suq komuni**. Numru ta' manwali ta' proċeduri ġew ippreparati jew finalizzati. Fis-setturi speċifiċi, il-progress ewlieni li għandu jiġi msemmi huwa: l-approvazzjoni formali ta' 128 ċentru ta' intervenzjoni għaċ-ċereali; l-approvazzjoni formali ta' 228 xerrejja tal-ħalib, l-istabbiliment mill-Gvern tal-metodoloġija għall-allokazzjoni individwali tal-kwota tal-ħalib u t-twaqqif tar-riżerva nazzjonali; fis-settur tal-laħam tlesta l-qafas legali għall-klassifikazzjoni tal-karkassi u bdiet tiffunzjona s-sistema ta' klassifikazzjoni tal-karkassi tal-ħnieżer. Ir-re ġistru tal-vinji huwa issa mfassal sabiex ikun kompatibbli mas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS).

Dwar materji veterinarji, l-Aġenzija Nazzjonali għat-Titjib u r-Riproduzzjoni fiż-**żuteknika** hija issa funzjonabbli. Fir-rigward tas-**sistema ta' kontroll veterinarju fis-suq intern**, twaqqfet is-sistema ta' identifikazzjoni ta' l-annimali u r-reġistrazzjoni tal-movimenti tagħhom. Id-*database* tal-bovini hija funzjonabbli. Mandankollu, l-amministrazzjoni tad-*database* għandha tiġi mtejba sostanzjalment. Dan iffisser li jeħtieġ rinforz tal-kapaċità amministrattiva ta' l-awtoritajiet veterinarji. Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tat-tmien postijiet ta' l-ispezzjoni tal-fruntiera (BIPs) jinsabu fi stadju avvanzat ħafna. L-istaff qed jiġi mħarreġ. Skond l-iskedi taż-żmien Rumeni, il-BIPs kollha għandhom ikunu funzjonabbli f'Ottubru 2006.

Kapitolu 8 Sajd

Ir-Rumanija għamlet progress tajjeb fil-kapitolu tas-**sajd** permezz ta' l-adozzjoni ta' ordinanza ta' emerġenza li tiċċara l-amministrazzjoni tal-fondi strutturali. Il-Kumpannija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni tar-Riżorsi tas-Sajd għandha sussegwentement ma tkunx aktar ikkunsidrata bħala korp intermedjarju għall-implimentazzjoni tal-fondi ta' l-UE. Il-preparazzjonijiet għall-programm strateġiku nazzjonali u l-programm operazzjonali jinsabu fi stadju avvanzat ħafna. Il-kapaċità amministrattiva ġenerali ta' l-Aġenzija Nazzjonali għas-Sajd u l-Akkwakultura ġiet imsaħħa.

Kapitolu 10 Tassazzjoni

Fil-qasam tat-**tassazzjoni diretta**, ir-Rumanija wettqet ħafna mit-traspożizzjoni tad-Direttivi li jirrigwardaw it-taxxi indiretti fuq il-ġbir ta' kapital, l-amalgamazzjonijiet, il-kumpanniji *parent*-sussidjarja, l-interessi u r-*royalties* u t-tfaddil. Madankollu, jeħtieġ li ji ġu kkoreġuti diversi aspetti qabel l-adeżjoni. Fil-qasam tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza reċiproka, tlesta l-proċess ta' konformità tal-Kodiċi Fiskali. Aktar minn hekk ir-Rumanija abolixxiet il-ħwienet kollha ta' bejgħ ħieles mid-dazju fuq il-fruntieri tag ħha kollha ta' l-art. Sakemm jiġu adottati l-emendi, ir-Rumanija hija għalhekk ippreparata għall-adeżjoni f'dan il-qasam.

Sar progress fir-rigward tat-**tassazzjoni indiretta**. Il-Kodiċi Fiskali l-ġdid jiffinalizza l-konformità f'dan il-qasam, bit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-movimenti intra-komunitarji għall-kategoriji armonizzati kollha tal-prodotti u d-Direttiva dwar l-Ener ġija. Barra minn hekk ir-Rumanija laħqet il-livelli minimi tad-dazji għall-prodotti ta' l-ener ġija (barra l-petrol biċ-ċomb u ż-żejt karburanti tqil), il-prodotti ta' l-alkoħol u tat-tabakk u introdućiet ir-rata mnaqqsa tat-taxxa tas-sisa (50%) għall-konsum personali tal-koltivaturi żgħar tal-frott. Fil-qasam tal-VAT, il-Kodiċi Fiskali l-ġdid, li għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007, jelimina d-diskrepanzi pendenti ma' l-*acquis* u jintroduċi r-reġim intra-Komunitarju. Madankollu, il-Kodiċi Fiskali introduċa leġiżlazzjoni dwar it-tassazzjoni tal-vetturi li hija inkompatibbli mat-Trattat tal-KE u mal-Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Kapitolu 18 Edukazzjoni u Taħriġ

Fir-rigward tal-**programmi tal-Komunità** ġie deċiż li l-amministrazzjoni tal-programm futur taż-Żgħażagħ fl-Azzjoni tiġi delegata lil Aġenzija Nazzjonali konġunta għall-programmi tat-Tagħlim tul il-ħajja kollha u taż-Żgħażagħ fl-Azzjoni. Dan għandu jiġi segwit b'azzjoni xierqa sabiex jiġi assigurat li l-amalgamar isir f'kundizzjonijiet tajba. Protokoll bejn tliet partijiet huwa previst bejn il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u r-Riċerka, l-Awtorità Nazzjonali taż-Żgħażagħ u l-Aġenzija Nazzjonali sabiex jiġu assigurati l-koordinazzjoni u l-monitoraġġ, u jiġi ggarantit l-użu trasparenti u korrett tal-fondi.

Kapitolu 21 Politika reġjonali

Sar progress tajjeb fir-rigward ta' l-**istrutturi istituzzjonali** (kapaċità amministrattiva). Ir-Rumanija ssodisfat f'parti kbira l-pjanijiet tar-reklutaġġ u t-taħriġ. Beda l-proċess ta' formalizzazzjoni tad-delega tar-responsabbiltajiet mill-awtoritajiet amministrattivi sal-korpi intermedjarji. Ittieħdet xi azzjoni dwar il-proċeduri ta' koordinazzjoni. Il-preparazzjoni ta' sensiela ta' proġetti avanzat sewwa fil-parti l-kbira tas-setturi.

Sar ukoll progress tajjeb fir-rigward ta' l-**evalwazzjoni u l-monitoraġġ** peress li t-twaqqif tas-Sistema Unika ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Informazzjoni għamlet progress skond l-iskeda. Il-kapaċità ta' l-evalwazzjoni ġiet żviluppata aktar billi ġew imwaqqfa *units* ta' evalwazzjoni, ġiet abbozzata strateġija ta' evalwazzjoni, sar it-taħriġ u żdied l-għarfien.

Madankollu, jeħtieġ li jiġi rinfurzat il-bini tal-kapaċità fil-livelli kollha sabiex jiġi assigurat l-assorbiment sħiħ tal-fondi ta' l-UE waqt li jkun rispettat l-*acquis*. Il-proċeduri ta' l-għażla

ta' proġett u l-implimentazzjoni, b'mod partikolari, ser jeħtieġu attenzjoni mill-qrib sabiex jiġi assigurat li ma jibqgħux il-problemi evidenti bil-fondi ta' qabel l-adeżjoni.

Kapitolu 22 L-ambjent

Jista' jiġi nnotat progress tajjeb fir-rigward tal-**kapaċità amministrattiva** ġenerali. Sar ir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' l-istaff. Ġie mtejjeb t-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn il-livelli differenti ta' l-amministrazzjoni ta' l-ambjent. Madankollu, il-funzjoni konsultattiva tal-Ministeru u l-Aġenzija Nazzjonali ta' l-Ambjent lejn l-aġenziji reġjonali u lokali għad trid tiġi msaħħa. Jeħtieġ li l-postijiet ta' xogħol li baqa'jimtlew qabel l-adeżjoni u li jibqa' jsir it-taħriġ sabiex jiġu assigurati l-kwantità u l-kwalità xierqa ta' l-istaff.

Fil-qasam tal-**leġiżlazzjoni orizzontali**, l-allinjament leġiżlattiv jinsab komplut f'dak li jirrigwarda l-parteċipazzjoni u l-aċċess pubbliku għall-ġustizzja u l-implimentazzjoni g ħandha issir mingħajr dewmien.

Fil-qasam ta' l-**immaniġġjar ta' l-iskart**, saret traspożizzjoni sħiħa. Il-kapaċità amministrattiva ġiet imsaħħa u b'mod partikolari l-livell reġjonali huwa issa attrezzat aħjar sabiex jittratta l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* dwar l-iskart. Ġew finalizzati abbozzi ta' pjanijiet ta' mmaniġġjar reġjonali ta' l-iskart. Ittieħdu passi preparatorji importanti oħra sabiex jiġu implimentati d-direttivi dwar il-miżbliet artifiċjali, l-ippakkjar ta' l-iskart u l-iskart minn apparat elettriku u elettroniku. Mandankollu, il-funzjonijiet ta' gwida u ta' konsultazzjoni mil-livell nazzjonali għandhom jiġu mtejba.

Fir-rigward tal-**kwalità ta' l-ilma**, it-traspożizzjoni legali ġiet imwettqa. Il-monitoraġġ tal-kwalità ta' l-ilma ġie stabbilit skond il-parametri u l-frekwenzi kif definit mill-*acquis*. Ittie ħdu passi importanti oħra ta' implimentazzjoni inkluż l-identifikazzjoni ta' żoni fejn jittie ħed ilma għax-xorb u inventarju ġdid għall-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir u trattament ta' ilma għar-rimi. Komplew l-investimenti fl-infrastruttura ta' l-ilma u ġiet elaborata strate ġija finanzjarja ġdida.

Fil-qasam tat-**tniġġis industrijali**, jista' jiġi nnotat progress tajjeb fil-proċess ta' permessi soġġett għad-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (IPPC). Sal-31 ta' Awissu 2006, ġew sottomessi 549 applikazzjoni minn total preżenti ta' 607, li jeħtie ġu permess, u ġew maħruġa 272 permess. Il-proċess ta' liċenzjar ta' l-ilma ġie armonizzat mal-proċeduri tal-permessi IPPC sabiex b'hekk m'hemmx aktar riskju ta' dewmien f'dan il-proċess. Mandankollu, jibqa' importanti li l-permessi pendenti jinħarġu fil-ħin mingħajr ma titnaqqas il-kwalità.

Kapitolu 24 Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni

Sar ukoll progress fil-**kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**. Aktar minn 1,000 staff ġdid ġew reklutati mill-pulizija nazzjonali, il-parti l-kbira tagħhom jitħaddmu f'funzjonijiet prinċipali ta' ordni pubbliku. Inxtraw vetturi ġodda tar-ronda sabiex tiżdied l-abbiltà tal-pulizija li jilħqu' żoni rurali remoti. Il-kapaċità li l-kriminalità organizzata tiġi missielta ġiet imtejba wkoll mnħabba li ġew installati apparat ta' l-IT u *software*. Il-laboratorju forensiku rċieva apparat ġdid sabiex ikun jista' jsir l-analiżi tad-DNA.

Fil-**ġlieda kontra d-drogi**, il-livelli ta' l-istaff fi ħdan l-Aġenzija Nazzjonali Kontra d-Drogi żdiedu għall-aktar minn 95% tal-mira Rumena u ġew ridekorati seba' ċentri ta' gwida madwar il-pajjiż. Minn Mejju sas-26 ta' Ġunju inqabdu madwar 20 kg ta' drogi inkluż kważi 2 kg ta' eroina u aktar minn 1 800 pillola ta' l-ekstaży. B'żieda ma' dan, inqabdu aktar minn 63 kg u 440 litri ta' sustanzi kimiċi użati fil-produzzjoni tad-droga.

Fil-qasam tal-**kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali**, ġew ippubblikati gwidi *online* għall-imħallfin u l-prosekuturi li jiddiskrivu l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti wara l-adeżjoni. Qed ikomplu l-preparazzjonijiet għall-integrazzjoni tar-Rumanija fin-Netwerks Ġudizzjarji Ewropej u l-istituti ta' taħriġ rilevanti mexxew taħriġ f'dan il-qasam.

Kapitolu 28 Kontroll Finanzjarju

Ir-Rumanija adottat strateġija ġenerali għall-iżvilupp tal-**kontroll finanzjarju intern pubbliku** skond l-istandards internazzjonali u l-aħjar prattika ta' l-UE. L-implimentazzjoni tagħha qed tavanza u hija konformi ma' l-*acquis*. Il-kontroll finanzjarju preventiv qed jiġi integrat b'mod progressiv fl-isfera tar-responsabbiltà amministrattiva.

Fir-rigward tal-kontroll fuq l-infiq ta' l-azzjoni strutturali, l-Aġenziji għall-implimentazzjoni tal-fondi ISPA ta' qabel l-adeżjoni huma kompletament funzjonabbli u n ħarġet l-akkreditazzjoni tas-Sistema Estiża ta' Informazzjoni Deċentralizzata (EDIS) tas-sistema sħiħa ta' l-ISPA fir-Rumanija. Din hija prova li r-Rumanija waslet għall-kontroll sodisfaċenti fuq l-infiq ta' l-azzjoni strutturali. Madankollu, għall-fondi Phare ta' qabel l-adeżjoni l-verifika finalizzata EDIS għadha teħtieġ aktar azzjoni mir-Rumanija sabiex l-akkreditazzjoni tinħareġ qabel l-aħħar tas-sena.

2.3.2. Oqsma fejn għad jeħtieġ aktar progress

Kapitolu 1 Moviment liberu ta' l-oġġetti.

Xi żviluppi pożittivi jistgħu jiġu rraportati fil-qasam tal-leġiżlazzjoni tal-**metodu l-qadim** fir-rigward tal-kontroll tal-kultivazzjoni, il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' GMOs. Ir-Rumanija lestiet it-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà ta' l-ikel. Ġie stabbilt il-qafas regolatur meħtieġ sabiex tiġi mwaqqfa sistema ta' reġistrazzjoni u kontroll ta' l-uċuħ GMO, inkluża projbizzjoni, applikabbli ma' l-adeżjoni, ta' kultivazzjoni ta' soya GM.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

L-infurzar tal-qafas legali jeħtieġ titjib sinifikanti. B'mod partikolari, jeħtieġ li jitħaffu l-preparazzjonijiet għal sistema ta' kontroll definita tajjeb sabiex jiġi assigurat li l-ħsad kollu ta' l-2006 tas-sojja ġenetikament modifikata (GM) ikun ittieħed kont tiegħu, ikun intbag ħat fil-fabbriki li jipproċessawh u jkun ġie mmarkat bit-tikketti u ttraċċat skond ir-rekwi żiti tal-KE. Ir-Rumanija għadha mhux qed tassigura li ż-żerrigħat GM miżmuma fl-irziezet huma taħt kontroll sħiħ u li mhux ser jintużaw għall-kultivazzjoni wara l-adeżjoni. Il-laboratorji għall-ikel u l-għalf u għall-kwalità taż-żerriegħa għadhom m'humiex kompletament funzjonabbli. Jeħtieġ li l-awtoritajiet Rumeni jassiguraw implimentazzjoni prattika u effiċjenti tal-pjan ta' azzjoni tal-GMO, li kien elaborat f'Ġunju 2006.

Kapitolu 3 Libertà li jiġu pprovduti servizzi

Ir-Rumanija għamlet sforzi fis-settur **bankarju** sabiex tittrasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha r-regoli ġodda dwar ir-rekwiżit tal-kapital għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u għad-ditti ta' l-investiment. Madankollu, l-estratti mill-abbozz tal-leġiżlazzjoni pprovduti mill-awtoritajiet Rumeni għadhom ma jħallux lis-servizzi tal-Kummissjoni li jikkonfermaw jekk ir-Rumanija tkunx qed tagħmel traspożizzjoni korretta u kompleta tar-rekwiżiti ġodda tal-kapital għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u għad-ditti ta' l-investiment.

Fir-rigward tas-**settur ta' l-assigurazzjoni**, ġew innotati sforzi akbar fil-qasam ta' l-assigurazzjoni tal-vetturi kemm fir-rigward tat-tnaqqis tan-numru ta' vetturi mhux assigurati u kif ukoll fir-rigward tat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva.

L-istituzzjonijiet meħtieġa mid-Direttivi dwar l-Assigurazzjoni tal-Vetturi huma issa funzjonabbli. Il-Fond tal-Vittmi tat-Triq huwa responsabbli għall-amministrazzjoni taċ-Ċentru ta' Informazzjoni, il-Fond ta' Garanzija u l-Korp ta' Kumpens. Skema ta' riassigurazzjoni għall-Fond tal-Vittmi tat-Triq tinsab fil-proċess li tiġi konkluża. Aktar minn hekk, il-*Green Card Bureau* huwa issa finanzjarjament indipendenti. L-isfida ewlenija għar-Rumanija tibqa' l-iffirmar tal-Ftehim Multilaterali taħt il-patroċinju tal-Kunsill tal-*Bureaux* u kif ukoll il-Ftehim bejn il-korpi tal-ħlas ta' kumpens u l-fondi ta' garanzija qabel l-adeżjoni sabiex il-vetturi Rumeni jitħallew jiċċirkulaw fl-UE mingħajr spezzjonijiet fuq il-fruntiera ta' poloz ta' vetturi li jkopru r-responsabbiltà lejn terzi (MTPL) u sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni sħiħa tar-4 Direttiva dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi. Għalhekk hemm ir-riskju li wara l-adeżjoni jibqgħu meħtieġa l-ispezzjonijiet fuq il-fruntiera fuq poloz MTPL ta' vetturi Rumeni u li l-kumpens lejn vittmi ta' inċidenti tat-traffiku mill-korpi tal-ħlas ta' kumpens ma jingħatax jew jingħata biss parzjalment kif previst fl-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva.

Kapitolu 4 Moviment liberu tal-kapital

Sar xi progress **fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus**. L-Uffiċċju Nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ħareġ regolamenti sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet marbuta mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra il-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, l-istandards *know-your-customer* u l-kontroll intern għall-entitajiet ta' notifka mhux finanzjarji li m'humiex suġġetti għas-superviżjoni prudenzjali ta' l-awtoritajiet superviżorji eżistenti.

Madankollu, aktar sforzi għadhom meħtieġa sabiex jintlaħaq livell sodisfaċenti ta' infurzar u implimentazzjoni tal-qafas legali, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-għarfien ta' l-entitajiet ta' notifika barra mis-settur finanzjarju u s-superviżjoni ta' dawn l-entitajiet ta' notifika. Tibqa' l-ħtieġa ta' staff addizzjonali fl-Uffiċċju Nazzjonali għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-ħasil tal-flus, b'mod speċjali analisti finanzjarji, sabiex tikber il-kapaċità operazzjonali ta' l-Uffiċċju Nazzjonali. Sforzi mill-aġenziji kollha ta' l-infurzar tal-liġi, il-*Unit* ta' l-Intelliġenza Finanzjarja u s-sistema tal-Qorti huma meħtieġa sabiex jitjieb l-infurzar tal-leġiżlazzjoni kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

Kapitolu 5 Il-Liġi dwar il-kumpanniji

Filwaqt li r-Rumanija għamlet progress ġenerali fil-qasam tad-drittijiet tal-**proprjetà intellettwali u industrijali (IPR)**, aktar sforzi huma meħtieġa fil-qasam tad-drittijiet ta' l-awtur. Ġew notifikati miżuri ta' implimentazzjoni relatati ma' invenzjonijiet bioteknoloġi ċi. Qed isiru l-preparazzjonijiet għat-twaqqif ta' l-infrastruttura meħtieġa għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijet għaċ-Ċertifikat ta' Protezzjoni Supplimentari. Aktar minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni pprovdew kjarifika fir-rigward tal-*collecting societies*. Fir-rigward ta' l-infurzar, l-awtoritjaiet Rumeni żiedu l-isforzi tagħhom sabiex inaqqsu il-kriminalità relatata mal-proprjetà intellettwali u sabiex titjieb il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u mas-settur privat. Madankollu, l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur għadu m'huwiex kompletament konformi ma' l-*acquis* fir-rigward ta' l-esklużjoni ta' ċerti programmi tat-TV mill-obbligazzjoni li jitħallsu r-*royalties* u limitazzjoni ġenerali fuq il-ħlas tad-drittijiet assoċjati.

Kapitolu 7 Agrikoltura

L-Aġenzija tal-Ħlas u ta' l-Intervent assumiet ir-responsabbiltà għall-**mekkaniżmi tal-kummerċ** u protokoll dwar il-kooperazzjoni inter-istituzzjonali ġie ffirmat bejn l-aġenzija u l-Awtorità Nazzjonali tad-Dwana għall-amministrazzjoni taċ-ċertifikati ta' l-importazzjoni/esportazzjoni. Tjiebet il-kooperazzjoni bejn il-Veterinarju Sanitarju Nazzjonali u l-Awtorità tas-Sigurtà ta' l-Ikel. Ġew ippreparati manwali ta' prċeduri. Madankollu, il-leġiżlazzjoni neċessarja fil-qasam tal-mekkaniżmi tal-kummerċ għadha m'hijiex disponibbli. Ma' l-adeżjoni, hemm riskju li l-istaff rilevanti ma jkunx kompletament funzjonabbli f'dan il-qasam

Ebda żvilupp ma jista' jiġi rraportat fir-rigward tal-**politika tal-kwalità** fejn is-servizzi ta' l-ispezzjoni jeħtieġu li jiġu msaħħa. Filwaqt li s-sistema ta' kontroll għan-**nutrizzjoni ta' l-annimali** tinsab f'postha, għadha m'hijiex implimentata biżżejjed. Fil-qasam tas-**saħħa veterinarja pubblika**, għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex ma' l-adeżjoni jitlesta l-mekkaniżmu għat-trattazzjoni tal-ħalib mhux ipproċessat li ma jkunx konformi. Fir-rigward tal-**kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali** u l-**kontroll tal-mard ta' l-annimali**, ir-Rumanija ssottomettiet pjan globali għall-monitoraġġ, il-kontroll u t-tneħħija tad-deni klassiku tal-ħnieżer. Madankollu l-monitoraġġ u l-kapaċitajiet ta' kontroll ġenerali tas-servizzi veterinarji għandhom jiġu msaħħa ħafna.

Kapitolu 10 Tassazzjoni

Sar xi progress fil-qasam tal-**kapaċità amministrattiva**. Qed isiru numru ta' azzjonijiet (leġiżlattivi u operazzjonali) sabiex tiġi mtejba r-rata tal-ġbir tat-taxxa. Filwaqt li r-rata tal-ġbir tat-taxxa baqgħet f'livelli baxxi, hija wriet titjib li jeċċedi dak li jista' jkun spjegat biss minn kundizzjonijiet ċikliċi.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Filwaqt li l-kapaċità operazzjonali ta' l-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali qed tikber bil-mod, hija għadha fil-bżonn ta' titjib sinifikanti. Il-kapaċità tagħha tal-ġbir u l-kontroll għadha dgħajfa, u waqt li r-rata tal-ġbir tat-taxxa bħala persentaġġ tal-GDP tjiebet xi ftit; ir-riżultati attwali ta' l-azzjonijiet riċenti huma mħallta. Per eżempju, ħafna miż-żieda fil-ġbir tal-VAT jista' jiġi attribwit għal rata akbar ta' ġbir fl-importazzjoni.

Sabiex tlesti l-preparazzjoni f'dan il-qasam, ir-Rumanija teħtieġ issostni u żżid l-isforzi tagħha sabiex tassigura livell adegwat ta' konformità fiskali u ġbir, u b'hekk tkun tista' ttejjeb l-kapaċità amministrattiva ta' l-amministrazzjoni tagħha tat-taxxa.

Kapitolu 13 Politika soċjali u xogħol

Kien hemm xi progress fil-kuntest leġiżlattiv, b'mod partikolari fir-rigward tas-**saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol**. Mandankollu, għad jeħtieġ li jitlesta malajr l-allinjament legali fl-oqsam tal-**Liġi tax-Xogħol** u t-**trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel**. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għat-tkomplija tat-traspożizzjoni fil-qasam tas-**saħħa pubblika**, bħal mard li jittieħed, ir-reklamar tat-tabakk u d-demm u t-tessuti. Jeħtieġ li jibqgħu jsiru sforzi sabiex tintlaħaq l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u sabiex tissaħħaħ aktar il-kapaċità amministrattiva f'dawn l-oqsma.

Għalkemm ir-rappreżentattività tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tjiebet permezz ta' żieda fin-numru tal-membri tagħha, hemm ħtieġa li jitkomplew l-isforzi sabiex jitjieb id-**djalogu soċjali** b'mod ġenerali, partikolarment sabiex issir promozzjoni tad-djalogu dgħajjef bejn i ż-żewġ partijet, jiġu ċċarati l-kriterji tar-rappreżentattività u jiġu solvuti l-materji pendenti tal-fragmentazzjoni u n-nuqqas ta' kapaċità ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-imsieħba soċjali. Aktar sforzi huma wkoll meħtieġa sabiex jiġi mtejjeb l-istatus tas-saħħa tal-popolazzjoni u l-aċċess għas-saħħa u l-kura tas-saħħa, b'mod speċjali fil-livell reġjonali u fi ħdan gruppi soċjo-ekonomiċi u minoritajiet aktar fqar.

Għalkemm sar ħafna progress fil-preparazzjonijiet għall-**Fond Soċjali Ewropew**, dawn je ħtieġu li jiġu mħeffa, prinċipalment billi tiżdied il-kapaċità amministrattiva u l-preparazzjoni tas-sensiela ta' proġetti.

Fil-qasam ta' l-**inklużjoni soċjali**, jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi sabiex tiġi mtejba s-sitwazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, bħar-Roma, u ssir promozzjoni ta' l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà.

Kapitolu 15 Politika Industijali

Kien hemm ftit progress fir-rigward tal-**privatizzazzjoni u r-ristrutturar**. Il-preparazzjonijiet tar-Rumanija f'dan il-qasam għandhom ikomplu fix-xhur li baqa'. *(Ara wkoll is-sezzjoni ekonomika.)*

Kapitolu 20 Kultura u politika Awdjoviżiva

Fil-qasam tal-**politika awdjoviżiva**, l-emendi adottati dan l-aħħar għal-Liġi dwar iċ-ċinematografija jonqsu milli jagħtu garanzija ta' applikazzjoni effettiva tal-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità. Azzjoni mgħaġġla hija issa meħtieġa sabiex jiġi assigurat li l-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità jkun verament inkorporat fil-Liġi dwar iċ-ċinematografija qabel l-adeżjoni, biex b'hekk din il-leġiżlazzjoni tkun kompletament konformi ma' l-*acquis*. Il-preparazzjonijiet tar-Rumanija f'dan il-qasam għandhom ikomplu fix-xhur li baqa'.

Kapitolu 21 Politika reġjonali

Fil-qasam ta' l-**amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju,** id-definizzjoni taċ-ċirkuwiti tal-ħlas u ċ-ċertifikazzjoni tinsab fil-proċess li ssir.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

Il-proċeduri għad iridu jiġu ttestjati taħt il-koordinazzjoni ta' l-awtorità li tiċċertifika. Il-mekkaniżmi tal-kofinanzjament għad iridu jiġu fformulati fi ħdan il-programmi operazzjonali sabiex jiġi ċċarat id-dmir tal-benefiċjarji finali. Ir-Rumanija għadha ma bdietx tapplika s-sistema stabbilita tal-kontroll ex-ante fil-kuntest tal-ksib pubbliku. Għad iridu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet għal taħriġ speċjalizzat (l-amministrazzjoni finanzjarja, il-ksib pubbliku, l-evalwazzjoni ta' proġetti, eċċ).

Kapitolu 22 L-ambjent

Fir-rigward tal-**protezzjoni tan-natura**, ġew imħaffa l-preparazzjonijiet għan-Netwerk Natura 2000. Madankollu, jibqa' ċertu tħassib. L-iskeda stretta taż-żmien għall-aħħar passi tal-kumpilazzjoni tal-lista nazzjonali tas-siti ta' Natura 2000 inkluż il-proċess ta' konsultazzjoni pubbliku tirrapreżenta sfida kbira. Jeħtieġ li tiġi stabbilita mingħajr dewmien kapaċità amministrattiva suffiċjenti.

Kapitolu 24 Ġustizzja u affarijiet interni

Sar xi progress fir-rigward ta' l-***acquis* ta' Schengen u l-amministrazzjoni tal-fruntiera esterna futura ta' l-UE**. Il-Pjan ta' Azzjoni Schengen ġie aġġornat f'Mejju 2006 u għadu qed jiġi implimentat skond l-iskeda. F'Ġunju l-Pulizija Rumena tal-Fruntiera assumiet l-istaff komplet tul il-fruntiera esterna futura ta' l-UE. Barra minn hekk il-Gvern approva pjan sabiex f'Ġunju tiġi implimentata s-Sistema nazzjonali ta' l-Informazzjoni Schengen tar-Rumanija. Ġew imnedija sejħiet għas-sistema ta' sorveljanza permezz tar-radar għall-Baħar l-Iswed u kif ukoll għall-partijiet mis-sistema ta' komunikazzjoni mobbli li g ħandhom jintużaw fis-sistema integrata ta' l-amministrazzjoni tal-fruntiera. F'Awissu r-Rumanija ffirmat ftehim dwar ir-reġim tal-fruntiera ta' l-istat mal-Bulgarija li jkopri l-kooperazzjoni u l-għajnuna reċiproka fuq materji ta' kontroll tal-fruntiera.

Madankollu, jibqa' ċertu tħassib.

It-theddida tat-traffikar tal-bnedmin, il-migrazzjoni illegali u l-kuntrabandu fuq il-fruntieri Rumeni għadha kbira. Sforzi kontinwi ser ikunu meħtieġa sabiex is-sistema integrata ta' l-amministrazzjoni tal-fruntiera tkun kompletament funzjonabbli sa l-2009 kif pjanat. Jeħtieġ li jingħata taħriġ lill-gwardjani kollha reklutati dan l-aħħar sabiex jiġi assigurat li dawn ikunu jistgħu jipprovdu livell għoli ta' kontroll fuq il-fruntiera u għadu meħtieġ xi staff addizzjonali fi ħdan il-Pulizija tal-Fruntiera.

Fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-**ġlieda kontra l-ħasil tal-flus**, għad iridu jiġu indirizzati ċerti materji (ara Kapitolu 4).

Fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, kien hemm seba' akkużi oħra għall-korruzzjoni ta' livell għoli (ara s-sezzjoni tal-politika).

Madankollu jibqa' ċertu tħassib.

Hemm nuqqas ta' informazzjoni ċara fuq il-fruntieri f'ċerti lingwi essenzjali (partikolarment it-Tork) u l-multi imposti fuq is-sewwieqa tat-trakkijiet mhux dejjem ikollhom bażi legali ċara u għalhekk l-ammont attwalment mitlub jista' fil-prattika jvarja ħafna. Il-proċessi kriminali, il-kundanni u s-sentenzi ta' deterrent għal dawk misjuba ħatja huma meħtieġa sabiex tiġi assigurata l-irriversabilità tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Kapitolu 28 Kontroll Finanzjarju

Jibqa' ċertu tħassib fir-rigward ta' l-oqsma li ġejjin ta' dan il-Kapitolu.

Aktar sforzi għadhom meħtieġa sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija tar-Rumanija għal **kontroll finanzjarju intern pubbliku**. Fil-qasam tal-**verifika esterna**, liġi organika ġdida għall-Qorti tal-Kontabilità, b'konformità ma' l-emendi kostituzzjonali ta' l-2003 tar-Rumanija (u b'referenza għall-indipendenza finanzjarja soda tal-Qorti), g ħadha ma ġietx adottata. Jeħtieġ li l-Qorti, bħala istituzzjoni suprema ta' verifika, tiġi msa ħħa aktar sabiex jiġi assigurat li l-istruttura, it-tmexxija u l-attività ta' l-istituzzjoni ma jkunux influwenzati politikament. Is-sitwazzjoni preżenti ma tassigurax li l-Qorti tista' te żerċita l-funzjonijiet tagħha b'indipendenza sħiħa, b'newtralità u bl-standards professjonali l-aktar għolja.

3. Traduzzjoni ta' l-*acquis* għar-Rumen

Ir-Rumanija għad trid tittraduċi madwar 8 % ta' l-*acquis* (madwar 7 000 paġna) u tirrevedi madwar 12 % (madwar 11 500 paġna). Meħuda flimkien mas-sitwazzjoni fi stadji oħra ta' produzzjoni (*proofreading*, korrezzjoni, finalizzazzjoni mir-riveżuri legali ta' l-istituzzjonijiet) dan ifisser li madwar 47 % mit-total ta' paġni (jiġifieri, madwar 44 000 pa ġna) għadhom ma ġewx ippreparati għall-Edizzjoni Speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali li għandu jiġi ppubblikat fid-data tat-tkabbir.

Huwa ta' importanza kbira li l-*acquis* jiġi kollu tradott u rivedut qabel l-adeżjoni sabiex ti ġi assigurata ċ-ċertezza legali tal-leġiżlazzjoni sekondarja. Ir-Rumanija hija mistiedna żżid l-isforzi tagħha sabiex twettaq dan l-għan.